Il-Kummissjoni Ewropea

# Grupp ta’ Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità

## Sottogrupp għad-*Data* dwar l-Ugwaljanza

## Nota ta’ gwida dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ

Justice and Consumers

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi
Direttorat D – Ugwaljanza u Nondiskriminazzjoni
Unità D1 - Nondiskriminazzjoni: LGBTIQ, Età u Kwistjonijiet Orizzontali
*Il-Kummissjoni Ewropea*

*B-1049 Brussell*

# Nota ta’ gwida dwar il-ġbir u l-użu ta’ *data* għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ

**Dan id-dokument tfassal mis-Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza tal-Grupp ta’ Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità.**

Is-Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza huwa magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri tal-UE u min-Norveġja, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Eurostat, mill-Eurofound, mill-EIGE u mill-FRA. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri huma esperti minn dipartimenti governattivi li jittrattaw il-politiki tan-nondiskriminazzjoni, istituti nazzjonali tal-istatistika u korpi tal-ugwaljanza. Dan jipprovdi forum għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u għall-istituzzjonijiet tal-UE, biex jiddiskutu l-isfidi u l-opportunitajiet ħalli jittejbu l-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza.

Is-Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza jixtieq jesprimi l-gratitudni tiegħu lill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u lil żewġ esperti esterni, Joz Motmans u Aisa Burgwal, għall-kontribut estensiv tagħhom fl-iżvilupp ta’ din in-nota ta’ gwida, abbażi tal-għarfien estensiv u l-għarfien espert tagħhom.

Il-manuskritt tlesta f'Marzu 2023

PDF ISBN 978-92-68-05054-5 doi:10.2838/398439 DS-03-23-327-EN-N

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Għajr jekk jingħad mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat skont liċenzja ta' Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.

org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess dment li jingħata kreditu xieraq u li tiġi indikata kwalunkwe bidla.

# Werrej


Werrej 7

1. L-isfond ta' din il-Gwida u l-iskop tagħha 9
1.1. Ħtieġa ta' *data* għal għażliet ta' politika infurmati ........................................ 10
1.2. X'inhi "*data* dwar l-ugwaljanza"? ............................................................ 12
1.3. Għan u struttura ta' din in-nota ta' gwida.................................................... 14

2. L-isfidi, il-protezzjoni tad-*data*, u kunsiderazzjonijiet etiċi oħra fil-ġbir u fl-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC 18
2.1. L-isfidi fil-ġbir u fl-użu tad-*data* relatata mas-SOGIESC.................................. 18
2.2. Ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* ma jipprevjenux il-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC........................................................... 23
2.3. Kunsiderazzjonijiet etiċi fir-rigward tad-*data* relatata mas-SOGIESC ............. 25

3. Prinċipji ġenerali għall-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC 30
3.1. Wettaq valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-utenti u tal-utenti potenzjali tad-*data* diżaggregati skont l-SOGIESC ................................................................ 30
3.1.1. Motivazzjoni ........................................................................................ 30
3.1.2. Gwida ................................................................................................. 30
3.2. Identifika s-sorsi ta' *data* eżistenti li jipprovdu informazzjoni dwar is-SOGIESC ......................................................................................................... 31
3.2.1. Motivazzjoni ........................................................................................ 31
3.2.2. Gwida ................................................................................................. 32
3.3. Allinja d-definizzjonijiet u l-kategorizzazzjonijiet relatati mas-SOGIESC.......... 34
3.3.1. Motivazzjoni ........................................................................................ 34
3.3.2. Gwida ................................................................................................. 35
3.4. L-informazzjoni ġenerali relatata mas-SOGIESC fl-istħarriġiet nazzjonali u tal-UE kollha.......................................................................................... 37
3.4.1. Motivazzjoni ........................................................................................ 37
3.4.2. Gwida ................................................................................................. 44
3.5. L-integrazzjoni ta' approċċ intersezzjonali fil-ġbir u l-użu tad-*data* tas-SOGIESC ......................................................................................................... 48
3.5.1. Motivazzjoni ........................................................................................ 49
3.5.2. Gwida ................................................................................................. 49
3.6. Ipprovdi baġit suffiċjenti għal stħarriġ regolari biex tinġabar *data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC.......................................................... 51
3.6.1. Motivazzjoni ........................................................................................ 51
3.6.2. Gwida ................................................................................................. 51

**3.7. Iffaċilita l-użu effettiv tad-*data* dwar l-ugwaljanza relatata mal-SOGIBC biex tissaħħaħ u tittejjeb l-ugwaljanza tal-LGBTIQ ........ 52**

3.7.1. Motivazzjoni ........ 53

3.7.2. Gwida ........ 54

**4. Kif għandha tinġabar informazzjoni relatata mas-SOGIESC 57**

**4.1. Kif għandha tinġabar *data* dwar l-orjentazzjoni sesswali ........ 58**

4.1.1. Motivazzjoni ........ 58

4.1.2. Gwida ........ 61

4.1.3. Eżempji għall-kejl tal-orjentazzjoni sesswali ........ 63

**4.2. Kif għandha tinġabar id-*data* dwar is-sess u l-ġeneru (identità) ........ 65**

4.2.1. Motivazzjoni ........ 65

4.2.2. Gwida ........ 70

4.2.3. Eżempji dwar kif għandha tinġabar id-*data* dwar is-sess, il-ġeneru u l-identità tal-ġeneru 72

**4.3. Kif għandha tinġabar id-*data* dwar l-espressjoni tal-ġeneru ........ 77**

4.3.1. Motivazzjoni ........ 77

4.3.2. Gwida ........ 79

4.3.3. Eżempji ta' kejl tal-espressjoni tal-ġeneru ........ 80

**4.4. Kif għandha tinġabar id-*data* dwar il-karatteristiċi tas-sess ........ 82**

4.4.1. Motivazzjoni ........ 82

4.4.2. Gwida ........ 84

4.4.3. Eżempji ta' miżuri intersess ........ 85

**Anness: Glossarju 89**

# 1. L-isfond ta' din il-Gwida u l-iskop tagħha

L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea (UE). Dawn il-valuri huma minquxa fit-Trattati tal-UE[1] u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[2]. Dawn jiffurmaw ukoll parti integrali mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[3].

F'dawn l-aħħar deċennji, l-iżviluppi leġiżlattivi u l-inizjattivi ta' politika fil-livell nazzjonali u tal-UE għenu biex jinbnew soċjetajiet aktar inklużivi, inkluż għall-persuni leżbjani, gay, bisesswali, asesswali, trans, intersesswali u queer (LGBTIQ)[4]. B'mod partikolari, f'Novembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-ewwel Strateġija ta' ugwaljanza LGBTIQ 2020-2025[5] li qatt ħarġet. L-istrateġija twettaq l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tibni unjoni ta' ugwaljanza u tagħti bidu għal era ġdida fl-isforzi fil-livell Ewropew biex tiġi promossa l-ugwaljanza għall-persuni LGBTIQ.

Madankollu, stħarriġ reċenti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar il-persuni LGBTI fl-UE jagħti lok għal tħassib. L-istħarriġ kien l-akbar wieħed tat-tip tiegħu li jipprovdi informazzjoni dwar ir-realtajiet li jgħixu l-persuni LGBTI fl-UE. Dan jindika r-rati ta' diskriminazzjoni persistenti u ta' tħassib, il-vjolenza b'motivi ta' preġudizzju, u l-fastidju kontra l-persuni LGBTIQ. Hemm bżonn li niġbru b'mod urġenti *data* robusta u komparabbli sabiex inkunu nistgħu nkejlu l-progress fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. Madankollu, l-informazzjoni dwar ir-realtajiet li jgħixu l-persuni LGBTIQ madwar l-UE ma hijiex kompluta u hija frammentata. Meta d-*data* tkun disponibbli, spiss ma tkunx komparabbli biżżejjed jew tkun ta' kwalità baxxa.

---

[1] L-Artikolu 10 TFUE u l-Artikolu 2 TUE.
[2] Artikolu 21.
[3] Prinċipju 3.
[4] Il-persuni LGBTIQ huma persuni: (i) li huma attirati lejn persuni oħra tal-ġeneru tagħhom stess (leżbjani, gay) jew ta' diversi ġeneri (bisesswali, pansesswali), jew li jesperjenzaw ftit jew l-ebda attrazzjoni sesswali u/jew emozzjonali (asesswali, aromantiċi); (ii) li l-identità u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom ma tikkorrispondix mas-sess li ġew assenjati fit-twelid (trans, mhux binarji); (iii) li jitwieldu b'karatteristiċi tas-sess li ma jaqblux mad-definizzjoni tipika ta' raġel jew mara (intersesswali); u (iv) li l-identità tagħhom ma tidħolx fi klassifikazzjoni binarja ta' sesswalità u/jew ġeneru (queer). Ara l-Kummissjoni Ewropea (2020), Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM(2020) 698 final, Brussels, 12 ta' Novembru 2020, p. 3.
[5] L-istrateġija tibni fuq il-lista ta' azzjonijiet biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza tal-LGBTI għall-2015-2019, li kienet l-ewwel qafas ta' politika li speċifikament jiġġieled id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI. Ara: Il-Kummissjoni Ewropea (2020), Final report 2015-2019 on the list of actions to advance LGBTI equality, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet).

Filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' aktar informazzjoni u informazzjoni aħjar relatata mal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess (SOGIESC), fl-2020 il-Kummissjoni Ewropea stiednet lill-FRA u lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) "[…] biex ikomplu jipprovdu lill-Istati Membri b'assistenza teknika u appoġġ metodoloġiku dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' eżerċizzji ta' ġbir ta' *data* dwar persuni LGBTIQ kemm fuq bażi unika jew diversi bażijiet[6]".

## 1.1. Ħtieġa ta' *data* għal għażliet ta' politika infurmati

"*Data* dwar l-ugwaljanza li tkun affidabbli u komparabbli se tkun kruċjali għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ta' persuni LGBTIQ u biex tindirizza l-inugwaljanzi b'mod effettiv".

L-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ (2020-2025)

Għan ewlieni ta' kwalunkwe proċess ta' ġbir tad-*data* huwa li tinġabar informazzjoni li tista' tgħin biex: (i) tixpruna l-bidla; (ii) tfassal politiki u programmi bbażati fuq l-evidenza u mmirati; u (iii) tiżgura baġits li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' gruppi differenti ta' persuni. Id-*data* tirrifletti l-identitajiet, l-esperjenzi u l-ħtiġijiet tan-nies u tal-komunitajiet li għandhom id-dritt li jinstemgħu u li jiġu rrispettati. Kulħadd għandu jkun jista' jara lilu nnifsu u l-identitajiet tiegħu rrappreżentati fi stħarriġ u fi strumenti oħra għall-ġbir tad-*data*[7]. Madankollu, id-diversità tal-persuni LGBTIQ tradizzjonalment ma kinitx viżibbli fl-istħarriġ nazzjonali jew fis-sorsi tad-*data* amministrattiva[8].

Dan in-nuqqas ġenerali ta' evidenza statistika – jew mhux kompluta – dwar l-identitajiet u l-esperjenzi tal-persuni LGBTIQ jagħmilha diffiċli li jiġu vvalutati d-daqs/il-prevalenza reali tad-diskriminazzjoni, l-inugwaljanzi strutturali, il-kriminalità motivata minn preġudizzji, u l-fastidju li jġarrbu l-persuni LGBTIQ. In-nuqqas ta' *data* dwar l-ugwaljanza jagħmilha wkoll diffiċli li tiġi mmonitorjata u evalwata l-effettività tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki biex jiġu indirizzati l-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni tal-LGBTIQ. Ħafna stħarriġiet u eżerċizzji ta' riċerka li jintużaw biex jinformaw il-politika ma jistaqsux: (i)

[6] Il-Kummissjoni Ewropea (2020), Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM(2020) 698 final, Brussell, 12 ta' Novembru 2020, p. 24.
[7] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, Washington, DC: The National Academies Press, p. 6.
[8] "*Data* amministrattiva" tirreferi għad-*data* li tinsab f'tali rekords li tinġabar u tinżamm minn aġenzija tal-gvern.

mistoqsijiet relatati mas-SOGIESC; jew (ii) mistoqsijiet dwar l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-SOGIESC. Dan jista' jagħmel il-persuni LGBTIQ inviżibbli fis-settijiet ta' *data* nazzjonali u internazzjonali u għall-isforzi ta' monitoraġġ fir-rigward tat-trattament ugwali.

Sabiex isiru għażliet ta' politika infurmati għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u għat-trawwim ta' trattament ugwali, il-leġiżlaturi u dawk li jfasslu l-politika jeħtieġu *data* dwar il-pożizzjonament soċjali tan-nies u dwar l-esperjenzi tagħhom ta' diskriminazzjoni abbażi tas-SOGIESC. S'issa, ftit li xejn kien hemm ġbir sistematiku u rikorrenti ta' *data* dwar il-persuni LGBTIQ madwar l-UE, u fejn teżisti *data* tas-SOGIESC, din tvarja ħafna fl-ambitu u fil-kwalità. Ftit Stati Membri biss jiġbru *data* dwar is-SOGIESC, filwaqt li oħrajn iżommu lura deliberatament milli jagħmlu dan, kif muri mir-rapport tal-Kummissjoni tal-2017 dwar il-ġbir tad-*data* fir-rigward tal-persuni LGBTIQ. L-informazzjoni tissuġġerixxi li, għalkemm id-disponibbiltà tad-*data* dwar l-orjentazzjoni sesswali hija ġeneralment baxxa, xorta għadha konsiderevolment akbar mid-disponibbiltà tad-*data* dwar l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, jew il-karatteristiċi tas-sess. Kif tenfasizza l-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ, dan juri li hemm bżonn li jittejbu l-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ[9].

## Kaxxa A 1 – Sottogrupp għad-*Data* dwar l-Ugwaljanza

Fl-2018, il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità (HLG) stabbilixxa Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza (is-sottogrupp) sabiex jappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza. Huwa ta l-kompitu lill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) sabiex tiffaċilita l-ħidma tas-Sottogrupp, f'konformità mal-mandat tal-Aġenzija li tiżviluppa metodi u standards sabiex ittejjeb il-komparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-*data* dwar l-ugwaljanza fil-livell Ewropew.[10]

Sal-lum, is-Sottogrupp żviluppa:

- sett ta' linji gwida mhux vinkolanti dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza;
- kompendju ta' prattiki promettenti għall-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza implimentati fil-livell nazzjonali;
- għodda dijanjostika tal-immappjar sabiex tgħin lill-Istati Membri jidentifikaw sorsi eżistenti ta' *data* dwar l-ugwaljanza u jidentifikaw lakuni fid-*data* tagħhom;

[9] Il-Kummissjoni Ewropea (2020), l-Istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, COM(2020) 698 final, Brussell, 12 ta' Novembru 2020, p. 22.
[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ĠU L 53, 22.2.2007.

- gwida prattika lill-Istati Membri dwar it-titjib tal-ġbir tad-*data* dwar l-oriġini razzjali jew etnika.

## 1.2. X'inhi "*data* dwar l-ugwaljanza"?

Il-*Manwal Ewropew dwar id-data dwar l-ugwaljanza*, u l-*Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza* jiddefinixxu "*data* dwar l-ugwaljanza" bħala kwalunkwe biċċa informazzjoni li hija utli għall-finijiet tad-deskrizzjoni, l-analiżi, ir-raġunament dwar u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-istat tal-ugwaljanza. Din l-informazzjoni tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva fin-natura tagħha. Tista' tinkludi *data* aggregata li tirrifletti l-inugwaljanzi u l-kawżi jew l-effetti tagħhom fis-soċjetajiet[11].

L-istatistika dwar l-ugwaljanza tista' tinġabar minn diversi sorsi ta' *data*, bħaċ-ċensiment tal-popolazzjoni; reġistri amministrattivi; stħarriġiet tal-unitajiet domestiċi u dawk individwali; stħarriġiet dwar il-vittimizzazzjoni; u stħarriġiet dwar l-attitudni. Sorsi oħra jinkludu: (i) *data* dwar l-ilmenti (inklużi profili aggregati ta' ilmentaturi u trasgressuri); (ii) *data* dwar il-ġustizzja kriminali (inklużi statistika tal-qorti u *data* dwar l-eżiti tal-kawżi tal-qorti, u kumpens offrut/sanzjonijiet applikati); u (iii) modi oħra ta' ġbir tad-*data* (bħall-ittestjar tad-diskriminazzjoni u l-monitoraġġ tad-diversità minn min iħaddem, minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u minn fornituri ta' servizzi).

*Data* diżaggregata skont ċerti karatteristiċi personali (inklużi l-età, is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, jew li tkun intersesswali/li jkollok varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess) tista' tintuża biex tiġi ġġenerata *data* dwar l-ugwaljanza, f'livell aggregat għal skopijiet statistiċi, jekk dan isir b'mod volontarju u f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet legali dwar il-protezzjoni tad-*data* (ara t-Taqsima Nru **2.2** ta' dan id-dokument ta' gwida)

**Kaxxa A 2– Intelliġenza artifiċjali**

[11] Il-Kunsill Nazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija tal-Istati Uniti jiddistingwi bejn tliet tipi ta' *data*, li kollha huma essenzjali għat-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza:
"a) *Data* li tgħinna nifhmu l-kwantità ta' persuni li għandhom esperjenza jew karatteristika partikolari ("kwantità" jew "*data* ta' prevalenza"); b) *Data* li tgħinna nifhmu kif in-nies jesperjenzaw is-sistemi b'mod differenti ("kwalità" jew "*data* dwar id-differenza"); u c) *Data* li tgħinna nifhmu jekk il-politiki u l-interventi jaħdmux għal popolazzjonijiet differenti ("fehim ta' x'jaħdem" jew "*data* ta' valutazzjoni")."
Ara s-Sottokumitat dwar l-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru, u l-Varjazzjonijiet fid-*Data* dwar il-Karatteristiċi Sesswali (SOGI) u s-Sottokumitat dwar *Data* Ekwitabbli tal-Kunsill tax-Xjenza u t-Teknoloġija Nazzjonali (2023) 8, Aġenda dwar l-Evidenza Federali dwar l-Ekwità tal-LGBTQI+, *Gvern tal-Istati Uniti*, p. 8.

Żvilupp importanti u relattivament reċenti jikkonċerna l-użu ta' *data* għall-ħolqien ta' algoritmi biex jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet u sistemi tal-intelliġenza artifiċjali. Tali algoritmi u sistemi tal-intelliġenza artifiċjali spiss ikunu bbażati fuq ipproċessar kumpless tad-*data*, bil-għan li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod aktar effiċjenti u xi drabi bil-għan li jkun hemm awtomatizzazzjoni sħiħa tal-proċessi.

Dawn it-teknoloġiji xprunati mid-*data* jeħtieġ li jagħmlu l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni kunsiderazzjoni ewlenija. Kif intwera mir-rapport reċenti tal-FRA[12], l-algoritmi għandhom potenzjal sinifikanti għal preġudizzju diskriminatorju. Il-preġudizzji ta' spiss ikunu inerenti f'*data* li ta' spiss tintuża biex jinbnew l-algoritmi u s-sistemi tal-IA, l-hekk imsejħa *data* għat-taħriġ. Pereżempju, is-simulazzjoni tal-FRA ta' algoritmi biex jiġi identifikat diskors offensiv użat *data* għat-taħriġ li kienet tikkonsisti minn posts reali tal-media soċjali li kienu ġew indikati bħala offensivi jew mhux offensivi[13]. Il-każijiet ta' mibegħda online fid-*data* spiss kienu diretti lejn persuni LGBTIQ, Musulmani u Lhud. B'riżultat ta' dan, fis-simulazzjoni tal-FRA tal-algoritmi biex jiġi identifikat diskors offensiv, it-termini marbuta mal-orjentazzjoni sesswali bħal "gay" kienu aktar spiss indikati b'mod żbaljat bħala offensivi, kif kienu ġew indikati termini bħal "Musulman" u "Lhudi"[14]. L-immarkar eċċessiv jista' jkun ta' għajnuna biex jiġu identifikati u miġġielda każijiet ta' diskors ta' mibegħda fil-konfront ta' dawn il-gruppi. Madankollu, dan jista' jkollu l-effett negattiv li l-kontenut tal-membri ta' dawn il-gruppi jiġi indikat b'mod sproporzjonat bħala offensiv[15], li jsir partikolarment problematiku jekk il-kontenut indikat ma jkunx soġġett għal rieżami mill-bniedem[16].

Huwa meħtieġ li jiġu analizzati l-algoritmi għall-preġudizzju, inkluż billi tiġi vverifikata d-*data* għat-taħriġ għas-sorsi ta' preġudizzju u billi jiġu vverifikati r-riżultati tal-algoritmi nfushom. Anke meta ma jkun hemm l-ebda informazzjoni diretta dwar il-karatteristiċi protetti inklużi fid-*data*, l-użu tal-algoritmi xorta jista' jwassal għal diskriminazzjoni minħabba *data* li tkun korrelatata ħafna mal-karatteristiċi protetti (indikaturi). Eżempju partikolarment problematiku huwa t-tfassil ta' profil algoritmiku użat mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li jużа tekniki differenti biex jidentifika lin-nies abbażi ta' korrelazzjonijiet u xejriet fid-*data*[17]. It-tfassil ta' profili li jirriżulta f'diskriminazzjoni bbażata fuq karatteristiċi protetti huwa illegali[18], iżda jista' jkun diffiċli li jiġi identifikat. Il-biċċa l-kbira tal-preġudizzju algoritmiku jirriżulta f'diskriminazzjoni indiretta permezz ta' indikaturi (bħal viċinati jew ismijiet bħala indikatur għall-etniċità, jew id-daqs taż-żraben bħala indikatur għall-ġeneru).

[12] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu.
[13] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, pp. 11-12, pp. 55-56.
[14] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, pp. 11-12, p. 62.
[15] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 11.
[16] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 77.
[17] FRA (2018), Preventing unlawful profiling today and in the future: a guide, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu.
[18] L-Artikolu 11 (3) tad-Direttiva tal-Pulizija.

Minħabba l-għadd potenzjalment bla limitu ta' indikaturi, li l-korrelazzjoni tagħhom ma' karatteristika protetta tista' ma tkunx evidenti, dan huwa aktar diffiċli biex jiġi miġġieled [19].

Il-preġudizzju jista' jiġi introdott ukoll jekk id-*data* għat-taħriġ ma tkunx rappreżentattiva. Pereżempju, jekk algoritmu ta' detezzjoni tal-wiċċ ikun primarjament imħarreġ fuq l-uċuħ maskili, il-previżjonijiet tiegħu jistgħu ma jkunux affidabbli meta jiġu applikati għall-uċuħ femminili[20]. Il-preġudizzju li jirriżulta minn kwalità baxxa tad-*data* jista' jiġi amplifikat ukoll minn ċikli ta' feedback, li jseħħu meta l-previżjonijiet tal-algoritmi jsiru l-bażi għal settijiet futuri ta' *data* għat-taħriġ, pereżempju fil-policing predittiv[21].

Għalhekk huwa importanti li jiġi analizzat ukoll l-output tal-algoritmi għal preġudizzju. Jekk l-output tal-algoritmi jvarja meta tinbidel biss l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi protetti, dan jindika riskju ta' diskriminazzjoni[22]. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tinġabar *data* dwar il-karatteristiċi protetti, inklużi s-SOGIESC. Bħalissa, il-bażi ġuridika għal dan tista' ma tkunx ċara għall-utenti tal-algoritmi, peress li d-detezzjoni tad-diskriminazzjoni algoritmika ma hijiex speċifikata bħala ġustifikazzjoni għall-ipproċessar ta' *data* personali sensittiva fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR)[23], għalkemm l-Att propost tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jista' jipprovdi xi ċarezza[24].

## 1.3. Għan u struttura ta' din in-nota ta' gwida

Peress li l-kategoriji tas-SOGIESC jista' jkollhom tifsira differenti f'soċjetajiet u f'kuntesti soċjali differenti, ma hemm l-ebda soluzzjoni awtoevidenti biex jitkejlu dawn il-kategoriji. Lanqas ma hemm standard miftiehem dwar kif għandha tinġabar bl-aħjar mod id-*data* dwar is-SOGIESC. Dan jirriżulta f'nuqqas ta' komparabbiltà bejn l-isforzi eżistenti għall-ġbir tad-*data* fil-livell nazzjonali u madwar l-UE. Dan iżid ukoll iż-żmien u l-kost li jiġu żviluppati kategoriji rilevanti u li tinġabar id-*data*. It-titjib tal-isforzi għall-ġbir tad-*data* u l-kwalità tad-*data* miġbura se jgħinu lill-Istati Membri u lill-UE jiġbru *data*

[19] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 24.
[20] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 19.
[21] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 77.
[22] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 25.
[23] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 24.
[24] FRA (2022), Bias in algorithms – Artificial intelligence and discrimination, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 10.

aktar preċiża tas-SOGIESC biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' monitoraġġ u rapportar tagħhom. Dan se jgħin ukoll biex tiżdied il-fiduċja fost il-persuni LGBTIQ fl-isforzi għall-ġbir tad-*data* mill-Istati u mill-istituzzjonijiet pubbliċi.

Għalkemm tappoġġa s-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-isfidi tal-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC, din in-nota ta' gwida sservi bħala punt tat-tluq biex tgħin lill-Istati Membri japplikaw u jimmonitorjaw b'mod effettiv il-liġi tal-UE dwar l-ugwaljanza. Din tistabbilixxi l-isfidi fil-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC, u tenfasizza perkorsi promettenti għal approċċ aktar standardizzat u konsistenti, filwaqt li tirrifletti l-kuntesti nazzjonali differenti u r-rekwiżiti li jvarjaw għall-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza bbażata fuq is-SOGIESC. Dawk li jfasslu l-politika u partijiet ikkonċernati oħra jistgħu jagħżlu jew jipprijoritizzaw l-azzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet identifikati dak iż-żmien fi kwalunkwe Stat Membru partikolari.

L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġa jużaw dawn il-linji gwida biex: (i) jinfurmaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ; (ii) jinfurmaw l-istrateġiji tagħhom dwar l-ugwaljanza u d-*data*; u (iii) jissorveljaw l-eżiti ta' dawn l-istrateġiji minn perspettiva ta' ugwaljanza.

L-udjenza fil-mira għal din il-gwida tinkludi korpi pubbliċi u privati involuti fil-ġbir u fl-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza fejn jidħlu l-persuni LGBTIQ, bħal:

- il-produtturi tad-*data* f'korpi politiċi u amministrattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
- l-uffiċċji tal-istatistika nazzjonali;
- l-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi;
- is-sistema tal-ġustizzja u l-pulizija;
- il-korpi għall-ugwaljanza u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
- l-akkademja.

In-nota ta' gwida tibda billi tistabbilixxi l-isfidi, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, u kunsiderazzjonijiet etiċi ewlenin meta tinġabar u tintuża d-*data* relatata mas-SOGIESC (it-Taqsima 2). Il-parti ewlenija ta' din il-gwida tiġbor fil-qosor żewġ settijiet ta' prinċipji għall-ġbir u l-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza bbażata fuq is-SOGIESC. L-ewwel sett ta' 7 prinċipji huwa ta' natura ġenerali/trasversali, u huwa diskuss fit-Taqsima 3. It-tieni sett ta' 4 prinċipji jipprovdi gwida prattika dwar kif għandha tinġabar id-*data* dwar is-SOGIESC, u huwa diskuss fit-Taqsima 4. It-tieni sett ta' prinċipji prattiċi jinkludi diversi eżempji ta' stħarriġ tal-passat biex jintwerew approċċi possibbli. Madankollu, dawn ma

humiex maħsuba bħala eżempji tal-aħjar prattika li għandhom jiġu adottati direttament. Meta l-eżempji jkun fihom elementi problematiċi, dawn huma enfasizzati fin-noti għall-kunsiderazzjoni taħt kull eżempju.

Peress li r-rekwiżiti għall-ġbir tad-*data* dwar SOGIESC jistgħu jvarjaw ukoll fost sorsi differenti ta' *data* (pereżempju, *data* dwar amministrazzjoni, ċensiment jew stħarriġ), l-applikabbiltà tal-prinċipji gwida li ġejjin tista' tkun aktar faċli għal xi sorsi ta' *data* milli għal oħrajn. Il-prinċipji ma jsegwu l-ebda ordni partikolari ta' prijorità. Skont il-ħtiġijiet tal-utent, dawn jistgħu jinqraw flimkien u jiġu applikati b'mod ġenerali, jew jistgħu jiġu applikati individwalment jew flimkien.

## Illustrazzjoni 1 – Prinċipji ta' Gwida għall-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza dwar is-SOGIESC




***Test alternattiv:*** *Illustrazzjoni li tistabbilixxi l-istruttura tan-nota ta' gwida. Fuq nett hemm vleġġa bit-test "Regoli dwar il-protezzjoni tad-data (2.2) u kunsiderazzjonijiet etiċi (2.3)". Hawn taħt hawn kaxxi bil-prinċipji u l-logos ġenerali/trasversali li għandhom jintwerew: "3.1 Wettaq* ***valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet*** *ta' utenti (potenzjali)", "3.2* ***Identifika s-****sorsi ta' data eżistenti dwar id-data relatata mas-SOGIESC", "3.3 Allinja* ***d-definizzjonijiet****/il-kategorizzazzjonijiet relatati mas-SOGIESC", "3.4* ***Qis*** *l-informazzjoni dwar is-SOGIESC fil-politiki kollha", "3.5* ***Ħu approċċ intersezzjonali fil-politiki kollha****", "3.6 Ipprovdi* ***baġit suffiċjenti****" u "3.7 Iffaċilita l-****użu effettiv tad-data relatata mas-SOGIESC****". Hawn taħt, hemm erba' kaxxi bil-prinċipji prattiċi: '4.1. Kif għandek tiġbor id-data dwar l-orjentazzjoni sesswali", "4.2 Kif għandek tiġbor id-data dwar is-sess u l-*

*(identità) tal-ġeneru", "4.3 Kif għandek tiġbor id-data dwar l-espressjoni tal-ġeneru", u "4.4. Kif għandek tiġbor id-data dwar il-karatteristiċi tas-sess".*

Ittajpja l-frażi tiegħek hawnhekk.

© Ittajpja l-informazzjoni tiegħek dwar id-Drittijiet tal-Awtur hawnhekk.

*Sors:* Ittajpja s-sors tiegħek hawnhekk.

In-nota ta' gwida hija kkomplementata minn kompendju ta' prattiki promettenti għall-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza[25], li jiġbor firxa ta' prattiki għal raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni, inklużi l-SOGIESC, u għandu l-għan li jipprovdi eżempji prattiċi dwar kif għandhom jiġu implimentati l-prinċipji dwar il-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza.

Is-Sottogrupp dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza żviluppa din in-nota ta' gwida bl-appoġġ tal-FRA u żewġ esperti ewlenin fl-ugwaljanza tal-LGBTIQ. Qabel ma ġew iffinalizzati u approvati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, ġew ikkonsultati organizzazzjonijiet rappreżentattivi[26] Ewropej ewlenin tal-LGBTIQ u s-Sottogrupp dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ.

[25] FRA (2023), Compendium of practices for equality-data collection.

[26] ILGA Europe, The Eurocentralasian Lesbian* Community (EL*C), OII Europe, Transgender Europe (TGEU), IGLYO.

# 2. L-isfidi, il-protezzjoni tad-*data*, u kunsiderazzjonijiet etiċi oħra fil-ġbir u fl-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC

## 2.1. L-isfidi fil-ġbir u fl-użu tad-*data* relatata mas-SOGIESC

Minbarra l-isfidi u l-lakuni komuni fil-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza b'mod aktar wiesa', li ġew esplorati fl-ewwel nota ta' gwida żviluppata mis-Sottogrupp[27], hemm sfidi oħra u/jew kumulattivi għall-ġbir u l-użu tad-*data* relatata mas-SOGIESC. Il-11-il punt ta' hawn taħt jiddiskutu dawn l-isfidi addizzjonali f'aktar dettall.

- **Informazzjoni affidabbli limitata dwar il-kompożizzjoni tal-persuni LGBTIQ fost il-popolazzjoni fl-UE u nuqqas ta' oqfsa ta' kampjunar.** S'issa, iċ-ċensiment[28] ta' Malta biss jinkludi mistoqsijiet dwar l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, u l-ebda ċensiment nazzjonali fl-UE ma jistaqsi dwar l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess. Għalhekk hemm nuqqas ta' stimi affidabbli tal-perċentwal ta' persuni LGBTIQ fil-popolazzjoni, u dan jillimita r-riċerka kwantitattiva u jagħmilha diffiċli li jiġu żviluppati oqfsa affidabbli ta' kampjunar[29].

- **Il-ħtieġa ta' miżuri validi u affidabbli li jirriflettu t-terminoloġija u l-kunċetti kontemporanji.** Id-definizzjonijiet u l-kategorizzazzjonijiet jeħtieġ li jiġu allinjati fost is-sorsi ta' *data* nazzjonali u bejn l-Istati Membri biex tiġi żgurata l-komparabbiltà (ara l-Linja Gwida Nru **3.3** ta' dan id-dokument ta' gwida). Il-kunċetti tal-identitajiet

[27] L-isfidi komuni fil-ġbir u fl-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza jinkludu: in-nuqqas ta' approċċ koordinat; in-nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti; komparabbiltà insuffiċjenti bejn sorsi differenti ta' *data*; konsultazzjoni insuffiċjenti mal-partijiet ikkonċernati rilevanti; żbilanċ fil-ġbir tad-*data* għal raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni u f'oqsma differenti tal-ħajja; dipendenza żejda mill-indikaturi; u interpretazzjoni mhux preċiża tal-oqfsa tal-protezzjoni tad-*data*. Ara: European High Level Group on Non-Discrimination, Subgroup on Equality Data (2018), Guidelines on improving the collection and use of equality data, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, Brussell, pp. 9-10.
[28] Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika – Malta, Ċensiment.
[29] Daly, F., Crehan, P. R., Grzywnowicz, M. (2022), The LGBTI Inclusion Index: An Innovative Tool to Incentivize Human Rights and Development Data. *Journal of Human Rights Practice*, 14(2), 600-621, p.614.

u tal-esperjenzi LGBTIQ qed jevolvu kontinwament, u għalhekk dawn il-kunċetti għandhom ikunu taħt rieżami perjodiku filwaqt li jippruvaw jappoġġaw il-komparabbiltà maż-żmien[30]. Għandhom jitqiesu wkoll id-differenzi fil-lingwa, fil-kultura u fil-fehim storiku (ara t-Taqsima 4 ta' dan id-dokument ta' gwida). Barra minn hekk, it-termini magħrufa b'mod komuni fi ħdan il-komunità LGBTIQ jistgħu ma jkunux magħrufa sew mill-pubbliku ġenerali, u għalhekk ir-riċerkaturi għandhom jibbilanċjaw l-użu ta' terminoloġija preċiża mal-ħtieġa ta' mistoqsijiet aċċessibbli, b'mod partikolari meta l-istħarriġ ikun dirett lejn il-popolazzjoni ġenerali[31]. Meta jagħmlu dan, ir-riċerkaturi għandhom jevitaw li jużaw termini li jistgħu jintużaw b'mod komuni iżda jitqiesu bħala skaduti u/jew derogatorji (bħal "ermafrodite" minflok "intersesswali", jew "transsesswali" bħala terminu li jirreferi għall-persuni trans kollha)[32].

- **Daqsijiet żgħar tal-kampjuni li jillimitaw is-saħħa statistika**. Fil-biċċa l-kbira tal-istħarriġiet ibbażati fuq il-popolazzjoni, il-persuni LGBTIQ jirrappreżentaw inqas minn 10 % tal-kampjun. Dan jista' jkun ta' sfida għad-diżaggregazzjoni tad-*data* u għas-saħħa statistika. Dan jista' jwassal biex il-persuni LGBTIQ jiġu esklużi totalment mis-sejbiet irrapportati jew jiġu inklużi b'intervalli kbar ta' kunfidenza. Dan jista' jillimita wkoll kwalunkwe analiżi intersezzjonali sostanzjali. Dan jista' jiġi indirizzat permezz ta' żieda fid-daqsijiet ġenerali tal-kampjuni, kampjunar eċċessiv[33] tal-persuni LGBTIQ, l-użu ta' kampjuni ta' rinforz[34], jew it-twettiq ta' stħarriġiet iddedikati, għalkemm dawn l-approċċi kollha jinvolvu kostijiet żejda[35].

- **Metodi ta' ġbir tad-*data*.** Hemm sfidi speċifiċi fl-istħarriġ ta' persuni LGBTIQ b'metodi tradizzjonali, bħal intervisti personali mwettqa jew wiċċ imb wiċċ jew permezz tat-telefown. Ħafna persuni LGBTIQ ma żvelawx l-identità sesswali tagħhom fir-rigward tal-aspetti kollha ta' ħajjithom u jistgħu ma jkunux lesti jiżvelaw aspetti tal-identità jew tal-esperjenzi privati tagħhom, jew jistgħu jkunu

[30] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, Washington, DC: The National Academies Press, p. 124.

[31] Center for American Progress (2022), Collecting Data About LGBTQI+ and Other Sexual and Gender-Diverse Communities – Best Practices and Key Considerations.

[32] Aktar tagħrif dwar it-termini li għandhom jintużaw u oħrajn li għandhom jiġu evitati tinstab fil-pubblikazzjoni tal-Parlament Ewropew (2020), Glossary of Sensitive Language for Internal and External Communications, kif ukoll f'Ginicola, M, Smith, C, and Filmore, J. (Eds.) (2017), Affirmative Counseling with LGBTQI+ People, *American Counseling Association*, pp. 368-370.

[33] Il-kampjunar eċċessiv huwa l-prattika li permezz tagħha jintgħażlu r-rispondenti sabiex xi gruppi jiffurmaw sehem akbar mill-kampjun tal-istħarriġ milli jagħmlu fil-popolazzjoni.

[34] Fil-Bord Soċjoekonomiku Ġermaniż (SOEP), intuża "kampjun ta' rinfurzar" ta' rispondenti ta' minoranza sesswali u tal-ġeneru biex jissupplimenta l-kampjun eżistenti bbażat fuq il-probabbiltà, ara Fischer M., Kroh M., De Vries L., Kasprowski D., Kühne S., Richter D. u Zindel Z. (2022), Sexual and Gender Minority (SGM) Research Meets Household Panel Surveys: Research Potentials of the German Socio-Economic Panel and Its Boost Sample of SGM Households, *European Sociological Review*, (38(2)).

[35] Sell, R. L. (2017), Challenges and Solutions to Collecting Sexual Orientation and Gender Identity Data. *American Journal of Public Health*, 107 (8), 1212-1214, pp. 1213-1214.

lesti biss li jagħmlu dan b'mod anonimu. Dan jista' jiġi indirizzat permezz ta' taqsima ta' awtokompletezza f'intervista wiċċ imb wiċċ (CASI – awtointervisti assistiti mill-kompjuter) li tiżgura l-kunfidenzjalità, jew permezz ta' metodu ta' stħarriġ online (bħal CAWI: intervisti fuq l-internet assistiti mill-kompjuter) li jiżgura l-anonimità. Dan jista' jwassal biex ammont akbar ta' rispondenti minn strati differenti tal-popolazzjoni fil-mira jkunu lesti jipparteċipaw, inklużi dawk li ma jkunux jixtiequ jiżvelaw li huma LGBTIQ fi stħarriġ tradizzjonali li jitwettaq wiċċ imb wiċċ jew bit-telefown. Ħafna drabi, minħabba n-nuqqas ta' oqfsa ta' kampjunar,[36] il-metodu preferut għall-ġbir tad-*data* huwa stħarriġ online b'awtoselezzjoni. Madankollu, dan iġib miegħu wkoll l-isfidi tiegħu stess, peress li l-kampjun għandu t-tendenza li jkun preġudikat lejn persuni aktar attivi fil-komunità LGBTIQ, speċjalment jekk ma jkunx ikkombinat ma' kampanja ta' sensibilizzazzjoni żviluppata sew. B'mod ġenerali, il-metodi online jippreżentaw l-isfida li jeskludu persuni li ma jkollhomx aċċess għat-teknoloġija jew għal-litteriżmu diġitali.

- **Il-metodi ta' ponderazzjoni jiddependu mill-metodu tal-ġbir tad-*data***. Meta d-*data* tkun disponibbli għal kampjun rappreżentattiv (bħal permezz taċ-ċensiment f'Malta[37]), huwa possibbli li din id-*data* tiġi ponderata abbażi tal-proporzjon tal-popolazzjoni u l-kompożizzjoni tagħha. Meta jintuża approċċ mhux probabilistiku, tista' tiġi applikata ponderazzjoni ta' wara l-istratifikazzjoni sabiex il-kampjun komplut jiġi allinjat mat-totali stmati tal-popolazzjoni. Il-ponderazzjoni għandha tipprova wkoll tikkoreġi l-preġudizzji potenzjali tal-esklużjoni, tal-għażla u tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni. Dan jista' jsir billi jitqiesu l-mezzi li jintużaw għall-promozzjoni tal-istħarriġ[38].

- **Nuqqas ta' parteċipazzjoni/konsultazzjoni – jew ta' parteċipazzjoni/konsultazzjoni insuffiċjenti tal-persuni LGBTIQ** u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom: (i) fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġbir tad-*data*; (ii) fl-interpretazzjoni tar-riżultati; u (iii) fl-isforzi ta' tixrid. Dan in-nuqqas ta' involviment jista' jirriżulta f'kategorizzazzjonijiet u interpretazzjonijiet żbaljati tas-sejbiet, kif ukoll sensibilizzazzjoni limitata. Huwa importanti li jitqiesu l-esperjenza u l-għarfien espert tal-komunitajiet fl-iżvilupp ta' miżuri ta' politika li jirriflettu t-terminoloġija kontemporanja u s-sitwazzjoni inkwistjoni. Konsultazzjoni attiva mal-persuni/l-organizzazzjonijiet LGBTIQ fl-istadji kollha tal-ġbir, l-analiżi u l-

[36] Qafas ta' kampjunar huwa lista ta' unitajiet/persuni li minnhom jittieħed kampjun.
[37] Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika – Malta, Ċensiment.
[38] Pereżempju, għall-Istħarriġ LGBTI tal-FRA tal-2019, intużaw il-piżijiet ta' affiljazzjoni biex jikkoreġu r-rappreżentanza żejda ta' rispondenti affiljati u ta' rispondenti li kienu ntlaħqu permezz ta' kampanji minn organizzazzjonijiet LGBTIQ. Ara FRA (2020), Technical report. A long way to go for LGBTI equality, *Publications office of the European Union, Luxembourg*. pp. 76-85.

użu tad-*data* tista' tkun ta' għajnuna biex jinftiehem il-kuntest kulturali, l-istigma li l-persuni LGBTIQ jistgħu jkunu qed jiffaċċjaw, u esperjenzi speċifiċi oħra.

- **Il-ħtieġa li tinbena l-fiduċja.** Minħabba l-istorja twila ta' persekuzzjoni u kriminalizzazzjoni li l-persuni LGBTIQ iffaċċjaw u għadhom jiffaċċjaw, dawn jaf joqogħdu lura milli jipprovdu informazzjoni dwar l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, l-identità tal-ġeneru tagħhom, jew jekk humiex intersesswali/għandhomx varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess. Dan huwa partikolarment il-każ għal persuni li jappartjenu għal gruppi emarġinati multipli. Għalhekk, huwa importanti li: (i) tinbena l-fiduċja billi ssir ħidma konġunta mal-gruppi tas-soċjetà ċivili; u (ii) jiġi ċċarat kif id-*data* tinħażen u tintuża u għal liema skop tinħażen u tintuża (ara t-Taqsima Nru **2.3** ta' dan id-dokument ta' gwida). Fejn ikun possibbli, *data* anonimizzata għandha ssir aċċessibbli għall-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet LGBTIQ għall-użu tagħhom stess. Il-korpi pubbliċi kollha għandhom jippubblikaw *data* dwar l-ugwaljanza li tista' tintuża faċilment mill-pubbliku, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u minn riċerkaturi indipendenti. Dan għandu jkun f'formati aċċessibbli għal persuni li ma humiex esperti fil-qasam. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex din id-*data* ssir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità[39].

- **Id-diffikultà biex jintlaħqu gruppi sottorappreżentati u diffiċli biex jintlaħqu.** L-isforzi għall-ġbir tad-*data* jeħtieġ li jkunu konxji mill-adozzjoni ta' strateġiji ta' kampjunar li jilħqu persuni LGBTIQ sottorappreżentati. Dawn l-isforzi għandhom iqisu, fost fatturi oħra: il-ġeneru; l-età; id-diżabilità; l-isfond razzjali u etniku; l-istatus tal-migrazzjoni u tar-refuġjati; klassi; l-oriġini soċjali; il-lingwi mitkellem minn rispondenti potenzjali; il-livell ta' involviment tar-rispondenti fil-komunità LGBTIQ; l-aċċess għall-akkomodazzjoni (peress li persuni LGBTIQ jesperjenzaw b'mod sproporzjonat il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar); l-aċċess għat-teknoloġija; kif ukoll l-intersezzjonijiet bejn dawn il-fatturi. Il-metodi ta' stħarriġ għandhom jiġu adattati għall-gruppi li għandhom jintlaħqu, u l-limitazzjonijiet metodoloġiċi għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod miftuħ. Pereżempju, stħarriġ iffukat fuq iċ-ċentri tal-komunità LGBTIQ jista' jilħaq b'mod qawwi persuni li diġà huma involuti b'mod attiv fil-komunità u se jkun inqas probabbli li jilħaq persuni li ma humiex "lesti li juru s-sesswalità tagħhom" (jiġifieri li ma jiżvelawx pubblikament li huma LGBTIQ)[40].

[39] Il-miżuri jistgħu jinkludu l-użu ta' "Ingliż sempliċi" (jew ekwivalenti), interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali, test b'tipa kbira, test bl-alt għall-immaġnijiet, u kuluri aċċessibbli għall-persuni li ma jistgħux jiddistingwu ċerti kuluri fil-viżwalizzazzjonijiet tad-*data*.
[40] Fondazzjoni għall-Kampanja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (2019), LGBTQ-Inclusive Data Collection: A Lifesaving Imperative. Washington, DC, Human Rights Campaign Foundation, p. 17.

- **Il-ħtieġa li tittejjeb is-sensibilizzazzjoni għan-nisa LGBTIQ.** Fi ħdan il-komunità LGBTIQ, l-irġiel gay ċisġeneru[41], endosess[42] għandhom it-tendenza li jkunu rrappreżentati żżejjed fil-ġbir tad-*data*[43]. Għalhekk għandu jsir sforz speċifiku: (i) biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' membri oħra tal-komunità, speċifikament immirata lejn in-nisa tal-komunità LGBTIQ; u (ii) biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mmexxija minn – u ffokati fuq – in-nisa LGBTIQ ikunu involuti fil-partijiet kollha tal-proċess ta' tixrid.

- **Il-ħtieġa ta' inklużjoni espliċita ta' persuni trans u intersesswali.** Spiss, ir-riċerka dwar il-komunitajiet LGBTIQ tqis biss l-orjentazzjoni sesswali (ara l-Linja Gwida Nru **3.4** ta' din in-nota ta' gwida), mingħajr ma tistaqsi dwar l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess. Huwa importanti li jiġi żgurat li fid-*data* jsiru viżibbli l-partijiet kollha tal-komunità, u li jitqiesu l-affiljazzjonijiet multipli fi ħdan il-kategoriji LGBTIQ (pereżempju, persuna tista' tkun trans, intersesswali, leżbjana u mara).

- ***Data* amministrattiva u l-użu ta' indikaturi** (ara l-Linja Gwida Nru **3.4** ta' dan id-dokument ta' gwida). L-Istati Membri qed jimxu dejjem aktar lejn l-użu ta' *data* amministrattiva biex jipproduċu kemm informazzjoni statistika relatata mal-popolazzjoni kif ukoll iċ-ċensiment tagħhom. Peress li s-sorsi ta' *data* amministrattiva rarament ikunu jinkludu informazzjoni dwar l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, jew dwar li persuna tkun intersesswali/ikollha varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess, hemm riskju li l-persuni LGBTIQ isiru dejjem aktar inviżibbli. Il-ġbir ta' informazzjoni relatata mas-SOGIESC f'*data* amministrattiva mingħajr ma tingħata raġuni legali jew raġunament jista' jqajjem ukoll mistoqsijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-validità tal-informazzjoni pprovduta[44]. Il-ġbir ta' *data* amministrattiva relatata mas-SOGIESC dejjem se jkun limitat għal: (i) ir-raġuni legali li tiddetermina l-iskop tiegħu; u (ii) il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Il-ġbir ta' informazzjoni relatata mas-SOGIESC f'*data* amministrattiva jista' jwassal ukoll biex tiġi limitata l-komparabbiltà bejn is-sorsi tad-*data* fil-pajjiżi u bejniethom. Dan għaliex il-kejl f'sorsi u f'pajjiżi differenti tad-*data* jista' jkun ibbażat fuq kunċetti differenti. Meta tintuża informazzjoni li sservi ta' indikatur, din tista' ma tirriflettix kif il-persuna inkwistjoni kienet tidentifika lilha nnifisha, u għalhekk x'aktarx li tirriżulta f'għadd baxx. Għalkemm

[41] Il-persuni ċisġeneru huma persuni li l-identità tal-ġeneru tagħhom tikkorrispondi għas-sess tagħhom assenjat mat-twelid.

[42] Persuna endosess hija persuna li l-karatteristiċi tas-sess tagħha jaqblu mal-ideat mediċi jew soċjali normattivi għal ġisem femminili u maskili.

[43] Pereżempju, fl-Istħarriġ LGBTI II tal-FRA tal-2019, l-irġiel gay ċisġeneru kienu jirrappreżentaw 42 % tar-rispondenti. FRA (2020), Technical report. A long way to go for LGBTI equality, *L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu*. p. 63.

[44] Ashley, F. (2021), Recommendations for Institutional and Governmental Management of Gender Information. *New York University Review of Law & Social Change*, 44(4):489-528, pp. 504, 514-515.

din għandha tiġi indirizzata b'kawtela, tali *data tista'* tkun ta' għajnuna, pereżempju meta tipprovdi l-bażi għal aktar riċerka li tagħmel l-awtoidentifikazzjoni possibbli[45].

**Kaxxa A 3– Ir-rieda li tiġi kondiviża l-informazzjoni relatata mas-SOGIESC**

Is-sejbiet tal-Ewrobarometru Speċjali 437 jindikaw appoġġ wiesa' għall-għoti ta' informazzjoni personali sensittiva fuq bażi anonima, speċjalment fost dawk li jiddeskrivu lilhom infushom bħala li jappartjenu għal grupp ta' minoranza f'riskju ta' diskriminazzjoni. Madwar 83 % tar-rispondenti li identifikaw lilhom infushom bħala li jappartjenu għal minoranza sesswali kienu favur li jipprovdu, fuq bażi anonima, informazzjoni dwar l-orjentazzjoni sesswali tagħhom[46].

## 2.2. Ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* ma jipprevjenux il-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC

"Kun ċert li r-rekwiżiti għall-individwi biex jipprovdu informazzjoni dwar is-sess jew il-ġeneru tagħhom ikunu rilevanti, raġonevoli u neċessarji kif meħtieġ mil-liġi għal skop leġittimu fiċ-ċirkostanzi fejn tkun qed tintalab, u li tali rekwiżiti jirrispettaw id-dritt tal-persuni kollha li jiddeterminaw huma stess il-ġeneru".

-The Yogyakarta Principles plus 10[47], Prinċipju 6(G)

Fl-UE, il-ġbir ta' *data* personali diżaggregata skont karatteristiċi personali sensittivi, bħas-SOGIESC, huwa protett mil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Madankollu, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* ma jfixklux il-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza għal finijiet statistiċi. Għall-kuntrarju, ir-regoli

[45] Ashley, F. (2021), Recommendations for Institutional and Governmental Management of Gender Information. *New York University Review of Law & Social Change*, 44(4):489-528, pp. 504, 514-515.
[46] Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Special Eurobarometer 437: Discrimination in the EU in 2015, *European Union*, p. 99.
[47] Fl-2006, l-esperti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem adottaw sett ta' prinċipji internazzjonali relatati mal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru li jservu bħala gwida universali għad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-prinċipji ta' Yogyakarta jaffermaw standards legali internazzjonali vinkolanti li magħhom iridu jikkonformaw l-Istati kollha. Fl-2017, ġew adottati l-Yogyakarta Principles plus 10 (YP+10) biex jikkomplementaw il-Yogyakarta Principles oriġinali.

jippermettu li tiġi pproċessata d-*data* filwaqt li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali[48].

Il-GDPR jipprevedi sett wieħed ta' regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* madwar l-UE, li jfisser li l-ġbir u l-ipproċessar kollha tad-*data* dwar l-ugwaljanza għandhom jitwettqu f'konformità sħiħa mal-prinċipji u s-salvagwardji stabbiliti skont dan. Il-GDPR jirrikjedi li l-ġbir tad-*data* għandu jsegwi għan definit sew, bħall-kejl u d-dokumentazzjoni tal-inugwaljanzi jew l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' rapportar legali[49]. Kundizzjonijiet aktar restrittivi japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* sensittiva, kif imsemmi fil- GDPR dwar "kategoriji speċjali ta' *data* personali"[50].

Barra minn hekk, il-prinċipju ta' **"minimizzazzjoni tad-*data*"** jinsab fil-qalba tar-reġim ġenerali tal-UE għall-protezzjoni tad-*data*, li jirrikjedi li d-*data* personali għandha tkun "adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata"[51]. Dan ifisser li:

- l-ipproċessar tad-*data* għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq għan leġittimu;
- l-ipproċessar ta' *data* personali għandu jsir biss meta l-iskop tiegħu ma jkunx jista' jiġi ssodisfat b'mod raġonevoli b'mezzi oħra;
- l-ipproċessar tad-*data* ma jistax jinterferixxi b'mod sproporzjonat mal-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet involuti[52];

L-Artikolu 9(2) tal-GDPR jistipula b'mod ċar li l-projbizzjoni ġenerali fuq l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali f'konformità mal-prinċipju tal-"minimizzazzjoni tad-*data*" ma tapplikax f'diversi każijiet, inkluż meta:

[48] See FRA (2021), Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the equality directives, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, Brussell; Il-Kummissjoni Ewropea (2021), Round table on Equality Data in September 2021.

[49] Kwalunkwe organizzazzjoni li tipproċessa *data* personali jeħtiġilha jkollha bażi ġuridika valida għal dik l-attività ta' pproċessar. Il-liġi tipprovdi sitt bażijiet ġuridiċi għall-ipproċessar: kunsens, eżekuzzjoni ta' kuntratt, interess leġittimu, interess vitali, rekwiżit legali, u interess pubbliku. Ara l-Artikolu 6, Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

[50] Skont l-Artikolu 9 tal-GDPR il-kategoriji speċjali ta' *data* personali jinkludu "*data* personali, li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union", kif ukoll id-"*data* ġenetika, *data* bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, *data* dwar is-saħħa jew *data* dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika."

[51] L-Artikolu 5(1)(c) u l-Premessa (39) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

[52] FRA, il-Kunsill tal-Ewropa (edizzjoni tal-2018), Handbook on European data protection law, Taqsima 3.3. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu.

- meta s-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens tiegħu;
- l-ipproċessar ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, abbażi tal-liġi tal-UE jew nazzjonali;
- l-ipproċessar ikun meħtieġ għal: (i) l-ilħuq ta' għanijiet fl-interess pubbliku; (ii) l-iskopijiet ta' riċerka xjentifika jew storika; jew (iii) skopijiet statistiċi.

Barra minn hekk , il-premessa 26 tal-GDPR tiċċara li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* japplikaw għal kategoriji speċjali ta' *data* personali li tikkonċerna persuna fiżika identifikata jew identifikabbli. B'kuntrast ma' dan, dawn ma japplikawx għal informazzjoni anonima jew għal *data* personali li ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-*data* ma jkunx jew ma jkunx għadu identifikabbli[53]. Minħabba s-sensittività tal-informazzjoni, l-anonimità tad-*data* għandha tiġi ggarantita anke meta jiġu konnessi s-settijiet tad-*data* . Għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi evitat kwalunkwe abbuż jew rivelazzjoni ta' *data* wara l-ġbir tad-*data*.

L-isforzi għall-ġbir tad-*data* jeħtieġ ukoll li jiżguraw bilanċ bejn il-benefiċċji tad-*data* miġbura u r-riskji assoċjati ma' kwalunkwe użu ħażin potenzjali jew żvelar mhux awtorizzat tad-*data*[54]. Dan jiżgura li d-*data* tinġabar biss fejn il-benefiċċji tal-ġbir tal-informazzjoni jegħlbu l-intrużjoni tal-privatezza[55]. Għalhekk, id-*data* ma għandhiex tiġi ppubblikata jew tkun aċċessibbli għall-pubbliku b'mod li jippermetti li jiġu identifikati suġġetti individwali tad-data, direttament jew indirettament.

## 2.3. Kunsiderazzjonijiet etiċi fir-rigward tad-*data* relatata mas-SOGIESC

"Irrikonoxxi li l-ħtiġijiet, il-karatteristiċi u s-sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ta' popolazzjonijiet ta' orjentazzjonijiet sesswali, identitajiet tal-ġeneru, espressjonijiet tal-ġeneru u karatteristiċi tas-sess diversi huma distinti minn xulxin, u kun ċert li d-*data* dwar kull popolazzjoni tinġabar u tiġi ġestita b'mod konsistenti mal-istandards etiċi, xjentifiċi u tad-drittijiet tal-bniedem u ssir disponibbli f'forma diżaggregata".

għal aktar informazzjoni, ara: (i) Il-Priniċipju ta' Gwida Nru 4 tan-Nota ta' gwida dwar il-ġbir u l-użu ta' *data* dwar l-ugwaljanza abbażi tal-oriġini razzjali u etnika; (ii) ir-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea tal-2017 dwar il-ġbir tad-*data* fir-rigward tal-persuni LGBTIQ; (iii) l-opinjoni preliminari tal-EDPS dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-riċerka xjentifika tas-6 ta' Jannar 2020; u (iv) il-gwida tal-EDPB li ġejja dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-riċerka xjentifika.

[54] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 61.

[55] Conference of European Statisticians, 67th plenary session (2019). In-Depth Review of Measuring Gender Identity. United Nations Economic and Social Council, Paris.

- The Yogyakarta Principles plus 10, il-Prinċipju 19.

L-użu ta' kategoriji statistiċi u analitiċi għal kwalunkwe ġbir ta' *data* jew għad-diżaggregazzjoni tad-*data* għandu dejjem ikun iggwidat mill-prinċipju prevalenti bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li **ma ssir l-ebda ħsara**. Dan il-prinċipju ġie stabbilit mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) fl-Human Rights-Based Approach to Data.

"Ma ssir l-ebda ħsara" tfisser: (i) li l-ebda attività ta' ġbir ta' *data* ma għandha toħloq jew issaħħaħ id-diskriminazzjoni, il-preġudizzju, jew l-istereotipi eżistenti; u (ii) li d-*data* miġbura għandha tintuża għall-benefiċċju tal-gruppi li tiddeskrivi.

Din in-nota ta' gwida tirrikonoxxi u tafferma mill-ġdid is-sett tal-OHCHR ta' sitt prinċipji ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-ġbir tad-*data*: il-parteċipazzjoni, id-diżaggregazzjoni tad-*data*, l-awtoidentifikazzjoni, it-trasparenza, il-privatezza, u r-responsabbiltà.

Minbarra s-sett ta' prinċipji bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-ġbir tad-*data*, il-prinċipji etiċi stabbiliti fil-punti ta' hawn taħt għandhom isostnu u jiggwidaw l-isforzi nazzjonali kollha meta tinġabar *data* relatata mas-SOGIESC.

- Il-mistoqsijiet dwar is-SOGIESC għandhom ikunu **volontarji**: jiġifieri, ħadd ma għandu jkun sfurzat jiżvela l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru tiegħu, jew jekk għandux varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess jekk ma jkunx irid jagħmel dan. Għalhekk, ir-rispondenti għandu jkollhom l-opportunità li jwieġbu għall-mistoqsijiet dwar is-SOGIESC b'"nippreferi ma ngħidx/niżvela" u "ma nafx" jew "niddubita".

- **Il-kunsens infurmat** għall-parteċipazzjoni huwa kruċjali[56]. Dan jirrikjedi att affermattiv ċar min-naħa tas-suġġett tad-*data* li jagħti kunsens għall-ipproċessar tad-*data* tiegħu. Il-kunsens irid jingħata liberament, ikun speċifiku, u mhux ambigwu. Dan irid ikopri l-għanijiet kollha tal-ipproċessar tad-*data*, u l-attivitajiet kollha tal-ipproċessar li jitwettqu għal dawn l-għanijiet[57].

- Meta l-għan għall-ġbir ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali ma jkunx ċar, huwa rrakkomandat li s-suġġett jiġi infurmat dwar: **(i) ir-raġuni legali għall-ġbir tad-*data*;**

[56] IE SOGI – Espert Indipendenti tan-NU dwar il-protezzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-Orjentazzjoni Sesswali u l-Identità tal-Ġeneru (2019), Data collection and management: An essential component in creating awareness and providing effective measures to address violence and discrimination based on SOGI, il-Proċeduri Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
Il-Premessa (32) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data(GDPR).

**(ii) l-iskop li għalih tinġabar id-*data*; u (iii) kif id-*data* se tiġi pproċessata u protetta**.

- **L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet LGBTIQ u l-esperti tal-istħarriġ, għandhom ikunu involuti** kemm jista' jkun fl- istadji kollha tal-iżvilupp ta' stħarriġ jew ta' strument għall-ġbir tad-*data*. Kull meta jkun possibbli, dawn għandhom ikunu involuti wkoll fl-interpretazzjoni u fil-kuntestwalizzazzjoni tar-riżultati f'konformità mal-prinċipju sottostanti li ma ssir l-ebda ħsara. Matul kwalunkwe proċess ta' konsultazzjoni, ir-rappreżentanti tal-LGBTIQ ma għandhomx iħossuhom taħt pressjoni biex jieħdu sehem, u għandhom jirċievu kumpens xieraq għall-kontributi tagħhom.

- **L-inkonsistenzi fl-informazzjoni relatata mas-SOGIESC ipprovduta minn rispondenti għal sorsi amministrattivi differenti ma għandhomx jiġu interpretati awtomatikament bħala tentattivi ta' falsifikazzjoni jew bħala żbalji li jeħtieġ li jiġu kkoreġuti jew ċċarati**. Dan huwa partikolarment importanti għal sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni relatata mas-SOGIESC tinġabar bħala parti mill-informazzjoni amministrattiva biex jiġu pprovduti permessi, servizzi, benefiċċji, jew impjiegi. L-inkonsistenzi jistgħu jkunu dovuti għal diversi raġunijiet, inklużi: (i) bidliet fl-identitajiet tar-rispondenti; (ii) bidliet fil-livelli ta' kemm iħossuhom komdi biex jiżvelaw tali informazzjoni; jew (iii) għażliet limitati ta' rispons (bħall-użu ta' kategoriji binarji tal-ġeneru jew tas-sess). Il-formoli li jiġbru l-informazzjoni relatata mas-SOGIESC għandhom jiċċaraw b'mod espliċitu li r-rispondenti mhux se jiġu ppenalizzati għal xi diskrepanzi[58].

- **L-intervistaturi** jistgħu jaffettwaw ir-riżultati peress li n-nies jistgħu jsibuha aktar bi tqila li jiżvelaw l-orjentazzjoni sesswali, l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom, jew il-fatt li huma intersesswali/għandhom varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess lil intervistatur (għall-modi ta' ġbir tad-*data*, ara t-Taqsima **2.1** ta' dan id-dokument ta' gwida).

- Għall-intervisti personali, huwa importanti li **jinħoloq ambjent sikur** fejn ir-rispondenti jkunu jistgħu jwieġbu mistoqsijiet bil-pass tagħhom stess, fil-privatezza, u mingħajr il-biża' li jinstemgħu minn membri oħra tal-familja jew minn persuni li jkunu għaddejjin[59]. L-intervistatur għandu jqis li t-tweġiba għal mistoqsijiet

[58] Subcommittee on Sexual Orientation, Gender Identity, and Variations in Sex Characteristics (SOGI) Data and Subcommittee on Equitable Data of the National Science and Technology Council (2023), Federal Evidence Agenda on LGBTQI+ Equity, *United States Government*, pp. 39-40.
[59] Il-Kummissjoni Ewropea (2021), Guidance note on the collection and use of equality data based on racial or ethnic origin. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemurgu, p. 55.

sensittivi tista' tkun stressanti mil-lat emozzjonali u tista' twassal biex "tiskatta" reazzjoni [60]għal xi parteċipanti.

- Il-prinċipju li tiġi evitata l-ħsara għandu jiġi estiż ukoll sabiex ikopri l-intervistaturi. Minħabba li **l-intervistaturi jistgħu jżuru d-djar** ta' persuni li ma jkunux jafuhom matul proġetti ta' riċerka, huma jqiegħdu lilhom infushom taħt ċertu grad ta' riskju psikoloġiku u fiżiku. F'tali każijiet, l-intervistaturi għandu jkollhom aċċess għal appoġġ psikoloġiku matul ix-xogħol fuq il-post[61].

- Meta stħarriġ ikollu l-għan li jivvaluta suġġetti sensittivi bħall-vjolenza, id-diskriminazzjoni u l-abbuż sesswali, ir-rispondenti għandhom jiġu pprovduti twissijiet dwar il-kontenut u informazzjoni dwar **servizzi ta' appoġġ speċjalizzati** fil-bidu u fit-tmiem tal-istħarriġ.

- Meta l-kategorija ta' rispons "oħrajn" tiġi inkluża bħala għażla għal mistoqsija ta' stħarriġ, **għandha tkun disponibbli possibbiltà ta' kitba** kull meta jkun possibbli. Dan jippermetti lir-rispondenti jelaboraw fi kliemhom stess dwar kwistjoni/raġuni partikolari u jnaqqas ir-riskju li tiġi ġġenerata *data* mhux affidabbli, inkluża f'kategorija magħluqa ta' "oħrajn". L-inklużjoni tal-għażla "oħrajn" tista' tinforma wkoll il-bidliet possibbli fil-kategoriji tat-tweġibiet f'iterazzjonijiet sussegwenti tal-istħarriġ. Meta l-mistoqsija tkun dwar l-identità ta' rispondent, jista' jkun preferibbli li tintuża formulazzjoni alternattiva bħal "Jekk jogħġbok iddeskrivi" jew "Nippreferi niddeskrivi lili nnifsi".

- Meta jwettqu riċerka kwalitattiva, ir-riċerkaturi għandhom ikunu konxji minn preġudizzju impliċitu, u għalhekk għandhom jiġu **mħarrġa fid-diversità u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni** biex jimminimizzaw l-iskumdità potenzjali u l-iżbilanċi fil-poter meta jinvolvu ruħhom ma' rispondenti. **Karatteristiċi simili tal-intervistatur** (jiġifieri li jiġi żgurat li l-intervistatur ikollu b'xi mod karatterisitċi simili bħall-persuna li qed tiġi intervistata bħal fil-ġeneru, fil-lingwa mitkellma, jew fl-esperjenza ta' migrazzjoni) jistgħu jżidu r-rati ta' rispons u l-aċċettazzjoni fost ir-rispondenti u b'hekk jittejbu r-riżultati ta' riċerka[62]. **Ir-rieżami tat-traskrizzjoni tal-persuna intervistata** (jiġifieri li l-persuni intervistati jkunu jistgħu jisimgħu reġistrazzjoni tal-intervista li jkunu taw sabiex ikunu jistgħu jirriflettu ir-rendikont li jagħtu u jikkoreġuh) jista' jkun għodda utli biex tiġi evitata r-rappreżentazzjoni

[60] Il-kliem li jiskatta reazzjoni jista' jikkawża emozzjonijiet qawwija (pereżempju, frustrazzjoni) minħabba esperjenzi preċedenti.
[61] Il-Kummissjoni Ewropea (2021), Guidance note on the collection and use of equality data based on racial or ethnic origin. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 55.
[62] Il-Kummissjoni Ewropea (2021), Guidance note on the collection and use of equality data based on racial or ethnic origin. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 55.

ħażina jew il-preġudizzju tar-riċerkaturi meta jitkellmu dwar is-suġġetti relatati mas-SOGIESC[63].

Ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u kunsiderazzjonijiet etiċi oħra huma ta' natura ġenerali/trasversali, u għandhom jitqiesu fl-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' gwida stabbiliti f'din in-nota.

[63] Hagens, V., Dobrow, M.J. and Chafe, R. (2009), Interviewee Transcript Review: assessing the impact on qualitative research. *BMC Med Res Methodol* 9, 47; Rowlands, J. (2021), Interviewee Transcript Review as a Tool to Improve Data Quality and Participant Confidence in Sensitive Research. *International Journal of Qualitative Methods*, 20.

# 3. Prinċipji ġenerali għall-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC

## 3.1. Wettaq valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-utenti u tal-utenti potenzjali tad-*data* diżaggregati skont l-SOGIESC

### 3.1.1. Motivazzjoni

Valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti u tal-utenti potenzjali tad-*data* diżaggregata skont l-SOGIESC għandha tgħin biex jiġi identifikat it-tip ta' *data* dwar l-ugwaljanza meħtieġa kemm għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza kif ukoll għall-monitoraġġ tal-istat tal-ugwaljanza u tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandha tkun ibbażata fuq: (i) il-liġi rilevanti tal-UE; (ii) standards normattivi internazzjonali u nazzjonali li għalihom huma soġġetti l-Istati Membri (bħall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea); (iii) il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza; (iv) il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; u (v) il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn l-istandards u l-korpi legali kollha jistgħu jindirizzaw b'mod varjat l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tas-SOGIESC. Il-valutazzjoni għandha tirrifletti wkoll il-politiki u l-impenji politiċi rilevanti, inklużi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 u l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) għall-Iżvilupp sostenibbli.

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tista' tiġi ffaċilitata jew ikkoordinata minn istitut nazzjonali tal-istatistika jew minn dipartiment rilevanti tal-ministeru/Gvern. Inkella, jista' jiġi pprovdut mandat speċifiku u riżorsi dedikati għat-twettiq tal-valutazzjoni lil istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, korp tal-ugwaljanza jew istitut ta' riċerka.

### 3.1.2. Gwida

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- iwettqu valutazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet ta’ *data* dwar l-ugwaljanza fir-rigward ta’ SOGIESC, billi jikkunsidraw il-fajls ta’ politika u leġiżlattivi rilevanti kollha, inkluż il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-impenji politiċi rilevanti.
- iwettqu valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti perjodikament, pereżempju kull 4 sa 5 snin, filwaqt li jqisu l-iżviluppi leġiżlattivi u ta’ politika ġodda jew l-evalwazzjonijiet tal-liġijiet u tal-politiki eżistenti;
- jidentifikaw prijoritajiet għall-ġbir tad-*data* abbażi tal-urġenza tal-ħtiġijiet tal-utent;
- jikkomunikaw is-sejbiet tal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet permezz ta’ mezzi differenti u f’formati differenti lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-istituti tal-istatistika, lill-istituti tar-riċerka, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti kollha, eċċ.

## 3.2. Identifika s-sorsi ta’ *data* eżistenti li jipprovdu informazzjoni dwar is-SOGIESC

### 3.2.1. Motivazzjoni

L-identifikazzjoni tad-*data* kollha disponibbli (inkluża *data* minn sorsi amministrattivi, governattivi, akkademiċi u tas-soċjetà ċivili) relatata mas-SOGIESC hija meħtieġa kemm biex: (i) jinkiseb approċċ koordinat għall-ġbir tad-*data*; kif ukoll biex (ii) jinħolqu kategoriji, kunċetti u definizzjonijiet uniformi. L-identifikazzjoni ta’ din id-*data* kollha tagħmilha possibbli li tiġi stabbilita l-bażi għal approċċ aktar sistematiku għall-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC. Dan jagħmilha wkoll possibbli li tiġi pprovduta bażi soda għat-titjib meħtieġ billi jiġu identifikati t-tliet fatturi importanti stabbiliti fil-punti li ġejjin.

- L-ewwel fattur importanti huwa s-sorsi ta’ *data* u l-fornituri differenti ta’ *data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC. Fl-identifikazzjoni ta’ dawn, huwa importanti li jitqiesu wkoll sorsi u fornituri li ma humiex imfassla speċifikament biex jiġbru *data* dwar l-ugwaljanza iżda li għad għandhom varjabbli li jistgħu jintużaw biex jitkejlu l-inugwaljanzi strutturali eżistenti.
- It-tieni fattur importanti huwa l-lakuni u l-inkonsistenzi fit-tfassil ta’ studju u fil-metodi, il-kunċetti u l-kejl applikati (dawn l-inkonsistenzi jinkludu wkoll duplikati bla bżonn fil-ġbir tad-*data*).

- Tista' ssir distinzjoni bejn is-sorsi tad-*data* internazzjonali/Ewropej u s-sorsi tad-*data* nazzjonali. Relattivament hemm ftit studji internazzjonali/Ewropej li jiġbru *data* internazzjonali dwar l-esperjenzi tal-persuni LGBTIQ[64]. Għas-sorsi nazzjonali tad-*data*, tista' ssir distinzjoni ulterjuri bejn il-ġbir ta' *data* dwar suġġett speċifiku, bħad-diskriminazzjoni, jew il-ġbir ta' *data* b'mod ġenerali dwar il-karatteristiċi tal-popolazzjoni u/jew tal-unitajiet domestiċi (eż. iċ-ċensiment nazzjonali). Din tal-aħħar tista' tipprovdi għarfien dwar il-preżenza kwantitattiva tal-persuni LGBTIQ fis-soċjetà u tista' possibbilment tipprovdi wkoll dettalji dwar il-pożizzjoni soċjali ta' dawn il-persuni LGBTIQ meta mqabbla ma' informazzjoni oħra (eż. f'sitwazzjoni ta' xogħol jew ta' għajxien komparabbli)[65].

### 3.2.2. Gwida

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti l-oħra kollha involuti fil-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC jew responsabbli għaliha huma mħeġġa jieħdu l-azzjonijiet stabbiliti fil-punti li ġejjin.

- Għandhom iqisu kif xieraq il-Linja Gwida Nru 1 "Identifika sorsi eżistenti ta' *data* dwar l-ugwaljanza u identifika lakuni fid-*data*" tal-Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza.

- Jenħtieġ li huma jidentifikaw u jawtorizzaw istituzzjoni/korp/organizzazzjoni li tibda, tikkoordina u twettaq l-eżerċizzju tal-immappjar.

- Huma għandhom iwettqu eżerċizzju komprensiv biex jidentifikaw is-sorsi ta' *data* eżistenti kollha[66] li jappoġġaw id-diżaggregazzjoni tad-*data* skont l-SOGIESC f'termini statistiċi. Huma għandhom jelenkaw ukoll il-kategoriji u l-varjabbli ta' approssimazzjoni kollha relatati mas-SOGIESC li jintużaw fis-sorsi differenti ta' *data*, inklużi l-kunċetti u d-definizzjonijiet sottostanti tagħhom.

[64] Xi eżempji huma: Out Now Global (2020), Out Now Global LGBT 2020 Study: International LGBT2020 Homophobia Report, Out Now, Paris; FRA (2020), A long way to go for LGBTI equality, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu. Il-Kummissjoni Ewropea (2019), Special Eurobarometer 493: Discrimination in the European Union, *European Union*; European Social Survey (2018), ESS Round 9 Source Questionnaire, University of London, London; GESIS (2016), European Values Study, *GESIS*, Cologne.

[65] Għal aktar informazzjoni dwar is-sorsi ta' *data* internazzjonali u s-sorsi ta' *data* uffiċjali u mhux governattivi eżistenti, ara r-report on data collection in relation to LGBTIQ people.

[66] Is-sorsi tad-*data* li jinġabru u/jew jintużaw mill-awtoritajiet nazzjonali f'oqsma koperti mil-liġi tal-UE rigward l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tas-SOGIESC – dawn jistgħu jirreferu wkoll għal indikaturi (bħas-sess tas-sieħeb flimkien mas-sess tar-rispondent, eċċ.).

- Jenħtieġ li huma jużaw ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' identifikazzjoni/mmappjar sabiex isibu aspetti komuni u diskrepanzi bejn is-sorsi tad-*data* u li jinqalgħu maż-żmien, fir-rigward ta':
    - il-qasam ta' politika/il-fajl leġiżlattiv li għalih intużat jew kienet meħtieġa d-*data*;
    - is-sors tad-*data* (ir-reġistru amministrattiv, id-data tal-istħarriġ, id-data dwar l-ilmenti, eċċ.);
    - il-kategoriji/klassifikazzjonijiet użati għad-diżaggregazzjoni jew il-mistoqsijiet użati fi stħarriġ sabiex jitkejjel SOGIESC u l-kunċetti u d-definizzjonijiet sottostanti tagħhom (u l-bidliet rilevanti fil-kategoriji/klassifikazzjonijiet maż-żmien);
    - l-intersezzjonijiet bejn ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni;
    - l-oqsma tal-ħajja li għalihom tinġabar id-*data*, bħal: ix-xogħol, l-aċċess għax-xogħol, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għall-ġustizzja, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, eċċ.
    - il-metodi ta' ġbir ta' *data* kwalitattiva u kwantitattiva (eż., intervista wiċċ imb'wiċċ, stħarriġ online, stħarriġ bil-posta, intervista bit-telefon, eċċ.), id-daqs tal-kampjun, ir-rappreżentattività, ul-kopertura ġeografika;
    - l-aċċessibbiltà pubblika tad-*data* u tal-analiżijiet;
    - il-frekwenza li biha tkun inġabret id-*data* (jiġifieri, il-frekwenza tal-aġġornamenti u s-serje ta' żmien eżistenti kif ukoll il-pawżi jew il-varjazzjonijiet fil-frekwenza, jekk ikun hemm).
- Huma għandhom jirrieżaminaw ir-riżultati tal-identifikazzjoni tad-*data* flimkien mas-sejbiet tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utent (ara l-Linja Gwida Nru **3.1** ta' dan id-dokument ta' gwida) u jivvalutaw il-ħtiġijiet attwali biex tinġabar *data* mqassma skont l-orjentazzjoni sesswali, l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess.
- Huma għandhom jiżguraw li d-*data* statistika aggregata bbażata fuq is-SOGIESC tidħol fid-dominju pubbliku b'mod trasparenti, speċjalment f'każijiet fejn tali SOGIESC tista' tintuża mill-qrati (l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE).
- Huma għandhom jistabbilixxu ċentru tad-*data* (b'paġna web dedikata) biex tinġabar u tintwera d-*data* tas-SOGIESC identifikata permezz tal-eżerċizzju ta'

identifikazzjoni/mmappjar f'konformità mal-Linja Gwida Nru 3 tal- Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza. Dan iċ-ċentru jista' jiġi ospitat ukoll mill-istituzzjoni/korp awtorizzat biex iwettaq il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet (ara l-Linja Gwida Nru **3.1** ta' dan id-dokument ta' gwida).

- Huma għandhom iwettqu eżerċizzju perjodiku biex jidentifikaw id-*data* dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ filwaqt li jqisu kemm: (i) il-frekwenza li biha jiġu aġġornati s-sorsi tad-*data* identifikati, pereżempju, kull 4 sa 5 snin; u (ii) sorsi u fornituri potenzjali ġodda tad-*data*.

- L-Istati Membri li ma jiġbrux *data* SOGIESC fl-istatistika uffiċjali jew permezz ta' stħarriġ fuq skala kbira għandhom jikkunsidraw djalogu strutturat ma' partijiet ikkonċernati differenti (ez. dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituti tar-riċerka, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, eċċ.), sabiex jintlaħaq kunsens dwar liema tip ta' *data* għandha tinġabar u taħt liema kundizzjonijiet.

# 3.3. Allinja d-definizzjonijiet u l-kategorizzazzjonijiet relatati mas-SOGIESC

## 3.3.1. Motivazzjoni

Approċċ uniformi fil-ġbir tad-*data* (inkluż l-allinjament tad-definizzjonijiet applikati relatati mas-SOGIESC) jappoġġa l-armonizzazzjoni tad-*data* miġbura: (i) maż-żmien; (ii) fi ħdan sorsi differenti ta' *data*; u (iii) fost sorsi differenti ta' *data*. L-allinjament tad-definizzjonijiet tal-orjentazzjoni sesswali, is-sess, il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess iwassal għal kejl aħjar u għalhekk jimmassimizza l-komparabbiltà, il-validità u l-affidabbiltà tad-*data* miġbura. Dan jimminimizza wkoll il-kostijiet tal-ġbir tad-*data*. Kejl aħjar tal-orjentazzjoni sesswali, is-sess, il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess se jagħmilha aktar faċli li jiġu identifikati l-popolazzjonijiet ta' minoranza sesswali u tal-ġeneru u li wieħed jifhem l-isfidi li jiffaċċjaw. Id-definizzjonijiet mill-Glossarju ta' dan id-dokument ta' gwida jistgħu jittieħdu bħala punt tat-tluq għal tali allinjament.

Fil-qosor, approċċ uniformi f'dan il-qasam jgħin biex:

- il-massimizzazzjoni tal-komparabbiltà (fil-livell nazzjonali u madwar l-UE);

- jittejbu l-validità u l-affidabbiltà tal-kunċetti relatati mas-SOGIESC;
- il-massimizzazzjoni tal-opportunitajiet għar-rabta ta' sorsi differenti ta' *data* għal aktar analiżi u rapportar dwar l-ugwaljanza;
- jiġu mminimizzati ż-żmien, il-kostijiet u d-duplikazzjoni bla bżonn bejn is-sorsi tad-*data*.

### 3.3.2. Gwida

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet/korpi rilevanti involuti fil-ġbir tad-*data* abbażi tas-SOGIESC jew responsabbli għaliha huma mħeġġa jieħdu t-12-il miżura stabbiliti fil-punti li ġejjin.

- Għandhom jibnu fuq l-aktar sejbiet riċenti mir-riċerka akkademika fis-soċjoloġija u fil-psikoloġija soċjali, dwar SOGIESC sabiex ikabbru s-sensibilizzazzjoni ta' dawk li potenzjalment jiġbru d-*data* u tal-utenti tad-*data* dwar il-kostruzzjoni soċjali ta' kategoriji razzjali jew etniċi: is-sess, il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, u l-karatteristiċi tas-sess.
- Huma għandhom jinvolvu ruħhom f'konsultazzjonijiet strutturati ma' rappreżentanti tal-komunitajiet LGBTIQ rilevanti kollha biex: (i) jidentifikaw l-aktar kategoriji xierqa għad-diżaggregazzjoni/mistoqsijiet dwar l-awtoidentifikazzjoni li għandhom isiru fi stħarriġ; u (ii) jaqblu dwar id-definizzjonijiet operazzjonali. F'konformità mal-approċċ tan-NU għad-*data* bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, għandu jkun hemm konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-komunità kemm jista' jkun fil-livelli kollha tar-riċerka, inkluż fl-istadju fejn il-kwestjonarji u l-kejl ikunu qed jiġu żviluppati.
- Filwaqt li jibnu fuq ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet fil-komunità, huma għandhom iwettqu konsultazzjonijiet ma': (i) esperti fil-metodoloġija tal-istħarriġ; (ii) esperti fid-disinn tal-istħarriġ; u (iii) l-esperti tad-*data* involuti fil-ġbir ta' *data* amministrattiva (eż. reġistri nazzjonali u ċensiment). F'dawn il-konsultazzjonijiet, huma għandhom jiddiskutu l-isfidi u l-problemi ta' kategorizzazzjonijiet potenzjali għal mistoqsijiet ta' diżaggregazzjoni/stħarriġ (inkluża *data* indikatur relatata mas-SOGIESC) f'ġabriet differenti ta' *data*. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom ifittxu li jilħqu ftehim dwar l-approċċi l-aktar effettivi, validi u affidabbli għall-ġbir u l-użu tad-*data* dwar persuni LGBTIQ. Dawn il-konsultazzjonijiet jistgħu jipprovdu wkoll il-bażi għall-iżvilupp ta' standards jew prattiki promettenti fil-kejl ta' kategorizzazzjonijiet rilevanti.

- Dawn għandhom itejbu r-rati ta' rispons billi jadattaw u jirrevedu mistoqsijiet/kategoriji (b'mod partikolari mistoqsijiet u kategoriji ambigwi) fejn meħtieġ. Dawn l-adattamenti u r-reviżjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq għarfien mill-konsultazzjonijiet fil-komunità.

- Dawn għandhom jużaw terminoloġija preċiża u mingħajr preġudizzju li tirrifletti l-elementi ta' interess. Il-mistoqsijiet li dawn jużaw għandhom jispeċifikaw b'mod ċar liema komponenti qed jitkejlu (eż. is-sess, il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess, u l-orjentazzjoni sesswali). Dawn għandhom jiżguraw li ma jintużax disinn wieħed bħala indikatur għal ieħor[67]. Fir-rigward ta' dan, huma għandhom iqisu kif xieraq il-Linji Gwida Nru 4.1. sa 4.4. ta' dan id-dokument ta' gwida.

- Jenħtieġ li huma jikkunsidraw kif xieraq id-differenzi fir-rekwiżiti lejn sorsi differenti tad-*data* (reġistri amministrattivi, ċensimenti, *data* tal-istħarriġ eċċ.) u l-fattibbiltà/il-flessibbiltà tal-applikazzjoni ta' kategoriji uniformi f'sorsi differenti tad-*data*.

- Huma għandhom: (i) jiddokumentaw il-kriterji bażiċi u l-proċeduri ta' klassifikazzjoni fir-rigward tas-SOGIESC; (ii) jiddokumentaw il-kombinazzjoni ssuġġerita tagħhom ta' dawn il-kriterji u l-proċeduri; u (iii) jinfurmaw lill-utenti tad-*data* dwar il-kunċetti li dawn il-kriterji u l-proċeduri huma bbażati fuqhom.

- Dawn għandhom iqisu kif xieraq il-Linja Gwida Nru 9 "Tejjeb il-validità u l-affidabbiltà tad-*data* dwar l-ugwaljanza" u l-Linja Gwida Nru 11 "Tejjeb il-komparabbiltà tad-*data* dwar l-ugwaljanza" tal-linji gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-*data* dwar l-ugwaljanza.

- Huma għandhom jibnu fuq is-sejbiet mill-eżerċizzju ta' identifikazzjoni (il-Linja Gwida Nru **3.2**. ta' dan id-dokument ta' gwida) biex jiġu identifikati l-affarijiet komuni u d-diskrepanzi bejn il-kategoriji/id-definizzjonijiet applikati fis-sorsi tad-*data* u l-ħin.

- Huma għandhom iqisu kif xieraq il-Linja Gwida Nru **3.4** ta' dan id-dokument ta' gwida dwar il-kunsiderazzjoni tal-informazzjoni dwar is-SOGIESC fil-politiki kollha biex jinkorporaw: (i) id-definizzjonijiet/il-kategoriji relatati mas-SOGIESC miftiehma għad-diżaggregazzjoni u l-kombinazzjonijiet meħtieġa ta' dawn id-definizzjonijiet/il-kategoriji; u (ii) mistoqsijiet li jkejlu d-diskriminazzjoni/il-vittimizzazzjoni tal-kriminalità abbażi ta' SOGIESC fl-istħarriġiet tal-UE u nazzjonali.

[67] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 6.

- Huma għandhom isaħħu u jqisu fil-politiki kollha l-użu regolari tal-kategoriji relatati mas-SOGIESC miftiehma biex jiddiżaggregaw id-*data* kollha miġbura għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.
- Huma għandhom isaħħu l-kooperazzjoni bejn korpi nazzjonali u internazzjonali differenti tal-ugwaljanza biex itejbu u jikkoordinaw il-ġbir tad-*data* tagħhom abbażi tas-SOGIESC.

## 3.4. L-informazzjoni ġenerali relatata mas-SOGIESC fl-istħarriġiet nazzjonali u tal-UE kollha

Il-kolletturi tad-*data* u l-utenti tad-*data* jeħtieġu sorsi multipli u komplementari ta' *data* dwar l-ugwaljanza biex jippermettu t-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza u jivvalutaw l-istat tal-ugwaljanza għall-persuni LGBTIQ. Valutazzjoni tal-impatt xierqa tal-politiki fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni tirrikjedi ġbir regolari tad-*data* għar-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni u għall-oqsma kollha tal-ħajja koperti mil-leġiżlazzjoni rilevanti. Madankollu, l-isforz li jitwettaq fil-ġbir ta' aktar *data* dwar l-ugwaljanza u ta' kwalità aħjar għandu jkun ibbilanċjat u ggwidat mir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, li jirrikjedi li l-istati jiġbru *data* personali biss għal "skopijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi" u "rilevanti u mhux eċċessiva fir-rigward tal-iskop li għalih tiġi pproċessata d-[*data* personali]"[68].

### 3.4.1. Motivazzjoni

#### 3.4.1.1. Ċensimenti

Iċ-ċensiment, l-istħarriġ nazzjonali u internazzjonali fuq skala kbira, u d-*data* amministrattiva jistgħu jkunu sorsi siewja ta' *data* dwar l-ugwaljanza. Madankollu, ħafna drabi dawn ikunu limitati fid-*data* li jiġbru.

**Iċ-ċensiment** jipprovdi informazzjoni dwar id-daqs, il-kompożizzjoni u d-distribuzzjoni spazjali tal-popolazzjoni, kif ukoll dwar il-karatteristiċi soċjoekonomiċi u demografiċi tagħha. Iċ-ċensiment jiġbor *data* dwar kull persuna tal-popolazzjoni ġenerali bbażata fuq reġistri, kwestjonarji, jew sorsi ta' *data* mħallta.

[68] L-Artikolu 5(1) u l-Premessa (39) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

Il-ġbir ta' *data* personali mqassma skont il-karatteristiċi personali huwa protett mill-istandards kostituzzjonali, mil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE tirrikjedi li kull ċensiment jiġbor u jitlob informazzjoni dwar is-**sess**. Il-mistoqsija hija obbligatorja u l-kategoriji ta' rispons li huma permessi huma "maskili" jew "femminili"[69]. Dan ħoloq problema għall-popolazzjoni LGBTIQ, peress li xi persuni trans, ta' ġeneru divers, u intersesswali ma jaqgħux fi ħdan qafas binarju ta' sess u/jew ġeneru. L-għażliet limitati jirriżultaw għalhekk f'esklużjoni u se jkollhom impatt fuq il-validità tad-*data*. Barra minn hekk, fejn il-pajjiżi legalment jipprevedu markaturi tal-ġeneru barra mill-binarji fuq dokumenti uffiċjali (kif inhu l-każ fl-Awstrija[70], fil-Ġermanja,[71]fid-Danimarka[72], fl-Italja[73], f'Malta[74], u n-Netherlands[75]), l-opzjonijiet binarji jistgħu jirrikjedu li r-rispondenti jagħmlu dikjarazzjoni falza dwar l-istatus legali uffiċjali tagħhom. Fiċ-ċensiment tagħhom, il-Ġermanja[76] tinkludi l-kategoriji "divers" u "mhux iddikjarati fir-reġistru tat-twelid", u Malta[77] tinkludi kategorija "oħrajn" għall-mistoqsija dwar is-sess, iżda biss sa fejn dan jikkorrispondi għar-rekord fir-reġistru tat-twelid. L-Awstrija, id-Danimarka u n-Netherlands jiddependu minn *data* amministrattiva aktar milli jwettqu ċ-ċensiment tal-popolazzjoni. Fl-Italja, madankollu, iċ-ċensiment tal-2022 ippreveda biss "maskili" u "femminili"[78].

B'mod ġenerali, iċ-ċensiment rari jiġbor informazzjoni dwar "kategoriji speċjali ta' *data* personali" bħal dawk relatati mas-SOGIESC[79]. L-inklużjoni ta' mistoqsijiet dwar is-SOGIESC fiċ-ċensiment għandha implikazzjonijiet usa', peress li ċ-ċensiment jibni b'mod regolari l-qafas ta' kampjunar għal tipi differenti ta' stħarriġiet. Għalhekk, huwa importanti li jiġi mtenni li r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* ma jxekklux il-ġbir tad-*data* dwar l-ugwaljanza għal finijiet statistiċi, u li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* ma

---

[69] Eurostat (2019), EU legislation on the 2021 population and housing censuses:Explanatory notes, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 66.
[70] Ministry of Finance (2023), Changing Assigned Sex. Innota li dawn il-markaturi tal-ġeneru huma limitati għal persuni intersesswali.
[71] Federal Anti-Discrimination Agency (Antidiskriminierungsstelle des Bundes) (2023), Male – Female – Diverse: The 'third option' and the General Act on Equal Treatment. Mhuwiex ċar jekk dawn il-markaturi tal-ġeneru humiex miftuħa għal persuni mhux binarji mhux intersesswali.
[72] TGEU (2014), id-Danimarka: X in Passports and New Trans Law Works.
[73] Baska, M and Milton, J. (2022), Italian court recognises non-binary person's gender identity in historic first, Pink News.
[74] Human Rights Directorate (2020), Legal Gender Recognition and Bodily Integrity.
[75] Il-Gvern tan-Netherlands (2022), Changing the registration of gender on official documents.
[76] Statistische Ämter des Bundes und der Länder (2022), https://www.zensus2022.de/DE/Wer-wird-befragt/Musterfragebogen_Uebersicht/Fragebogen.html?nn=610864" \l "Haushaltebefragung
[77] Uffiċ Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika – Malta, Ċensiment.
[78] ISTAT (2022), Popolazione e Abitazioni: Documentazione.
[79] Skont l-Artikolu 9 tal-GDPR il-kategoriji speċjali ta' *data* personali jinkludu "*data* personali, li tiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union", kif ukoll id-"*data* ġenetika, *data* bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, *data* dwar is-saħħa jew *data* dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika."

japplikawx għal informazzjoni anonima jew għal *data* personali li ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-*data* ma jiġix identifikat jew ma jibqax identifikabbli[80]. S'issa, Malta hija l-uniku Stat Membru tal-UE li inkluda mistoqsijiet speċifiċi dwar l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fiċ-ċensiment tiegħu[81]. Barra mill-UE, ir-Renju Unit, il-Kanada u l-Awstralja inkludew mistoqsija dwar l-identità tal-ġeneru fiċ-ċensiment tagħhom, u n-Nepal, l-Indja u l-Pakistan irrevedew iċ-ċensiment tagħhom biex jinkludu kategoriji mhux binarji tas-sess jew tal-ġeneru[82]..

Meta ma jkun hemm l-ebda mistoqsija speċifika relatata mas-SOGIESC, tista' tinkiseb xi idea tar-realtajiet li jgħixu l-persuni LGBTIQ billi tintuża informazzjoni li sservi ta' indikatur, pereżempju billi jsiru mistoqsijiet dwar: (i) is-sieħeb tar-rispondent taċ-ċensiment; (ii) ir-relazzjoni tar-rispondent taċ-ċensiment ma' membri oħra tal-unità domestika; (iii) is-sess tas-sieħeb/tal-membri tal-unità domestika fiċ-ċensiment. Il-ġbir ta' tali informazzjoni li sservi ta' indikatur żdied f'dawn l-aħħar snin, l-aktar minħabba li f'għadd dejjem akbar ta' pajjiżi koppji tal-istess sess jistgħu jirreġistraw ir-relazzjoni tagħhom jew jistgħu jiżżewġu legalment. Ir-regolamenti tal-UE għaċ-ċensiment tal-2021[83] jagħmluha obbligatorja għall-Istati Membri li jipprovdu *data* dwar il-kategoriji "fi żwieġ tas-sess oppost jew sħubija rreġistrata" jew "fi żwieġ tal-istess sess jew sħubija rreġistrata". Madankollu, ir-regolamenti jabolixxu wkoll id-distinzjoni bejn sħab tas-sess oppost u sħab tal-istess sess għall-kategorija "sħab f'unjoni ta' kunsens[84]", li tagħmilha aktar diffiċli li tinġabar informazzjoni dwar l-għadd ta' koppji tal-istess sess li ma humiex miżżewġin jew li huma fi sħubija rreġistrata.

Għalkemm id-*data* dwar is-sħubijiet tal-istess sess spiss tintuża bħala indikatur għall-orjentazzjoni sesswali, l-informazzjoni li jipprovdu hija limitata. Din ma tkoprix persuni li bħalissa ma humiex f'relazzjoni jew li ma humiex lesti li jiżvelaw – jew jiżvelaw b'mod komdu – ir-relazzjoni tagħhom. Din tonqos ukoll milli tidentifika r-rispondenti li bħalissa jinsabu f'relazzjoni ta' "sess oppost", li se twassal b'mod partikolari għal għadd baxx ta' persuni bisesswali u pansesswali, kif ukoll ta' persuni trans li ma kellhomx il-ġeneru tagħhom irreġistrat legalment.

### Kaxxa A 4– Mistoqsijiet relatati mas-SOGIESC fiċ-ċensiment ta' Malta

**M5**

[80] Ara, Il-Kummissjoni Ewropea (2021), Round table on Equality Data in September 2021 and Principle 4 of the Guidance note on the collection and use of equality data based on racial or ethnic origin.
[81] Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika – Malta, Ċensiment.
[82] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 114.
[83] Ir-Regolament (UE) 2017/543.
[84] Eurostat (2019), EU legislation on the 2021 population and housing censuses – Explanatory Notes, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, pp. 66-67., il-Lussemburgu, pp. 66-67.

Indika s-sess reġistrat tiegħek (Immarka ċirku wieħed biss)

- Maskil
- Femminil
- Oħrajn

**M7**

Il-ġeneru li tidentifika miegħu huwa l-istess bħas-sess irreġistrat tiegħek?

- Iva (mur għal M9)
- Le

**M8**

Speċifika l-ġeneru li tidentifika miegħu

(Kaxxa testwali miftuħa)

**M9**

Liema waħda minn dawn tiddeskrivi bl-aħjar mod l-orjentazzjoni sesswali tiegħek? (Immarka ċirku wieħed biss)

- Straight/Eterosesswali
- Gay jew Leżbjana
- Bisesswali
- Ieħor (Speċifika)

**Noti għall-kunsiderazzjoni:**

Iċ-ċensiment għandu xi limitazzjonijiet. F'M5, il-kategorija "l-oħrajn" tirreferi speċifikament għas-sess irreġistrat, u għalhekk din il-mistoqsija ma għandhiex tintuża biex tindika l-prevalenza ta' persuni mhux binarji jew intersesswali. M7 tistaqsi jekk il-ġeneru tar-rispondent huwiex differenti mis-sess reġistrat tiegħu minflok is-sess assenjat mat-twelid. Għalhekk, din il-mistoqsija se tkopri biss ir-rispondenti trans li ma kellhomx il-ġeneru tagħhom rikonoxxut legalment. M9 hija limitata wkoll fl-għażliet li tippreżenta, pereżempju billi ma tinkludix lill-persuni asesswali.

### 3.4.1.2. Stħarriġ fuq skala kbira

Għalkemm id-*data* relata mas-SOGIESC għadha ma tinġabarx permezz taċ-ċensiment fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, is-sitwazzjoni tidher li qed tinbidel għal stħarriġiet ibbażati fuq il-popolazzjoni. L-**Istħarriġiet fuq skala kbira** huma għodda b'saħħitha, li tagħmilha possibbli li jinġabar sett komprensiv ta' *data* dwar l-ugwaljanza. L-istħarriġiet ġenerali

dwar il-popolazzjoni huma bbażati fuq kampjun li huwa rappreżentattiv tal-popolazzjoni totali, pereżempju l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-xogħol, l-Istħarriġ tal-UE dwar il-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (UE-SILC), jew stħarriġiet nazzjonali dwar is-saħħa.

F'rapport ippubblikat dan l-aħħar, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tiddikjara li huwa importanti li tinġabar *data* **rappreżentattiva** relatata mas-SOGIESC[85]. Ir-rappreżentanza turi l-punt sa fejn il-karatteristiċi ta' kampjun (bħall-kompożizzjoni tiegħu fir-rigward tas-SOGIESC) jikkorrispondu għall-karatteristiċi tal-popolazzjoni li minnha jkun ittieħed il-kampjun, skont ir-regoli stabbiliti. Kif iddikjarat fil-*Linji Gwida dwar it-titjib tal-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza*, "ir-rappreżentazzjoni tista' tiġi affettwata b'mod negattiv jekk id-daqs tal-kampjun ikun żgħir wisq – [jiġifieri], meta ma jkunx jinkludi għadd suffiċjenti ta' persuni li jappartjenu għal grupp ta' popolazzjoni fil-mira, jew jekk is-sottogruppi speċifiċi tal-popolazzjoni jiġu esklużi sistematikament mill-ġbir tad-*data* fl-ewwel post (minħabba diffikultajiet lingwistiċi, indebolimenti eċċ.)[86]."

Diversi pajjiżi tal-UE u taż-Żona Ekonomika Ewropea diġà inkludew mistoqsijiet dwar is-SOGIESC fi stħarriġiet ibbażati fuq il-popolazzjoni[87]. Il-Belġju[88], id-Danimarka[89], il-Finlandja[90], Franza[91], l-Irlanda[92], in-Netherlands[93], l-Iżvezja[94] u n-Norveġja[95] wettqu stħarriġiet li jistaqsu kemm dwar l-orjentazzjoni sesswali kif ukoll dwar l-identità tal-ġeneru. Il-Ġermanja[96], l-Italja[97], Spanja[98] u l-Iżlanda[99] inkludew mistoqsijiet dwar l-orjentazzjoni sesswali. L-Italja implimentat stħarriġ pilota dwar id-diskriminazzjoni li jinkludi mistoqsijiet dwar l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. Il-Portugall għandu l-għan ukoll li jinkludi mistoqsijiet dwar l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-

---

[85] OECD (2020), Over the Rainbow? The Road to LGBTI Inclusion, OECD Publishing, Paris, p. 29.
[86] Il-Kummissjoni Ewropea (2018), Guidelines on improving the collection and use of equality data, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 21.
[87] Lista sħiħa ta' stħarriġiet rappreżentattivi fil-livell nazzjonali li jistaqsu dwar l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru mwettqa mill-istituzzjonijiet pubbliċi fil-pajjiżi tal-OECD mill-2018 hija disponibbli fl-OECD (2019), Society at a Glance 2019: OECD Social Indicators, OECD Publishing, Paris, pp. 52-56. Aktar informazzjoni dwar id-*data* miġbura mill-Istati Membri hija dettaljata wkoll fir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea (2017), Data collection in relation to LGBTI People, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu.
[88] Istitut għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (Instituut voor de gelijkheid van vrouwen en mannen) (2022), Enquête #YouToo?.
[89] Statens Serum Insitut (2019), Projekt SEXUS.
[90] Istitut Finlandiż għas-Saħħa u l-Benesseri (2021), School Health Promotion Study.
[91] Institut National D'Études Démographiques (2020), VIRAGE.
[92] Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika (2019), General Household Survey.
[93] Statistics Netherlands (2021), Safety Monitor.
[94] Aġenzija dwar is-Saħħa Pubblika tal-Iżvezja (2022), Public Health Survey.
[95] Statistics Norway (2021), Quality of Life in Norway.
[96] Istitut Ġermaniż għar-Riċerka Ekonomika (DIW Berlin) (2022), Socio-Economic Panel.
[97] Istituto Nazionale di Statistica (2015), Survey on discriminations by gender, sexual orientation and ethnic origin.
[98] Instituto Nacional de Estadística (2006), Health and Sexual Behaviour Survey.
[99] Id-Direttorat tas-Saħħa (2022), Health and Wellbeing Study.

ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess fi stħarriġ li ġej dwar il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru[100]. L-inklużjoni tal-karatteristiċi tas-sess tkun partikolarment importanti peress li l-ebda stħarriġ ġenerali dwar il-popolazzjoni ma jistaqsi dwar jekk ir-rispondenti humiex intersesswali/għandhomx varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess[101].

### 3.4.1.3. *Data* amministrattiva

**Id-*data* amministrattiva** hija distinta mid-*data* li tinġabar biss għal skopijiet statistiċi (id-*data* li tinġabar biss għal skopijiet statistiċi tinkludi *data* taċ-ċensiment u *data* tal-istħarriġ). Id-*data* amministrattiva hija kwalunkwe *data* li tinġabar mill-awtoritajiet pubbliċi. Id-*data* amministrattiva sservi primarjament għal xi skop għajr il-produzzjoni tal-istatistika[102], bħall-ħlas tat-taxxi, jew ir-reġistrazzjoni tat-twelid u tal-imwiet.

Għall-kuntrarju tad-*data* mill-istħarriġiet, id-*data* amministrattiva spiss tkopri popolazzjonijiet sħaħ (eż. Il-kontribwenti kollha), u tista' tiżvela informazzjoni li kieku qatt ma kienet tinġabar. Id-*data* amministrattiva tista' tinġabar aktar ta' spiss mid-*data* li tinġabar għal finijiet statistiċi. Pereżempju, dwar is-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ fl-Ewropa, huwa komuni li tinstab *data* amministrattiva mir-rekords dwar: (i) l-għadd ta' persuni li jidħlu fi sħubija tal-istess sess rikonoxxuta legalment (kemm jekk żwieġ kif ukoll jekk status ieħor); u (ii) l-għadd ta' individwi li jingħataw permess biex ibiddlu r-rekord tas-sess tagħhom kif assenjat mit-twelid.

Filwaqt li tista' tkun utli, id-*data* amministrattiva tippreżenta ħafna sfidi u tista' tkun problematika bħala sors ta' *data* relatata mas-SOGIESC. L-isforzi għall-ġbir tad-*data* amministrattiva ma humiex ikkoordinati u segwiti bl-istess mod bħall-isforzi għall-ġbir tad-*data* statistika. F'xi każijiet, id-*data* fil-livell tal-grupp ma hija disponibbli bl-ebda mod[103]. Il-varjabbli jistgħu jkunu limitati wkoll, pereżempju meta tinġabar *data* dwar il-ġeneru legali iżda d-*data* dwar l-identità tal-ġeneru ma hijiex. F'ħafna każijiet, id-*data* relatata mas-SOGIESC qed tinġabar mingħajr ma jkun hemm raġuni legali jew raġuni biex isir dan (pereżempju, meta ssir applikazzjoni għal kard tal-librerija), li tista' titqies bħala invażiva żżejjed u, f'xi każijiet, tiskoraġġixxi lill-persuni LGBTIQ milli jaċċessaw servizz partikolari[104].

---

[100] OHCHR (2018), Report of the Independent Expert on protection against violence and discrimination based on sexual orientation and gender identity: Responses by the Portuguese Authorities, p. 3.
[101] OECD (2019), Society at a Glance 2019: OECD Social Indicators, OECD Publishing, Paris, p. 15.
[102] Il-Kummissjoni Ewropea (2016), European Handbook on Equality Data (2016 revision), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, Taqsima 2.1.1.
[103] Pereżempju, fil-bażijiet tad-*data* dwar is-saħħa, in-nies intersesswali ma humiex definiti speċifikament bħala tali f'termini ta' saħħa għall-analiżi statistika, u għalhekk ma humiex inklużi fil-bażijiet tad-*data*. Ara: Republic of Slovenia, Advocate of the Principle of Equality (2022), Special report. The Situation of Intersex People in Medical Procedures, Advocate of the Principle of Equality, Ljubljana.
[104] Ashley, F. (2021), Recommendations for Institutional and Governmental Management of Gender Information. *New York University Review of Law & Social Change*, 44(4):489-528, pp. 504, 514-515.

### 3.4.1.4. L-użu ta' indikaturi varjabbli

Indikatur varjabbli huwa indikatur li jintuża biex jagħti rappreżentazzjoni approssimattiva ta' fenomenu, relatat mal-varjabbli, iżda li ma jistax jitkejjel direttament b'mod aktar oġġettiv. Sabiex varjabbli jkun indikatur validu, irid ikun relatat mill-qrib mal-varjabbli li jissostitwixxi.

Il-Human Rights-Based Approach to Data tal-OHCHR jiddikjara li l-popolazzjonijiet għandhom jiddefinixxu lilhom infushom, li jfisser li l-parametri tal-popolazzjoni ma jistgħux jiġu imposti minn parti esterna jew assenjati permezz ta' imputazzjoni jew indikatur. It-tħassib primarju fir-rigward tar-rapportar ta' indikatur huwa li d-*data* li tirriżulta ma tirriflettix kif persuna kienet tidentifika ruħha li kieku setgħet tirrispondi għaliha nnifisha[105]. Għalhekk, il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-awtoidentifikazzjoni tal-individwi f'termini ta' SOGIESC jieħu preċedenza fuq l-informazzjoni li sservi ta' indikatur.

Ħafna Stati Membri jiġbru b'mod regolari *data* dwar il-popolazzjoni jew iċ-ċensiment li tista' tintuża bħala indikatur imperfett għad-*data* relatata mas-SOGIESC (pereżempju f'mistoqsijiet li jistaqsu dwar is-sess tar-rispondent u tas-sieħeb tiegħu bħala indikatur għar-relazzjonijiet LGBTIQ). Din it-tip ta' informazzjoni x'aktarx li ma tkunx preċiża għal diversi raġunijiet. Pereżempju, din tonqos milli tqis persuni trans li ma jkunux irreġistraw legalment il-ġeneru tagħhom, jew għal persuni bisesswali jew pansesswali f'relazzjoni ma' xi ħadd ta' sess differenti. Tali informazzjoni għandha għalhekk tintuża biss jekk ma jkun hemm l-ebda mezz ieħor għall-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC.

L-użu ta' rapportar ta' indikatur jista' jkun meħtieġ f'xi każijiet (bħal meta tinġabar *data* dwar it-trabi) iżda x'aktarx jirriżulta f'"għadd baxx". Pereżempju, jekk l-istatistika tkun ibbażata biss fuq skrinjar ta' qabel it-twelid (bħala indikatur għal individwi b'varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess), din mhux se tinkludi dawk l-individwi li l-varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess tagħhom tiġi żvelata aktar tard fil-ħajja. Bl-istess mod, il-miżuri binarji standard tas-sess huma indikatur inadegwat għall-kejl primarju tal-karatteristiċi tal-ġeneru u tas-sess, speċjalment fost popolazzjonijiet ta' sess divers u ta' ġeneru divers[106]. Jekk id-*data* dwar l-għadd ta' bidliet fir-reġistrazzjoni legali tal-ġeneru tintuża bħala indikatur għad-daqs tal-popolazzjoni trans (jew għall-proporzjon tal-popolazzjoni li hija trans), dan jista' jwassal għal għadd baxx peress li mhux il-persuni trans kollha jistgħu jew jixtiequ jbiddlu r-reġistrazzjoni legali tagħhom tal-ġeneru. Dan jista' jwassal ukoll għal ineżattezzi, peress li jista' jinkludi persuni intersesswali li ma jidentifikawx bħala trans. Il-ponderazzjoni bbażata fuq stimi minn pajjiżi oħra dwar il-proporzjon ta'

[105] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 50.
[106] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 44.

persuni trans li jfittxu rikonoxximent legali tal-ġeneru (LGR) tista' ttejjeb l-affidabbiltà tad-*data* li sservi ta' indikatur. Madankollu, dan huwa possibbli biss jekk il-pajjiżi jkollhom leġiżlazzjoni komparabbli, peress li l-ostakli legali jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-għadd ta' persuni li jkunu qed ifittxu LGR.

### Kaxxa A 5– L-użu ta' indikaturi fl-istħarriġ tal-unitajiet domestiċi UE-SILC

L-**istħarriġ dwar l-unitajiet domestiċi EU-SILC** fih mistoqsija dwar is-sess u mistoqsija dwar l-istat ċivili tal-membri kollha tal-unità domestika[166]. Issir nota dwar koppji tal-istess sess biex jiġi ċċarat li s-sħubijiet reġistrati jgħoddu wkoll bħala stat ċivili. Il-kombinazzjoni taż-żewġ mistoqsijiet tista' tivvaluta l-prevalenza ta' koppji tal-istess sess, għalkemm din l-informazzjoni se tkopri biss koppji tal-istess sess li huma miżżewġin jew fi sħubija rreġistrata.

**[Sess]** *(il-mistoqsijiet jirrepetu għall-membri kollha tal-unità domestika)*

- Maskil
- Femminil

[NOTA: Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar.]

**[Stat Ċivili]** *(il-mistoqsija tirrepeti ruħha għall-membri kollha tal-unità domestika)*

- Qatt ma żżewweġ/żżewġet
- Miżżewweġ/Miżżewġa
- Separat(a)
- Armel/Armla
- Divorzjat(a)

[NOTA: Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar.] Xi pajjiżi għandhom qafas legali għar-reġistrazzjoni ta' sħubijiet (fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi dawn huma sħubijiet tal-istess sess, u għandhom l-istess status legali bħal dak ta' koppji miżżewġin). Din l-informazzjoni trid tiġi ttrattata wkoll b'mod armonizzat u qed jiġi propost li dawn is-sħab rikonoxxuti legalment jiġu ttrattati bħala miżżewġin u li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi 2 meta r-relazzjoni tkun għadha teżisti, jew taħt il-kodiċi minn 3 sa 5 kif xieraq (separazzjoni legali jew mewt ta' wieħed mis-sħab jew il-bqija).]

L-Eurostat u l-Istati Membri spiss ma jiddiżaggregawx din id-*data* biex jistmaw il-prevalenza ta' koppji tal-istess sess, anke jekk l-informazzjoni tkun disponibbli. Jekk ma jkunx hemm *data* aħjar disponibbli, tali diżaggregazzjoni tista' tkun għodda utli.

## 3.4.2. Gwida

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti involuti fil-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC jew li huma responsabbli għaliha huma mħeġġa jqisu l-informazzjoni

relatata mas-SOGIESC fil-politiki kollha. Il-punti ta' hawn taħt jistabbilixxu f'aktar dettall xi kunsiderazzjonijiet li l-Istati Membri għandhom iżommu f'moħħhom.

- Jekk iċ-ċensiment ma jipprovdix informazzjoni relatata mas-SOGIESC, l-istħarriġ tal-kampjuni għandu jikkomplementa ċ-ċensiment u jinkludi mistoqsijiet/moduli li jkopru l-karatteristiċi tas-SOGIESC fuq bażi regolari.

- Meta jiżviluppaw stħarriġiet jew meta jiġbru d-*data* bħala parti mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika permezz tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol u l-UE-SILC, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun xieraq, jinkorporaw sistematikament informazzjoni bbażata fuq is-SOGIESC. Iż-żieda ta' mistoqsijiet fakultattivi dwar l-awtoidentifikazzjoni hija wkoll possibbiltà. L-informazzjoni bbażata fuq is-SOGIESC tista' tiġi inkorporata wkoll billi jiġu żviluppati u mħaddma moduli ta' stħarriġ tematiċi li jkopru, pereżempju: (i) l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni f'oqsma differenti tal-ħajja; (ii) il-fastidju u l-vjolenza motivati minn preġudizzji; (iii) is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet; u (iv) ir-rapportar ta' inċidenti ta' diskriminazzjoni.

- Sabiex ikopru l-inugwaljanzi intersezzjonali, l-Istati Membri għandhom jintroduċu varjabbli individwali u mistoqsijiet ta' stħarriġ li huma speċifikament relatati mal-kejl tal-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni perċepita fuq diversi bażijiet, inklużi s-SOGIESC, f'oqsma differenti tal-ħajja.

- Fejn rilevanti u possibbli, l-Istati Membri għandhom jevitaw li jillimitaw il-ġbir tagħhom ta' *data* relatata mas-SOGIESC għall-adulti biss. Għalkemm il-minorenni jingħataw protezzjoni akbar skont diversi liġijiet ewlenin dwar il-privatezza tad-*data* (inkluż il-GDPR), id-*data* mill-istħarriġ Ewropew turi l-importanza li tinġabar ukoll *data* dwar persuni li għandhom anqas minn 18-il sena. Pereżempju, l-istħarriġ LGBTIQ II tal-FRA ġabar *data* mingħand żgħażagħ li għandhom bejn il-15 u s-17-il sena[107]. Għalkemm ir-rakkomandazzjoni tal-GDPR għall-età tal-kunsens biex wieħed jirrispondi l-istħarriġ hija ta' 16-il sena, l-Istati Membri jistgħu jippromulgaw liġijiet li jbaxxu l-età tal-kunsens għal 13-il sena (iżda mhux taħt it-13-il sena), skont l-Artikolu 8(1)[108].

- L-Istati Membri għandhom iqisu li jużaw mistoqsija dwar l-affiljazzjoni ta' grupp ta' minoranza meta l-aspetti relatati mas-SOGIESC ma jkunux jistgħu jitkejlu direttament fi stħarriġ. Jekk ikun impossibbli li jiżdiedu mill-inqas erba' mistoqsijiet addizzjonali (li jistaqsu dwar l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, u/jew varjazzjonijiet tal-karatteristiċi tas-sess), jista' jinstab

[107] EU Agency for Fundamental Rights (2020), A long way to go for LGBTI equality, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu.
[108] L-Artikolu 8(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

approċċ alternattiv iżda inqas preċiż billi r-rispondenti jiġu mistoqsija sa liema punt jagħmlu parti minn gruppi ta' minoranza oħra, billi tiġi pprovduta lista ta' eżempji rilevanti li jinkludu li wieħed ikun LGBTIQ. Għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni jew definizzjoni ta' x'inhu grupp ta' minoranza (f'termini ta' SOGIESC). Id-definizzjonijiet ipprovduti fil-glossarju fl-anness ta' dan id-dokument ta' gwida jistgħu jservu bħala l-punt tat-tluq għal tali spjegazzjoni.

- L-Istati Membri għandhom iżidu l-għadd ta' persuni li kieku ma jkunux irrappreżentati b'mod adegwat fil-kampjuni tal-istħarriġ minħabba l-għadd żgħir tagħhom fil-popolazzjoni ġenerali billi jużaw kampjuni ta' rinforz.

- Jekk ikun hemm ammont żgħir wisq ta' rispondenti f'kategorija għal analiżi sinifikattiva (bħal għadd limitat ta' rispondenti mhux binarji meta mqabbla mal-irġiel u n-nisa), l-Istati Membri jgħandhom jiddokumentaw il-fatt li għandhom kampjun/daqs ta' ċelloli żgħar "mhux affidabbli" fir-rapporti tekniċi u jiddikjaraw għaliex ma huwiex possibbli li jiġu inklużi ċerti kategoriji fl-analiżi ewlenija. Dan iżid il-viżibbiltà u jipprevjeni interpretazzjonijiet simplistiċi żżejjed.

- L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-inklużjoni tas-SOGIESC fi stħarriġ lonġitudinali (stħarriġ li ripetutament jiġbor *data* dwar l-istess individwi fuq perjodu itwal, eż. stħarriġ tal-bord), biex ikun possibbli li tiġi vvalutata l-bidla individwali maż-żmien.

- Meta l-għan għall-ġbir ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali ma jkunx ċar, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jiddikjaraw il-bażi legali u l-iskop li għalih tkun qed tinġabar id-*data*. Kif jingħad fl-Artikolu 6 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR), il-bażijiet ġuridiċi tal-ġbir tad-*data* huma kunsens; kuntratt; obbligu legali; interessi vitali; kompitu pubbliku; jew interess leġittimu. Mistoqsijiet invażivi żżejjed li ma jissodisfaw l-ebda wieħed mill-iskopijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jżidu l-esklużjoni tal-LGBTIQ billi jiskoraġġixxu lill-persuni LGBTIQ milli jaċċessaw servizzi partikolari. Id-*data* miġbura għandha tkun meħtieġa, proporzjonata u ssegwi l-prinċipju ġenerali li ma ssir l-ebda ħsara. Għalhekk, jekk ma jkun hemm l-ebda bażi legali biex tinġabar id-*data* relatata mas-SOGIESC, huwa rrakkomandat li ma tinġabar l-ebda *data* relatata mas-SOGIESC f'*data* amministrattiva.

- Ħafna drabi l-ġeneru ta' persuna jinġabar sempliċiment biex ikun possibbli li din il-persuna tiġi indirizzata b'mod korrett. F'dawn il-każijiet, minflok, staqsi lill-persuna għat-titolu korrett, inklużi għażliet newtrali għall-ġeneru. B'dan il-mod, il-persuna tista' tinformak dwar it-titoli preferuti tagħha mingħajr ma tikkondividi informazzjoni personali. Pereżempju, mistoqsija bħal din tista' tkun: "Liema titolu tippreferi? Sinjura, Sur, Sx jew L-ebda titolu, l-ewwel isem tiegħi biss".

- L-Istati Membri għandhom jużaw varjabbli/kategoriji ta' indikaturi f'sorsi ta' *data* eżistenti fejn ma jistax jiġi applikat il-prinċipju ta' awtoidentifikazzjoni bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem.

- Għall-istħarriġiet tal-unitajiet domestiċi, li fihom membru wieħed tal-unità domestika jkun qed jipprovdi informazzjoni dwar membri oħra tal-unità domestika (l-hekk imsejjaħ informatur indikatur), il-ġbir ta' informazzjoni relatata mas-SOGIESC għandu jiġi evitat sa fejn ikun possibbli[109], peress li huwa relatat ma' *data* sensittiva li tirrikjedi l-kunsens tal-persuna maħsuba. Għalhekk, il-mistoqsijiet relatati mas-SOGIESC għandhom isiru biss lir-rispondent fil-mira inkluż fil-kampjun. L-organizzazzjonijiet mhux statistiċi u istituzzjonijiet oħra tar-riċerka jistgħu japplikaw, kif xieraq, il-prattiki stabbiliti tagħhom għas-sostituzzjoni ta' unitajiet domestiċi jew ta' rispondenti li jirrifjutaw li jieħdu sehem fl-intervista jew li ma jkunux disponibbli.

- Il-ġbir tad-*data* għandu jippermetti lir-rispondenti jidentifikaw lilhom infushom kull meta jkun possibbli, u kwalunkwe rapportar ta' indikatur għandu jirrifletti dak li huwa magħruf dwar kif persuna tidentifika lilha nnifisha.

- L-attivitajiet kollha ta' ġbir ta' *data* għandhom jirrikjedu kunsens infurmat sew minn rispondenti potenzjali, mingħajr ebda penali għal dawk li jagħżlu li ma jiskambjawx informazzjoni personali dwarhom infushom jew ma' membri oħra tal-unitajiet domestiċi.

Għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar li d-*data* miġbura permezz ta' indikatur tista' ma tirriflettix kif persuna kienet tidentifika ruħha li kieku ngħatat l-opportunità li tidentifika lilha nnifisha u x'aktarx li tirriżulta f'għadd baxx għall-popolazzjonijiet emarġinati. Din il-limitazzjoni għandha tiġi rikonoxxuta fi kwalunkwe analiżi ta' tali *data*[110].

[109] Modulu ta' stħarriġ biex jitkejlu l-esperjenzi tad-diskriminazzjoni żviluppati mit-Tim ta' Ħidma tal-Grupp Praia dwar in-Nondiskriminazzjoni u l-Ugwaljanza.
[110] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 50.

# 3.5. L-integrazzjoni ta' approċċ intersezzjonali fil-ġbir u l-użu tad-*data* tas-SOGIESC

"Id-diskriminazzjoni ħafna drabi hija multidimensjonali u approċċ intersezzjonali biss jista' jwitti t-triq għal bidliet sostenibbli u ta' rispett fis-soċjetà."

EU *LGBTIQ equality strategy 2020-2025*

Il-liġijiet nazzjonali dwar l-ugwaljanza fl-UE rari jinkludu dispożizzjonijiet li jkunu relatati mad-diskriminazzjoni multipla jew intersezzjonali. Meta dawn ikunu jinkludu dispożizzjonijiet bħal dawn, ikun hemm diskrepanzi bejn il-pajjiżi, bħan-network Ewropew ta' esperti legali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-noti ta' nondiskriminazzjoni[111]. Irrispettivament mill-arranġamenti u mid-dispożizzjonijiet legali, id-*data* tar-riċerka u l-evidenza jenfasizzaw li d-diskriminazzjoni intersezzjonali hija realtà rikorrenti għal ħafna persuni madwar l-UE.

Pereżempju, id-*data* tal-istħarriġ mill-FRA turi li n-nies jesperjenzaw diskriminazzjoni bbażata fuq varjetà ta' raġunijiet u bħala taħlita ta' raġunijiet, bħall-età u l-etniċità, jew ir-reliġjon u l-etniċità (inkluż l-isfond tal-migrazzjoni)[112]. Is-sejbiet mill-Istħarriġ tal-LGBTI II tal-FRA juru li l-orjentazzjoni sesswali kienet imsemmija bħala bażi addizzjonali ta' diskriminazzjoni esperjenzata minn 60 % tal-persuni intersesswali u 46 % tal-persuni trans; filwaqt li 46 % tan-nisa bisesswali u 29 % tan-nisa leżbjani semmew is-sess bħala bażi addizzjonali ta' diskriminazzjoni li esperjenzaw. Minn dawk ir-rispondenti tal-LGBTI li qiesu lilhom infushom bħala minoranza etnika (inklużi l-migranti), 35 % irrapportaw diskriminazzjoni li seħħet minħabba l-oriġini etnika jew l-isfond tal-migrazzjoni. Minn dawk li qiesu lilhom infushom bħala li jappartjenu għal minoranza reliġjuża, 28 % semmew ir-reliġjon jew it-twemmin. Minn dawk li qiesu lilhom infushom bħala minoranza f'termini ta' diżabilità, 33 % semmew id-diżabilità bħala raġuni addizzjonali għall-aħħar inċident ta' fastidju li esperjenzaw. Mir-rispondenti intersesswali, 41 % semmew ukoll l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru bħala bażi addizzjonali ta' diskriminazzjoni li esperjenzaw[113].

---

[111] Netwerk Ewropew ta' esperti legali fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fin-nondiksriminazzjoni (2020), A comparative analysis of non-discrimination law 2019, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, pp. 36-37.

[112] FRA (2021), Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the equality directives, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, Brussell, p.42.

[113] FRA (2020), A long way to go for LGBTI equality, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 45. Calderon-Cifuentes, PA. (2021), Trans Discrimination in Europe. Analiżi tat-TGEU tal-Istħarriġ LGBTI tal-

L-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni reċenti kollha tal-UE dwar l-ugwaljanza jindirizzaw l-intersezzjonalità billi jitolbu azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-intersezzjonijiet u l-forom multipli ta' diskriminazzjoni. Fil-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, il-Kummissjoni Ewropea tħeġġeġ lill-Istati Membri "jilħqu ftehim malajr dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 biex jiġi implimentat trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali[114]". Barra minn hekk, il-prattikanti fil-qasam jirrikonoxxu li l-indirizzar tad-diskriminazzjoni mill-perspettiva ta' bażi unika ma jindirizzax b'mod adegwat il-modi differenti li bihom jista' jseħħ trattament mhux ugwali[115].

### Kaxxa A 6– Diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali

**"Diskriminazzjoni multipla"** tiddeskrivi diskriminazzjoni li sseħħ abbażi ta' diversi raġunijiet li joperaw separatament.

"**Id-diskriminazzjoni intersezzjonali"** tiddesrivi sitwazzjoni li fiha joperaw diversi tipi ta' raġunijiet li joperaw u jinteraġixxu ma' xulxin fl-istess ħin b'tali mod li jkunu inseparabbli u jipproduċu tipi speċifiċi ġodda ta' diskriminazzjoni.[116]

## 3.5.1. Motivazzjoni

The complexity of LGBTIQ identities and experiences cannot be captured by a single ground, as they encompass multiple, intersecting characteristics that should be recognised[117]. Il-komprensjoni tal-esperjenzi intersezzjonali hijaa għalhekk kruċjali għat-tfassil ta' miżuri u politiki effettivi biex ikopru b'mod adegwat sitwazzjonijiet li fihom raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni jiltaqgħu jew jaġixxu flimkien ma' xulxin.

## 3.5.2. Gwida

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet/il-korpi rilevanti involuti fil-ġbir jew responsabbli għall-ġbir tad-*data* bbażata fuq is-SOGIESC huma mħeġġa jieħdu approċċ intersezzjonali fil-ġbir u l-użu tad-*data* relatata mas-SOGIESC. Huma mħeġġa wkoll biex jinvolvu lill-

FRA 2019; ILGA Europe, il-Komunità ta' Leżbjani EwroĊentraliAsjatika (EL*C) (2022), Intersections, Lesbian Briefing, u ILGA-Europe u IGLYO (2022), Intersections, Youth Briefing. Il-briefings li ġejjin se jindirizzaw l-esperjenzi intersezzjonali ta' persuni intersesswali, minoranzi reliġjużi u etniċi, persuni LGBTI akbar fl-età, persuni trans, u oħrajn.

[114] Il-Kummissjoni Ewropea (2020), A Union of equality – EU anti-racism action plan 2020-2025, COM(2020) 565 final, Brussell, p. 6.

[115] FRA (2017), Fundamental Rights Report 2017, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, p. 58.

[116] FRA and European Court of Human Rights (2018), Handbook on European non-discrimination law – 2018 edition, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemurgu, p. 59.

[117] Ara wkoll EIGE (2022), Intersectionality.

komunitajiet fil-proċess. Il-punti ta' hawn taħt fihom suġġerimenti ulterjuri għall-Istati Membri.

- L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet/korpi rilevanti għandhom jiżviluppaw strateġiji biex: (i) ikopru b'mod adegwat sitwazzjonijiet li fihom raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni jikkonverġu jew jaġixxu flimkien ma' xulxin; u (ii) iqisu d-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali fl-analiżi tad-*data*. Għal dan il-għan, l-Istati Membri tal-UE għandhom jużaw sett komprensiv ta' għodod biex jiġbru *data* dwar l-ugwaljanza, inkluż stħarriġ kwantitattiv fuq skala kbira li jkopri gruppi ta' popolazzjoni u raġunijiet ta' diskriminazzjoni differenti [118].

-

- Member States and relevant institutions/bodies should use a comprehensive set of tools to collect equality data[119], including large-scale quantitative surveys covering different population groups and different grounds of discrimination.

- Pereżempju, id-*data* miġbura dwar id-diżabilità idealment għandha tinkludi informazzjoni dwar SOGIESC u karatteristiċi potenzjali oħra li jistgħu jwasslu għal riskju ogħla ta' diskriminazzjoni abbażi ta' fatturi multipli jew l-inugwaljanzi intersezzjonali.

- Għall-ġbir tad-*data* permezz ta' stħarriġiet, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet/il-korpi rilevanti għandhom jiżguraw daqs tal-kampjun nett suffiċjenti biex jagħmlu possibbli d-diżaggregazzjoni ulterjuri tad-*data* u l-analiżi intersezzjonali. Sabiex jinkiseb dan, huma għandhom iqisu li jużaw metodu xieraq ta' kampjunar. Jistgħu jiġu applikati strateġiji differenti ta' kampjunar biex jinkiseb daqs adegwat ta' kampjun li jirrappreżenta bis-sħiħ il-varjazzjonijiet fil-popolazzjoni fil-mira tal-LGBTIQ.

[118] FRA (2021), Equality in the EU 20 years on from the initial implementation of the Equality Directives, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, Brussell, p 20.
[119]

## 3.6. Ipprovdi baġit suffiċjenti għal stħarriġ regolari biex tinġabar *data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC

### 3.6.1. Motivazzjoni

Il-gvernijiet għandhom jiżguraw li d-*data* dwar l-ugwaljanza tinġabar b'mod regolari biex tiġi mmonitorjata l-konformità mal-impenji skont il-liġi tal-UE[120], anke meta ma jkunx possibbli li tinġabar *data* amministrattiva. F'dawn il-każijiet, għandhom jiġu allokati riżorsi baġitarji suffiċjenti fil-livell nazzjonali/reġjonali biex tinġabar *data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC permezz ta' stħarriġ nazzjonali/reġjonali regolari mwettaq minn awtorità kompetenti.

### 3.6.2. Gwida

Fin-nuqqas ta' ġbir regolari ta' *data* relatata mas-SOGIESC permezz ta' sorsi jew stħarriġ amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jipprovdu **riżorsi baġitarji suffiċjenti biex jiġbru tali *data* kull 4 sa 5 snin permezz ta' stħarriġ nazzjonali komprensiv**.

L-istħarriġ għandu jilħaq l-erba' għanijiet stabbiliti fil-punti li ġejjin.

- Dan għandu jilħaq lill-gruppi LGBTIQ kollha u jinvolvi b'mod attiv gruppi li jaħdmu speċifikament ma' – u għal – gruppi speċifiċi li jaqgħu taħt il-kategorija LGBTIQ. Dan għandu jilħaq ukoll u jinvolvi gruppi emarġinati multipli bħal persuni LGBTIQ b'diżabilità, persuni LGBTIQ ta' kulur, u ħaddiema tas-sess LGBTIQ.

- Dan għandu jkollu l-għan li jirrappreżenta d-diversità ta' din il-komunità u jkollu l-għan li jkopri l-popolazzjonijiet u l-gruppi definiti bħala "diffiċli li jintlaħqu", inklużi dawk li jgħixu fil-faqar, persuni mingħajr dar, ħaddiema fl-

[120] Kif imsemmi fil-Manwal Ewropew dwar id-*Data* dwar l-Ugwaljanza, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi "tippermetti b'mod espliċitu – iżda ma tirrikjedix – li l-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli li jippermettu li tiġi stabbilita d-diskriminazzjoni bi "kwalunkwe mezz inkluż abbażi ta' evidenza statistika". Barra minn hekk, f'diversi okkażjonijiet, il-Gvernijiet infushom irrikonoxxew il-ħtieġa li tinġabar *data* dwar l-ugwaljanza (id-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen dwar l-Iżvilupp Soċjali u l-Programm ta' Azzjoni tas-Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali tad-19 ta' April 1995, A/CONF.166/9; Id-Dikjarazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Durban; Id-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Vjenna tat-12 ta' Lulju 1993, A/CONF.157/23; Il-Programm Dinji ta' Azzjoni dwar il-Persuni b'Diżabilità; Ir-Regoli standard dwar l-Ekwalizzazzjoni tal-Opportunitajiet għall-Persuni b'Diżabilità).

industrija tas-sess, migranti, persuni li jfittxu l-ażil u persuni li ma "ħarġux" fil-ħajja ta' kuljum tagħhom. Dan ikun ifisser ukoll li l-għodda tal-istħarriġ (kwestjonarju u materjal ieħor ta' xogħol fuq il-post) tiġi tradotta f'lingwi rilevanti għal dawn il-gruppi li huma diffiċli biex jintlaħqu, kif ukoll li jiġu involuti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[121].

- Dan għandu jkun ibbażat fuq daqs tal-kampjun kbir biżżejjed biex ikun possibbli kemm li ssir analiżi tad-*data* aktar dettaljata kif ukoll li jiġu identifikati d-differenzi/id-disparitajiet ġeografiċi inklużi d-disparitajiet intersezzjonali. Dan ifisser li d-daqs tal-kampjun għandu jkun kbir biżżejjed biex ikun possibbli li tiġi analizzata aktar id-*data* dwar: distribuzzjoni ġeografika; l-età; oriġini razzjali jew etnika; id-diżabilità; reliġjon; is-sess assenjat mat-twelid; l-orjentament sesswali; l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru; il-karatteristiċi tas-sess; eċċ.
- Dan għandu jkun jista' jiġġenera *data* affidabbli u valida għall-gruppi LGBTIQ kollha, jiġifieri billi jużа l-linji gwida aġġornati dwar il-kejl tal-istħarriġ u jagħżel disinn tal-kampjun li jilħaq ukoll popolazzjonijiet diffiċli biex jintlaħqu.

L-istħarriġiet regolari li jiġbru *data* dwar l-ugwaljanza relatata ma' SOGIESC jistgħu jsiru bħala stħarriġ indipendenti b'enfasi speċifika fuq popolazzjonijiet li jidentifikaw lilhom infushom bħala LGBTIQ, jew bħala parti minn stħarriġ ġenerali dwar l-ugwaljanza (jiġifieri, stħarriġ li jindirizza wkoll raġunijiet protetti oħra). Dan jista' jsir fil-livell nazzjonali (u, fejn rilevanti, reġjonali) minn awtorità kompetenti, minn istitut tal-istatistika, minn korp tal-ugwaljanza jew minn organizzazzjoni tar-riċerka bil-kapaċità u bl-għarfien espert rilevanti biex titwettaq ir-riċerka.

## 3.7. Iffaċilita l-użu effettiv tad-*data* dwar l-ugwaljanza relatata mal-SOGIBC biex

[121] UNECE (2020), Poverty Measurement: Guide to Data Disaggregation, in-Nazzjonijiet Uniti, New York u Ġinevra.

## tissaħħaħ u tittejjeb l-ugwaljanza tal-LGBTIQ

### 3.7.1. Motivazzjoni

Id-*data* affidabbli, valida u komparabbli relatata mas-SOGIESC hija prerekwiżit għal politiki bbażati fuq l-evidenza biex titrawwem l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali. Id-*data* relatata mas-SOGIESC titqies bħala element essenzjali tal-fażijiet kollha ta' ċiklu ta' politika biex tittejjeb l-ugwaljanza għall-persuni LGBTIQ. Għalhekk, din id-*data* relatata mas-SOGIESC tintuża b'mod sistematiku għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ kemm tal-politiki/tal-miżuri tal-LGBTIQ dedikati kif ukoll tal-oqfsa usa' ta' ugwaljanza fil-livell tal-UE/nazzjonali.

In-National Science and Technology Council tal-Istati Uniti jipprovdi lista dettaljata ta' mistoqsijiet potenzjali ta' riċerka li jistgħu jiġu indirizzati b'*data* relatata mas-SOGIESC fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, is-sigurtà ekonomika, is-sikurezza, u l-ġustizzja[122]. Xi eżempji illustrattivi huma stabbiliti fit-tliet punti ta' hawn taħt.

- "X'inhi l-prevalenza tal-persuni mingħajr dar fost l-adulti LGBTIQO+? Dan kif jitqabbel mal-pari tagħhom li ma humiex LGBTQI+[123]?"
- "Kemm huma prevalenti diversi forom ta' diskriminazzjoni, fastidju jew ritaljazzjoni relatati mal-impjieg kontra persuni LGBTQI+, bħad-diskriminazzjoni fir-reklutaġġ, fil-pagi, f'opportunità ta' impjieg ugwali, fi trattament ġust, fil-promozzjoni jew fl-avvanz, jew fit-terminazzjoni[124]?"
- "X'kuntesti istituzzjonali, politiki, jew prattiki jippromwovu ambjent akkademiku pożittiv u jikkontribwixxu għal rati ogħla ta' żamma u ta' gradwazzjoni tal-istudenti LGBTQI+? X'fatturi protettivi fil-livell individwali, fil-livell tal-familja, jew fil-livell tal-

[122] Subcommittee on Sexual Orientation, Gender Identity, and Variations in Sex Characteristics (SOGI) Data and Subcommittee on Equitable Data of the National Science and Technology Council (2023), Federal Evidence Agenda on LGBTQI+ Equity, *United States Government*, pp. 18-33.

[123] Subcommittee on Sexual Orientation, Gender Identity, and Variations in Sex Characteristics (SOGI) Data and Subcommittee on Equitable Data of the National Science and Technology Council (2023), Federal Evidence Agenda on LGBTQI+ Equity, *United States Government*, pp. 23-40.

[124] Subcommittee on Sexual Orientation, Gender Identity, and Variations in Sex Characteristics (SOGI) Data and Subcommittee on Equitable Data of the National Science and Technology Council (2023), Federal Evidence Agenda on LGBTQI+ Equity, *United States Government*, pp. 25-40.

komunità jużaw il-persuni tal-LGBTQI+ li jgħinuhom jirnexxu fl-edukazzjoni u fil-forza tax-xogħol[125]?"

Il-mistoqsijiet jipprovdu wkoll eżempji ta' kif tista' tiġi identifikata d-diskriminazzjoni intersezzjonali, bħall-mistoqsija "X'ostakli jiffaċċjaw il-minorenni LGBTQI+ u l-adulti LGBTQI+ b'diżabilità biex jaċċessaw is-servizzi tas-saħħa li jirrikjedu parteċipazzjoni mill-gwardjani[126]?". Billi twieġeb dawn il-mistoqsijiet, id-*data* relatata mas-SOGIESC jista' jkollha rwol kruċjali fl-iżvilupp u fl-evalwazzjoni tal-politika.

## 3.7.2. Gwida

Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu effettiv tad-*data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti involuti fil-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC jew li huma responsabbli għalih huma mħeġġa jieħdu l-azzjonijiet stabbiliti fil-punti li ġejjin.

- Huma għandhom jużaw id-*data* dwar l-ugwaljanza relatata mas-SOGIESC biex ikejlu kemm: (i) l-impatt ta' liġijiet u politiki speċifiċi għal-LGBTIQ; u (ii) l-impatt ta' politiki u miżuri usa' dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fuq il-persuni LGBTIQ.

- Jenħtieġ li jużaw id-*data* dwar l-ugwaljanza tal-SOGIESC biex: (i) jirrapportaw dwar il-progress lejn l-ugwaljanza tal-LGBTIQ fil-livell nazzjonali; u (ii) jappoġġaw l-isforzi ta' rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 u strumenti rilevanti oħra, bħal strateġiji oħra tal-UE għall-ugwaljanza[127] u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

- Huma għandhom jużaw id-*data* u l-indikaturi tal-ugwaljanza tas-SOGIESC biex jinformaw il-proċessi u l-politiki fil-livell usa' Ewropew u tan-NU. Id-*data* relatata mas-SOGIESC tista' tinforma lill-pajjiżi: (i) meta jirrapportaw dwar ir-

[125] Subcommittee on Sexual Orientation, Gender Identity, and Variations in Sex Characteristics (SOGI) Data and Subcommittee on Equitable Data of the National Science and Technology Council (2023), Federal Evidence Agenda on LGBTQI+ Equity, *United States Government*, pp. 26-40.

[126] Subcommittee on Sexual Orientation, Gender Identity, and Variations in Sex Characteristics (SOGI) Data and Subcommittee on Equitable Data of the National Science and Technology Council (2023), Federal Evidence Agenda on LGBTQI+ Equity, *United States Government*, pp. 22-40.

[127] Promoting a Union of equality, the European Commission has adopted several policy instruments in addition to the Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, inkluż: il-Pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020-2025; il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030; il-pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027; L-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri 2020-2025; il-Pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; kif ukoll L-Istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021–2030.

rakkomandazzjonijiet rilevanti li jsiru mill-Kunsill tal-Ewropa[128]; (ii) meta jirrapportaw dwar il-progress lejn il-kisba tal-Aġenda 2030 mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU[129]; (iii) meta jkun hemm involviment ma' mekkaniżmi internazzjonali oħra ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-korpi tat-trattat u proċeduri speċjali tan-NU (eż. l-espert indipendenti dwar il-protezzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru); jew (iv) meta jsir segwitu għar-rakkomandazzjonijiet li jsiru matul ir-Rieżamijiet Perjodiċi Universali tan-NU.

- Huma għandhom jużaw id-*data* relatata mas-SOGIESC biex jinfurmaw l-istadji kollha tal-iżvilupp tal-politika. Dan jista' jibda: (i) billi d-*data* relatata mas-SOGIESC tintuża bħala linja bażi għall-iżvilupp tal-politiki; (ii) billi jitfasslu indikaturi għal finijiet ta' monitoraġġ; u (iii) billi jiġu stabbiliti parametri referenzjarji. Aktar tard fl-iżvilupp tal-politika, huma għandhom jużaw id-*data* relatata mas-SOGIESC biex jinformaw l-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu. U lejn l-istadji aktar tard tal-implimentazzjoni tal-politika, huma għandhom jużaw id-*data* tas-SOGIESC biex jimlew l-indikaturi, jivvalutaw l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri, jivvalutaw l-eżiti ta' dawn il-miżuri, u jimmonitorjaw ix-xejriet.

- Huma għandhom jiżguraw li d-*data* tkun tista' tiġi diżaggregata skont l-SOGIESC u karatteristiċi rilevanti oħra (l-età, id-diżabilità, l-oriġini etnika jew razzjali, ir-reliġjon, u l-istatus soċjoekonomiku) biex jiġu riflessi, analizzati u rrapportati d-differenzi fl-esperjenzi f'konformità mal-Linja Gwida Nru **3.5** ta' dan id-dokument ta' gwida dwar it-teħid ta' approċċ intersezzjonali fil-ġbir u l-użu tad-*data*.

- Huma għandhom jużaw eżempji illustrattivi, bħal kwotazzjonijiet anonimizzati u stejjer personali miġbura matul ir-riċerka biex jgħinu jikkontestwalizzaw is-sejbiet tar-riċerka u jżidu l-impatt u l-ilħuq tal-komunikazzjoni dwar ir-riżultati.

- Huma għandhom jiżguraw it-tixrid f'waqtu tad-*data* miġbura u jagħmluha aċċessibbli liberament kemm online kif ukoll offline għall-komunitajiet/ir-riċerkaturi/dawk li jfasslu l-politika li jkunu interessati.

- Huma għandhom jippreżentaw id-*data* f'lingwaġġ u f'formati aċċessibbli u li jinftiehmu, li jagħmluha possibbli li din tintuża mill-partijiet ikkonċernati u minn gruppi differenti (pereżempju, mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-LGBTIQ

[128] Pereżempju, dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri CM/Rec(2010)5 dwar miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali jew l-identità tal-ġeneru; jew il-Monitoraġġ tal-Pajjiżi tal-ECRI tal-Kunsill tal-Ewropa. Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna tematika tal-Unità tal-Orjentazzjoni Sesswali u l-Identità tal-Ġeneru (SOGI).

[129] Il-mira 17.18 tal-SDGs tirrikjedi li l-Istati "jżidu b'mod sinifikanti d-disponibbiltà ta' *data* ta' kwalità għolja, f'waqtha u affidabbli", diżaggregata kemm skont il-ġeneru kif ukoll "u karatteristiċi oħra rilevanti fil-kuntesti nazzjonali".

fix-xogħol ta' promozzjoni tagħhom, jew mill-korpi tal-ugwaljanza fil-monitoraġġ u fir-rapportar tagħhom dwar kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni).

- Huma għandhom ifasslu apposta l-preżentazzjoni tad-*data* skont l-udjenza (eż. dawk li jfasslu l-politika, l-esperti, l-ispeċjalisti fil-qasam tad-*data*, il-media) u jiżguraw li din tkun kontestwalizzata kif xieraq.

- Huma għandhom jiżguraw, fejn xieraq, li jingħataw spjegazzjonijiet u interpretazzjonijiet tad-*data* biex jiġu evitati kwalunkwe interpretazzjoni ħażina u użu ħażin tad-*data* jew tal-konklużjonijiet meħuda.

- Huma għandhom jiddokumentaw il-ġbir tad-*data* u l-metadata kollha skont standards professjonali għoljin. Huma għandhom ifasslu rapport tekniku biex jiddokumentaw: (i) il-metodoloġija tal-istħarriġ; (ii) ix-xogħol fuq il-post (inkluża r-rata ta' rispons miksuba); (iii) l-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data*; u (iv) kwalunkwe informazzjoni kuntestwali rilevanti (bħad-*data* tal-popolazzjoni diżaggregata skont il-karatteristiċi soċjodemografiċi rilevanti). L-użu u r-rapportar tad-*data* tal-LGBTIQ dejjem għandhom ikunu kontestwalizzati bi twissijiet u billi tiġi pprovduta dokumentazzjoni li tispjega kif inġabret id-*data*.

# 4. Kif għandha tinġabar informazzjoni relatata mas-SOGIESC

Kif iddikjarat fl-Approċċ għad-*Data* bbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem tal-OHCHR, kwalunkwe sforz għall-ġbir tad-*data* għandu jinkludi l-mezzi għal parteċipazzjoni libera, attiva u sinifikattiva tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar emarġinati. Meta tinġabar id-*data* relatata mas-SOGIESC, huwa importanti li tintuża terminoloġija xierqa għall-komunità u li jiġi żgurat li l-ġbir tad-*data* jkun ibbażat b'mod kulturali[130]. L-isforzi għall-ġbir tad-*data* tal-aspetti relatati mas-SOGIESC għandhom jiġu kontestwalizzati biex jiġu spjegati l-fatturi kulturali u storiċi. Id-definizzjonijiet u t-traduzzjonijiet għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-LGBTIQ, u b'attenzjoni għat-terminoloġija kulturali lokali[131]. Kull fejn ikun xieraq, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra għandhom jipprovdu perspettivi u informazzjoni rilevanti (jekk ikunu kkwalifikati jew f'pożizzjoni li jirrappreżentaw l-interessi tal-grupp). Huwa rrakkomandat ukoll li ssir ħidma mill-qrib mal-esperti tal-istħarriġ u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tiġi żviluppata l-metodoloġija għall-ġbir tad-*data*. Dan huwa partikolarment importanti: (i) fir-rigward tal-formulazzjoni tal-mistoqsijiet rilevanti u l-kategoriji ta' tweġibiet possibbli; u (ii) meta jitqies il-grad tal-kapaċità li jiġu tradotti l-kunċetti relatati mas-SOGIESC fl-Istat Membru rispettiv, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji li ma ssirx ħsara.

Approċċ wieħed biex tinkiseb aktar ċarezza dwar il-kunċetti sottostanti fi stħarriġ bejn il-kulturi u l-lingwi huwa li jiġu inklużi "buttuni ta' informazzjoni"[132]. Dawn jistgħu jkunu ta' għajnuna biex tingħata aktar informazzjoni dwar il-kategoriji tal-mistoqsijiet jew tar-rispons. Madankollu, peress li ħafna nies mhux se jiftħu buttuna ta' informazzjoni, dawn ma għandhomx jintużaw għal informazzjoni importanti. Iż-żieda ta' test ta' spjegazzjoni permezz ta' buttuni tal-informazzjoni tagħti aktar għarfien u eżempji dwar it-termini

[130] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 66.
[131] Pereżempju, l-Istħarriġ tal-LGBTI tal-FRA tal-2019 għadda minn proċess ta' traduzzjoni ta' erba' fażijiet, li fih it-tradutturi kellhom l-għan ta' ekwivalenza kunċettwali aktar milli traduzzjoni ta' kelma b'kelma. It-traduzzjonijiet ġew ivverifikati minn esperti tal-pajjiżi LGBTIQ. Ara l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (2020), A long way to go for LGBTI equality. Technical report, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, pp. 18-19.
[132] "Buttuna ta' informazzjoni" hija kaxxa li wieħed jista' jimxi fuqha bil-maws f'paġna web li tipprovdi informazzjoni żejda (pereżempju, id-definizzjoni ta' terminu).

inkwistjoni, u fl-aħħar mill-aħħar tiżgura livell akbar ta' fehim mir-rispondenti tal-istħarriġ, u b'hekk l-istħarriġ isir aktar affidabbli.

Meta tinġabar id-*data* relatata mas-SOGIESC, huwa kruċjali li **l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess ma jiġux konfużi**. Meta ssirilhom il-mistoqsija kif jidentifikaw lilhom infushom, ir-rispondenti għandu dejjem ikollhom l-għażla li jesprimu diversi aspetti tal-identità u l-esperjenza tagħhom (pereżempju, mara trans asesswali għandu jkollha l-kapaċità li tagħżel dawn kollha fi kwestjonarju). Meta jiġi applikat ir-ridirezzjonar[133] abbażi tal-kategoriji tal-identità, ir-rispondenti b'identitajiet multipli għandhom jirċievu l-mistoqsijiet rilevanti kollha.

It-taqsimiet li ġejjin jippreżentaw gwida prattika dwar kif għandha tinġabar id-*data* dwar is-sess, il-ġeneru (l-identità), l-espressjoni tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali u l-karatteristiċi tas-sess, inklużi eżempji minn stħarriġiet tal-passat biex jintwerew approċċi possibbli. Madankollu, dawn l-eżempji ma humiex maħsuba biex juru l-aħjar prattika li għandha tiġi adottata direttament, kif enfasizzat fin-noti għall-kunsiderazzjoni taħt kull eżempju.

# 4.1. Kif għandha tinġabar *data* dwar l-orjentazzjoni sesswali

## 4.1.1. Motivazzjoni

**Orjentazzjoni sesswali:** "Kif wieħed iħossu miġbud (jew mhux miġbud) lejn persuna oħra b'mod sesswali u/jew romantiku[134]". "Dan jinkludi attrazzjoni emozzjonali, affettiva, u sesswali għal, u relazzjonijiet intimi u sesswali ma', individwi ta' ġeneru differenti jew l-istess ġeneru jew aktar minn ġeneru wieħed[135]".

Ir-riċerka turi li l-persuni huma lesti jirrapportaw l-orjentazzjoni sesswali tagħhom f'riċerka tal-istħarriġ[136]. Jidher li hemm diversi fatturi li jistgħu jinfluwenzaw b'mod

---

[133] Ir-ridirezzjonar japplika meta r-rispondenti tal-istħarriġ jagħżlu li jwieġbu stħarriġ b'rispons partikolari li l-istħarriġ imbagħad jitlobhom mistoqsijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dak ir-rispons li ma kienx jitlob lil rispondenti oħrajn li jkunu għażlu tweġiba differenti.

[134] Il-Parlament Ewropew (2020), Glossary of Sensitive Language for Internal and External Communications, p. 12.

[135] International Commission of Jurists (2007), Yogyakarta principles: principles on the application of international human rights law in relation to sexual orientation and gender identity, p. 8.

Il-Kummissjoni Ewropea (2015), Special Eurobarometer 437: Discrimination in the EU in 2015, *l-Unjoni Ewropea*, p. 99.

pożittiv din ir-rieda u jżidu r-rati ta' rispons. Fattur ewlieni huwa l-fiduċja tar-rispondenti fil-kunfidenzjalità tar-risponsi[137]. Li tiġi evitata formulazzjoni li tistigmatizza u li jingħataw definizzjonijiet ċari għandhom ukoll impatt pożittiv fuq ir-rati ta' rispons[138, 139]. Mistoqsijiet qosra u sempliċi u inqas kategoriji ta' tweġibiet jidhru li jnaqqsu r-rati ta' nuqqas ta' rispons, filwaqt li mistoqsijiet kumplessi, speċjalment dawk li jfittxu li jikkombinaw diversi dimensjonijiet, huma aktar probabbli li jinqabżu. It-tqegħid tal-mistoqsijiet se jkollu wkoll impatt. Ġeneralment, mistoqsijiet sensittivi għandhom rati ogħla ta' nuqqas ta' rispons jekk jitqiegħdu direttament fil-bidu ta' stħarriġ, u r-rati ta' nuqqas ta' rispons għandhom it-tendenza li jiżdiedu b'mod ġenerali għall-mistoqsijiet li jitqiegħdu aktar 'il quddiem fl-istħarriġ. Mistoqsijiet li jitqiegħdu direttament wara kwistjoni sensittiva, bħal dwar l-imġiba sesswali jew kriminali, huma wkoll aktar probabbli li jinqabżu[140].

F'kulturi u f'kuntesti differenti, jeżistu diversi kunċetti u tikketti biex jiddeskrivu l-orjentazzjoni sesswali u/jew romantika ta' persuna, iżda kunċetti bħal straight, gay, leżbjani, bisesswali, pansesswali u asesswali huma l-aktar komuni f'ħafna lingwi. Persuni li ma jidentifikawx bħala eterosesswali spiss jissejħu li għandhom "orjentazzjonijiet mhux eterosesswali[141]".

Fl-isforzi għall-ġbir tad-*data*, huwa importanti li ma jkunx hemm enfasi biss fuq gruppi ta' minoranza bħall-persuni tal-LGB+[142]. L-orjentazzjoni sesswali hija parti mill-kundizzjoni umana *ta' kulħadd* u tista' twassal għal esperjenzi pożittivi u negattivi. Għalhekk, indikatur tal-orjentazzjoni sesswali għandu jagħmilha possibbli li jiġu koperti l-popolazzjonijiet b'maġġoranza sesswali u b'minoranza sesswali.

L-orjentazzjoni sesswali hija kostruzzjoni multidimensjonali li tinkludi (1) l-attrazzjoni emozzjonali, romantika, u sesswali, (2) l-identità, u (3) l-imġiba[143].

---

[137] Saewyc, E. M. et al. (2004). Measuring sexual orientation in adolescent health surveys: Evaluation of eight school-based surveys. *Journal of Adolescent Health, 35*(4), pp. 345.e.2-345.e15.
[138] Hayes, J. et al. (2012). Prevalence of Same-Sex Behaviour and Orientation in England: Results from a National Survey. *Archives of Sexual Behaviour, 41*(3), pp. 631-639.
[139] Saewyc, E. M. et al. (2004). Measuring sexual orientation in adolescent health surveys: Evaluation of eight school-based surveys. *Journal of Adolescent Health, 35*(4), pp. 345.e.2-345.e15.
[140] Saewyc, E. M. et al. (2004). Measuring sexual orientation in adolescent health surveys: Evaluation of eight school-based surveys. *Journal of Adolescent Health, 35*(4), pp.345.e.2-345.e15.
[141] Rieger, G., & Savin-Williams, R. C. (2012). Gender Nonconformity, Sexual Orientation, and Psychological Well-Being. *Archives of Sexual Behaviour, 41*(3), 611-621; Coleman, E. (1990). Towards a synthetic understanding of sexual orientation. In D. P. McWhirther, S. A. Sanders, & R. J. Machover (Eds.), *Homosexuality/Heterosexuality*. Oxford University Press, Oxford.
[142] Dean, J. J. (2011). The Cultural Construction of Heterosexual Identities. *Sociology Compass*, 5(8), 679-687.
[143] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 5.

1. *L-attrazzjoni* tirreferi għall-ġeneru/i li għalih(om) persuna tkun attirata emozzjonalment, romantikament jew sesswalment u l-qawwa ta’ din l-attrazzjoni, inkluż jekk persuna tħosshiex attirata jew le.

2. *L-identità* tirreferi għas-sens intern ewlieni ta’ persuna tas-sesswalità tagħha, inkluż kif persuna taħseb fuqha nnifisha u l-mod kif tixtieq titqies minn ħaddieħor.

3. *L-imġiba* tirreferi għall-ġeneru/i tas-sħab sesswali u kif persuna tinteraġixxi romantikament u/jew sesswalment ma’ ħaddieħor.

L-orjentazzjoni sesswali spiss tiġi ddefinita abbażi tal-ġeneru/i tas-sħab mixtieqa jew attwali ta’ persuna meta mqabbla mal-ġeneru tagħha stess. It-tliet dimensjonijiet tas-sesswalità – l-attrazzjoni, l-identità u l-imġiba – jistgħu ma jikkorrispondux ma’ xulxin[144,145]. Pereżempju, xi ħadd jista’ jkun attirat lejn l-istess sess/ġeneru iżda jkun involut esklużivament f’imġiba sesswali ma’ persuni tas-sess/ġeneru oppost; jew jaf ikollu esperjenzi sesswali ma’ xi ħadd tal-istess sess/ġeneru iżda xorta waħda jidentifika bħala straight.

**L-identità tal-orjentazzjoni sesswali** hija l-espressjoni konjittiva (jiġifieri kif rispondent jara lilu nnifsu jew jaħseb dwaru nnifsu) u soċjali (jiġifieri tipprovdi għażliet ta’ “frażijiet deskrittivi” li jirriflettu status soċjali jew komunità) tal-orjentazzjoni sesswali ta’ persuna. Għalhekk, l-identità tal-orjentazzjoni sesswali hija d-dimensjoni li hija l-aktar marbuta b’mod konsistenti mal-esperjenzi b’forom materjali ta’ diskriminazzjoni, u hija nnotata b’mod espliċitu fil-liġijiet u l-politiki mmirati biex jipproteġu jew jagħmlu ħsara lill-minoranzi sesswali[146]. Din hija wkoll id-dimensjoni li tintuża l-aktar ta’ spiss f’ambjenti ta’ ġbir ta’ *data* bbażati fuq il-popolazzjoni biex jingħaddu u ssir distinzjoni bejn popolazzjonijiet adulti b’minoranza sesswali u b’maġġoranza sesswali. Meta tinġabar id-*data* dwar iż-żgħażagħ, l-attrazzjoni tista’ tkun miżura aktar affidabbli, peress li ż-żgħażagħ huma aktar probabbli li jkunu għadhom qed jaċċettaw l-identità tagħhom.

L-identitajiet tal-orjentazzjoni sesswali jistgħu jiġu kkategorizzati kif stabbilit fil-punti ta’ hawn taħt (ara wkoll il-glossarju fl-anness).

[144] Laumann, E., Gagnon, J. H., Michael, R. T., & Michaels, S. (1994), The social organization of sexuality: sexual practices in the United States, University of Chicago Press, Chicago.
[145] Richters, J. et al. (2014). Sexual identity, sexual attraction and sexual experience: the Second Australian Study of Health and Relationships. *Sexual health, 11*(5), pp. 451-460.
[146] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 75.

- **Eterosesswali, straight**: "Persuna li l-attrazzjoni romantika, emozzjonali u/jew fiżika tagħha hija għal persuni ta' ġeneru differenti[147]".

- **Gay:** "Persuna li hija sesswalment u/jew emozzjonalment attirata lejn persuni tal-istess ġeneru. Tradizzjonalment tirreferi għall-irġiel, iżda persuni oħra li huma attirati lejn l-istess ġeneru jew ġeneri multipli jistgħu wkoll jiddefinixxu lilhom infushom bħala gay[148]".

- **Leżbjana:** "Mara li għandha orjentazzjoni romantika u/jew sesswali lejn in-nisa. Xi persuni mhux binarji jistgħu jidentifikaw ukoll ma' dan it-terminu[149]".

- **Bisesswali:** "Terminu ġeneriku li jintuża biex jiddeskrivi orjentazzjoni romantika u/jew sesswali lejn aktar minn ġeneru wieħed[150]".

- **Queer:** Terminu ġeneriku għall-appartenenza għall-komunità LGBTIQ, li jista' jirreferi għal kwalunkwe element SOGIESC jew għall-elementi kollha tiegħu. Filwaqt li qabel dan kien jintuża bħala terminu derogatorju biex jirreferi għall-individwi LGBTIQ bil-lingwa Ingliża, queer jintuża minn persuni li jidentifikaw ruħhom lil hinn mill-kategoriji tradizzjonali tal-ġeneru u n-normi soċjali eteronormattivi. Madankollu, skont il-kuntest, xi persuni xorta jistgħu jsibuh offensiv[151].

- **Pansesswali:** Meta persuna tkun emozzjonalment u/jew sesswali attirata lejn persuni irrispettivament mill-ġeneru tagħhom[152].

- **Asesswali:** Xi ħadd li ma jesperjenza l-ebda attrazzjoni sesswali jew jesperjenza ftit, għalkemm jista' jesperjenza attrazzjoni romantika[153].

## 4.1.2. Gwida

L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu l-affarijiet li ġejjin.

- Huma għandhom jużaw terminoloġija preċiża li tirrifletti l-kunċetti ta' interess. It-terminu "orjentazzjoni sesswali" għandu jiġi ddefinit/spjegat b'mod ċar. Buttuna ta' informazzjoni b'definizzjoni tista' tgħin lir-rispondenti ta' stħarriġiet biex jifhmu l-kunċett.

[147] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 2.
[148] ILGA Europe (2022), Our Glossary.
[149] Stonewall (2022), List of LGBTQ+ terms.
[150] Stonewall (2022), List of LGBTQ+ terms.
[151] Minn ILGA Europe (2022), Our Glossary.
[152] ILGA Europe (2022), Our Glossary.
[153] Adottat mill-IOM UN Migration (2021), Glossarju tas-SOGIESC tat-termini, UNHCR, p. 2.

- Dawn għandhom jevitaw li jħawdu flimkien l-attrazzjoni, l-identità u/jew l-imġiba meta jkejlu l-orjentazzjoni sesswali. Peress li l-orjentazzjoni sesswali hija element multidimensjonali, il-mistoqsijiet għandhom jispeċifikaw b'mod ċar liema komponent jew komponenti tal-orjentazzjoni sesswali qed jitkejlu. Skont id-dimensjoni li qed titkejjel (l-attrazzjoni, l-identità u l-imġiba), id-definizzjoni tista' tvarja.

- Huma għandhom jiżviluppaw definizzjonijiet f'konsultazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili LGBTIQ, u b'attenzjoni għat-terminoloġija kulturali lokali.

- Meta jiġbru d-*data*, huma għandhom jippermettu lir-rispondenti jidentifikaw lilhom infushom kull meta jkun possibbli; kwalunkwe rapportar li jservi ta' indikatur għandu jirrifletti dak li huwa magħruf dwar kif persuna tidentifika lilha nnifisha.

- Meta l-ġbir tad-*data* jkun immirat lejn persuni iżgħar fl-età, huwa rrakkomandat li tintuża biss l-iskala ta' attrazzjoni sesswali sakemm l-għan tal-istħarriġ ma jkunx li jkejjel l-imġiba sesswali.

- Huma għandhom jużaw id-dimensjoni "imġiba sesswali" meta l-esperjenzi/l-imġiba sesswali jkunu l-ambitu tal-mistoqsija. Pereżempju, fir-riċerka dwar l-HIV huwa aktar importanti li titkejjel l-imġiba sesswali mill-attrazzjoni jew l-identità sesswali[154]. L-imġiba sesswali tidentifika wkoll lil dawk in-nies li ma jidentifikawx bħala LGB+ iżda jinteraġixxu romantikament u/jew sesswalment ma' persuni tal-istess sess/identità tal-ġeneru.

- Huma għandhom jużaw perjodu ta' żmien ċar (matul il-ħajja tar-rispondent, matul l-aħħar 5 snin tal-ħajja tar-rispondent, is-sena li għaddiet, u bħalissa) meta jistaqsu dwar l-orjentazzjoni sesswali. Ir-risposti għal mistoqsija ta' orjentazzjoni sesswali huma fehma soġġettiva tal-persuna nnifisha u jistgħu jinbidlu matul il-ħajja ta' persuna u skont il-kuntest.

- Huma għandhom jadottaw terminoloġija aċċettata mill-komunitajiet rilevanti u jiżguraw li l-għażliet tat-tweġiba jkopru s-sottogruppi differenti ta' interess.

- Meta jistaqsu mistoqsija dwar sħab romantiċi u/jew sesswali, huma għandhom iqisu li r-rispondenti jista' jkollhom aktar minn sieħeb wieħed.

---

[154] Badgett, M. (2009). Best Practices for Asking Questions about Sexual Orientation on Surveys. The Williams Institute, Los Angeles.

## 4.1.3. Eżempji għall-kejl tal-orjentazzjoni sesswali

### 4.1.3.1. Eżempju ta' mistoqsijiet dwar l-identità sesswali

L-eżempju li ġej mill-**Belġju**[155] jirrifletti l-fatt li l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna tista' tinbidel tul il-ħajja.

**M: Bħalissa kif tiddeskrivi l-orjentazzjoni sesswali tiegħek?**

- Straight
- Gay
- Leżbjana
- Bisesswali
- Asesswali
- Inkella:
- Ma nafx
- Ma rridx ngħid

**Noti għall-kunsiderazzjoni**

Billi tinkludi perjodu ta' żmien, din il-mistoqsija tkopri b'mod aktar preċiż l-esperjenza ta' rispondent. Madankollu, huwa importanti li jiġi żgurat li jkun possibbli għal rispondent li jagħżel diversi għażliet, peress li persuna asesswali tista' tidentifika wkoll ma' kwalunkwe waħda mill-orjentazzjonijiet l-oħrajn.

### 4.1.3.2. Eżempju ta' mistoqsija dwar l-attrazzjoni sesswali – studju dwar is-saħħa sesswali fil-Belġju

Studju li għaddej bħalissa dwar is-saħħa sesswali fil-**Belġju** staqsa lir-rispondenti biex jidentifikaw lejn min kienu attirati sesswalment[156]. Dan l-eżempju huwa problematiku, peress li jiġbor flimkien il-persuni trans kollha. Il-kategoriji li ntużaw mill-istess studju għall-imġiba sesswali (hawn taħt) ikunu preferibbli.

[155] Burgwal, A., & Motmans, J. (għad irid jiġi ppubblikat). *Enough: research into the experiences with violence of LGBTI people in Flanders, Belgium*. It-traduzzjoni li ntużat fl-artiklu kienet "eterosesswali" u "omosesswali" pjuttost milli "straight" u "gay".

[156] De Brier, N., et. al. (2022). Prevalence and associated risk factors of HIV infections in a representative transgender and non-binary population in Flanders and Brussels (Belgium): Protocol for a community-based, cross-sectional study using time-location sampling. *PLoS ONE*, 17(4), pp. 1-22 De Brier, N., et. al. (2022). Prevalence and associated risk factors of HIV infections in a representative transgender and non-binary population in Flanders and Brussels (Belgium): Protocol for a community-based, cross-sectional study using time-location sampling. *PLoS ONE*, 17(4), pp. 1-22 *PLoS ONE*, 17(4), pp. 1-22.

**M: Nixtiequ nkunu nafu lejn min tħossok attirat sesswalment/romantikament bħalissa. Jien inħossni attirat/a lejn ... (Immarka dak kollu li japplika għalik).**

- L-irġiel (ċisġeneru)
- In-nisa (ċisġeneru)
- Il-persuni transġeneru u/jew mhux binarji
- Ħadd
- Ma jimpurtanix mill-ġeneru
- Ma rridx ngħid
- Oħrajn, jiġifieri: (kaxxa bit-test)

### Noti għall-kunsiderazzjoni

Il-possibbiltà ta' tweġibiet multipli tagħmel din mistoqsija aktar flessibbli. Madankollu, ir-raggruppament tal-persuni trans kollha f'kategorija waħda ma jkoprix l-esperjenza ta' rispondent li, pereżempju, jħossu attirat lejn in-nisa (kemm ċis kif ukoll trans) iżda mhux lejn kwalunkwe ġeneru ieħor. Skont l-udjenza fil-mira, l-użu tat-terminu "ċisġeneru" jista' joħloq ukoll konfużjoni peress li t-terminu ma huwiex magħruf b'mod wiesa' barra mill-komunitajiet tal-LGBTIQ. Kjarifika qasira (Bħal "ċisġeneru" tfisser "mhux transġeneru") tkun utli. Barra minn hekk, id-distinzjoni bejn ċisġeneru u transġeneru tirriskja li teskludi lill-persuni intersesswali.

## 4.1.3.3. Eżempju ta' mistoqsija dwar l-imġiba sesswali – Studju dwar is-saħħa sesswali fil-Belġju

L-istess studju kejjel l-imġiba sesswali b'mod li jevita għażliet binarji ta' tweġiba għall-ġeneru, u jippermetti tweġibiet multipli billi jagħti għażla biex issir distinzjoni bejn is-sħab sesswali ċisġeneru u transġeneru. Dan sar bil-mistoqsija ta' hawn taħt[157].

**M: Ma' min kellek kuntatt sesswali fl-aħħar 12-il xahar? (Għażla multipla u tweġibiet multipli possibbli)**

- Raġel jew rġiel ċisġeneru
- Mara jew nisa ċisġeneru
- Raġel jew irġiel transġeneru
- Mara jew nisa transġeneru
- Persuna/i mhux binarja/i

[157] De Brier, N., et. al. (2022). Prevalence and associated risk factors of HIV infections in a representative transgender and non-binary population in Flanders and Brussels (Belgium): Protocol for a community-based, cross-sectional study using time-location sampling. *PLoS ONE*, 17(4), pp. 1-22.

- Ma nafx

Aktar kmieni fil-kwestjonarju, ir-rispondenti saritilhom il-mistoqsija jekk kellhomx kuntatt sesswali ma' mill-inqas persuna waħda fl-aħħar 12-il xahar. Sabiex jitkejlu l-esperjenzi sesswali (imġiba sesswali), it-terminu "kuntatt sesswali" jeħtieġ definizzjoni biex ir-rispondent jifhem x'riedu jfissru r-riċerkaturi. F'dan il-kwestjonarju, il-kuntatt sesswali ġie definit bħala "kull tip ta' att sesswali li jinvolvi kuntatt ġenitali, jiġifieri li wieħed imiss il-ġenitali ta' xi ħadd ieħor, kemm jekk b'mod orali, vaġinali jew anali[158]".

**Noti għall-kunsiderazzjoni**

Dan l-eżempju juża kategoriji ta' rispons inklużivi (preferibbli minn dawk fl-eżempju ta' hawn fuq dwar l-attrazzjoni sesswali), u l-opzjoni b'għażla multipla tippermetti lir-rispondenti jiddeskrivu l-imġiba sesswali tagħhom b'mod aktar preċiż. Bħal fl-eżempju ta' hawn fuq, l-użu tat-terminu "ċisġeneru" jista' joħloq konfużjoni skont l-udjenza fil-mira, peress li t-terminu ma huwiex magħruf b'mod wiesa' barra l-komunitajiet LGBTIQ. Id-distinzjoni bejn ċisġeneru u transġeneru tirriskja wkoll li teskludi lill-persuni intersess.

# 4.2. Kif għandha tinġabar id-*data* dwar is-sess u l-ġeneru (identità)

## 4.2.1. Motivazzjoni

L-isforzi għall-ġbir tad-*data* ta' spiss iħawdu s-sess, li huwa varjabbli bijoloġiku, mal-ġeneru jew mal-identità tal-ġeneru, li huwa varjabbli ddefinit soċjalment, jew jittrattaw il-kunċetti rispettivi daqslikieku jistgħu jiġu skambjati għal xulxin. Id-*data* spiss tinġabar biss dwar is-sess/il-ġeneru legali, mingħajr ma tippermetti l-awtoidentifikazzjoni. Xi drabi l-għan tal-estrapolazzjoni tad-*data* fost l-istħarriġiet jew il-ħtieġa li jsiru paraguni maż-żmien jintużaw bħala argumenti biex ma jiġux adattati kwestjonarji/varjabbli diġà eżistenti billi jiżdiedu mistoqsijiet jew reviżjonijiet ġodda tat-termini/tal-kategorizzazzjonijiet diġà applikati. Pereżempju, għal raġunijiet ta' żamma tal-kontinwità storika tal-informazzjoni, xi pajjiżi jistgħu jżommu kategorija kkombinata ta' sess u ġeneru u ma jużawx verżjoni riveduta (li tagħmel distinzjoni bejn is-sess assenjat mat-twelid u l-identità tal-ġeneru).

[158] De Brier, N., et. al. (2022). Prevalence and associated risk factors of HIV infections in a representative transgender and non-binary population in Flanders and Brussels (Belgium): Protocol for a community-based, cross-sectional study using time-location sampling. *PLoS ONE*, 17(4), pp. 1-22.

Madankollu, mistoqsija dwar l-identità tal-ġeneru tkejjel informazzjoni *differenti* minn mistoqsija dwar is-sess jew mistoqsija dwar is-sess/il-ġeneru legali[159], u l-kunċetti mhux dejjem jikkorrispondu ma' xulxin. Mistoqsija dwar is-sess spiss ma tkunx sempliċi għal rispondenti trans u intersesswali, li jistgħu ma jkunux ċerti jekk għandhomx jirrispondu bis-sess tagħhom assenjat mat-twelid jew bl-identità tal-ġeneru tagħhom. Is-sess/il-ġeneru legali jonqos ukoll milli jiġbor l-esperjenzi ta' ħafna persuni trans. Mhux in-nies trans kollha jixtiequ jew jistgħu jiksbu LGR. Jista' jkun hemm bosta raġunijiet għal dan: Pereżempju, xi identitajiet tal-ġeneru ma jistgħux jissarrfu f'għażliet legali (bħal identitajiet mhux binarji), u xi persuni jista' ma jkollhomx aċċess għal għażliet legali ta' sess/ġeneru skont il-leġiżlazzjoni ta' pajjiż speċifiku (pereżempju restrizzjonijiet minħabba kriterji mediċi jew minħabba li jkun hemm età minima għal-LGR). Dan iwassal biex l-identità tal-ġeneru ma tiġix imkejla b'mod korrett meta jiġi vvalutat is-sess/il-ġeneru legali.

Peress li **s-sess, il-ġeneru** u **l-identità tal-ġeneru** ma jkejlux l-istess kunċett sottostanti, dawn għandhom jiġu sseparati u vvalutati separatament[160][161][162][163]. Tista' ssir differenza bejn is-sess assenjat mat-twelid, il-ġeneru, u l-identità tal-ġeneru. Biex isir dan, jeħtieġ li wieħed jiċċara u jaqbel dwar id-definizzjonijiet sottostanti ta' dawn il-kunċetti differenti.

Skont rieżami tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar il-kejl tal-identità tal-ġeneru, waħda mill-isfidi ewlenin li għandhom jitqiesu meta tinġabar informazzjoni dwar l-identità tal-ġeneru hija l-**lingwa**. Ir-rieżami jiddikjara dan li ġej.

*F'xi lingwi (il-Grieg pereżempju), il-lingwa hija bbażata fuq qafas ta' sess binarju fejn it-termini jvarjaw skont jekk ikunx qed jitkellem raġel jew mara, jew jekk wieħed ikunx qed jitkellem ma' raġel jew ma' mara. U xi lingwi, […], ma għandhomx kliem differenti għas-sess u l-ġeneru (bħar-Rumen u l-Grieg; possibbilment oħrajn). Bir-Rumen, il-kelma "gen" għal "ġeneru" tfisser ukoll "speċi" u "sess" — u għalhekk "identitate sexuala" tintuża kemm għall-identità tal-ġeneru kif ukoll għall-identità sesswali[164].*

[159] Il-ġeneru legali jirreferi għall-ġeneru li bħalissa huwa rikonoxxut mil-liġi. Ħafna Stati Membri jirrikonoxxu biss l-għażliet tal-irġiel u tan-nisa, li jeskludu identitajiet oħra bħal dawk mhux binarji milli jiġu rreġistrati fuq dokumenti uffiċjali bħal passaporti.
[160] Angus, J. (2012). Gender, Sex, and Health Research: Developments and Challenges. *Canadian Journal of Nursing Research, 44*(3), pp. 3-5.
[161] Lorber, J. (2006). Shifting Paradigms and Challenging Categories. *Social Problems, 53*(4).
[162] Ritz, S. A. et al. (2017). First steps for integrating sex and gender considerations into basic experimental biomedical research. *the FASEB Journal, 28*(1), 4-13.
[163] Westbrook, L., & Saperstein, A. (2015). New categories are not enough: rethinking the measurement of sex and gender in social surveys. *Gender & Society, 29*(4), 534-560.
[164] UNECE (2019), In-Depth Review of Measuring Gender Identity. Conference of European Statisticians, Paris.

**Sess** hija "element multidimensjonali bbażat fuq raggruppament ta' karatterstiċi anatomiċi u psikoloġiċi (**karatteristiċi tas-sess**), li jinkludu l-ġenitali esterni, il-karatteristiċi sekondarji tas-sess, il-gonadi, il-kromożomi, u l-ormoni. Normalment dan jiġi assenjat bħala femminili jew maskili, ħafna drabi definit mat-twelid abbażi ta' spezzjoni viżwali tal-ġenitali esterni[165]". Meta jitfassal flimkien ma' mudell binarju ta' maskili u femminili, it-terminu jġorr ir-riskju li jinjora l-eżistenza ta' persuni intersess. Għal ħafna persuni trans, is-sess lanqas ma huwa kunċett sempliċi.

**Sess assenjat mat-twelid** tirreferi għas-"sess li jiġi assenjat lil persuna mat-twelid, tipikament abbażi tal-anatomija esterna tat-tarbija[166]".

**Ġeneru** huwa "kostrutt multidimensjonali li jorbot l-identità tal-ġeneru (element ewlieni tas-sens individwali ta' persuna), l-espressjoni tal-ġeneru, u l-aspettattivi soċjali u kulturali dwar l-istatus, il-karatteristiċi u l-imġiba li huma assoċjati mal-karatteristiċi tas-sess[167]". "Ġeneru tradizzjonalment jirreferi għal element soċjali u kulturali li wieħed ikun raġel jew mara. Madankollu, xi persuni ma jidentifikawx fi ħdan il-ġeneru binarju ta' raġel/mara. Il-ġeneru jeżisti indipendentement mis-sess, u l-ġeneru ta' individwu mhux dejjem jikkorrispondi mas-sess assenjat mat-twelid[168, 169]."

**Identità tal-ġeneru** tirreferi "għall-esperjenza interna u individwali tal-ġeneru li kull persuna tħoss b'mod qawwi, li tista' tikorrispondi jew ma tikkorrispondix mas-sess assenjat mat-twelid, inkluż is-sens personali tal-ġisem (li jista' jinvolvi, b'għażla libera, modifika tad-dehra jew ta' funzjoni tal-ġisem permezz ta' mezzi mediċi, kirurġiċi jew oħrajn) u espressjonijiet oħra tal-ġeneru, inklużi l-ilbies, id-diskors u l-komportament[170]".

**Ġeneru divers** tirreferi għad-diversità inerenti tal-esperjenza possibbli tal-ġeneru, li huma għalhekk usa' minn ċisġeneru jew transġeneru. Ġeneru divers huwa terminu

[165] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 3.
[166] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 7.
[167] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 4.
[168] TGEU (2016), Glossary.
[169] Ara wkoll l-istrateġija tal-UE dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru 2020-2025, li tiddefinixxi l-ġeneru bħala "ir-rwoli, l-imġiba, l-attivitajiet u l-attributi mfassla soċjalment li soċjetà partikolari tqis xierqa għan-nisa u l-irġiel" u jintuża b'mod komuni mill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż l-Istitu Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (EIGE).
[170] International Commission of Jurists (2007), Yogyakarta principles: principles on the application of international human rights law in relation to sexual orientation and gender identity, p. 8.

ġeneriku għal ħafna identifikazzjonijiet tal-ġeneru possibbli, pereżempju ġeneru fluwidu, mingħajr ġeneru, aġeneru, biġeneru eċċ[171].

**Mhux binarji**: "Aġġettiv li jiddeskrivi persuni li l-identità tal-ġeneru tagħhom taqa' barra mill-binarju maskili-femminili. Mhux binarji huwa terminu ġeneriku li jinkludi varjetà wiesgħa ta' esperjenzi tal-ġeneru, inklużi persuni b'identità speċifika tal-ġeneru minbarra raġel jew mara, persuni li jidentifikaw bħala żewġ ġeneri jew aktar (biġeneru jew pan/poliġeneru) u persuni li ma jidentifikaw mal-ebda ġeneru (aġeneru)[172]".

**Rikonoxximent legali tal-ġeneru (LGR)** huwa proċess li fih il-ġeneru tal-persuna trans u/jew intersesswali jiġi rikonoxxut fil-liġi, jew il-kisba tal-proċess.[173].

**Ċisġeneru**: "Persuna li l-identità tal-ġeneru attwali tagħha tikkorrispondi għas-sess li ġiet assenjata mat-twelid[174]".

**Trans**: "Terminu ġeneriku li jiddeskrivi nies li l-ġeneru tagħhom ma huwiex l-istess bħas-sess li ġew assenjati mat-twelid, jew li ma jħossuhomx komdi bih[175]".

**Endosess:** "Terminu li jiddeskrivi persuna li tkun twieldet b'karatteristiċi tas-sess li jaqblu ma' kunċetti binarji tipiċi ta' ġisem maskili jew femminili. Persuna endosess tista' tidentifika ma' kwalunkwe identità tal-ġeneru jew orjentazzjoni sesswali[176]". Ara wkoll **intersess**.

**Individwi intersess, jew persuni b'varjazzjoni ta' karatteristiċi tas-sess,** jitwieldu b'karatteristiċi tas-sess (anatomija sesswali, organi riproduttivi, struttura ormonali u/jew livelli u/jew mudelli ta' kromożomi) li ma jaqblux mad-definizzjoni tipika tas-soċjetà ta' maskil jew femminil (Ara l-Linji Gwida Nru **4.4** ta' dan id-dokument ta' gwida).

Dwar is-suġġett tal-identitajiet tal-ġeneru, huwa importanti li tiġi rikonoxxuta d-diversità li teżisti. Ħafna persuni jidentifikaw barra mill-identitajiet binarji ta' rġiel u nisa. Il-persuni li l-identità tal-ġeneru u s-sess assenjat mat-twelid tagħhom ma jaqblux, jew ma jaqblux kompletament, normalment jiġu raggruppati fil-kunċett ta' **"transġeneru u ġeneru divers/mhux binarju"** (TGD)[177]. Dan ir-raggruppament awtomatiku jġorr ir-riskju

---

[171] Ara pereżempju d-distribuzzjoni tal-identitajiet tal-ġeneru fl-istħarriġ LGBTI II tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, FRA (2020), A long way to go for LGBTI equality, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu; Il-Kummissjoni Ewropea (2019).

[172] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 5.

[173] ILGA Europe (2022), Our Glossary.

[174] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 4.

[175] Stonewall (2022), List of LGBTQ+ terms.

[176] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 7.

[177] Motmans, J., Nieder, T. O., and Bouman, W. P. (Eds.). (2020). Non-binary and genderqueer genders. Routledge, Oxon.

li jinkludi b'mod żbaljat il-persuni intersesswali li jistgħu ma jidentifikawx mas-sess assenjat lilhom mat-twelid iżda li ma jidentifikawx bħala trans. Min-naħa l-oħra, dan jrriskja wkoll li jeskludi dawk il-persuni intersesswali li *jidentifikaw* ruħhom bħala trans iżda li l-identità tal-ġeneru tagħhom *tallinja* mas-sess li ġew assenjati mat-twelid.

"Ġeneru divers" huwa wkoll terminu ġeneriku għal ħafna identifikazzjonijiet tal-ġeneru possibbli, pereżempju mhux binarji, ġeneru fluwidu, mingħajr ġeneru, aġeneru, biġeneru eċċ. (ara, pereżempju, id-distribuzzjoni tal-identitajiet tal-ġeneru fl-istħarriġ tal-LGBTI II tal-FRA u fil-glossarju fl-anness ta' dan id-dokument ta' gwida). Ħafna persuni ta' ġeneru divers jidentifikaw bħala trans, għalkemm mhux kollha jagħmlu dan.

Il-mistoqsijiet dwar is-sess u s-sess assenjat mat-twelid jistgħu jkunu sensittivi ħafna u jitqiesu bħala invażivi. Għalhekk, jekk l-isforzi għall-ġbir tad-*data* jfittxu biss li jiġbru l-ġeneru tar-rispondenti, mistoqsija dwar l-identità tal-ġeneru hija biżżejjed. Madankollu, fejn il-ġbir tad-*data* jimmira speċifikament li jiddiżaggrega r-rispondenti trans, mistoqsija dwar l-identità tal-ġeneru ma tiġborx din l-informazzjoni. Ħafna persuni trans jidentifikaw fi ħdan il-binarju, u għalhekk pereżempju kemm mara trans kif ukoll dik ċis jagħżlu "mara" bħala l-identità tal-ġeneru tagħhom, li ma tippermettix diżaggregazzjoni[178].

Sabiex tinġabar *data* dwar ir-rispondenti trans, hemm diversi approċċi possibbli. Ir-rispondenti tista' ssirilhom direttament il-mistoqsija jekk jidentifikawx bħala trans. Huwa possibbli wkoll li jittieħed approċċ f'żewġ stadji li l-ewwel jistaqsi dwar l-identità tal-ġeneru u mbagħad dwar jekk l-identità tal-ġeneru tar-rispondent hijiex differenti mis-sess assenjat mat-twelid. Approċċ alternattiv f'żewġ stadji jistaqsi dwar l-identità tal-ġeneru u s-sess assenjati mat-twelid (għall-kuntrarju tal-ewwel mistoqsija f'żewġ stadji, din l-alternattiva ma tagħmilx referenza espliċita għal jekk l-identità tal-ġeneru tar-rispondent hijiex differenti mis-sess assenjat mat-twelid). Iż-żewġ approċċi tal-aħħar għandhom ir-riskju msemmi hawn fuq li jikklassifikaw b'mod falz ir-rispondenti intersesswali (innota li dawn il-mistoqsijiet ma jivvalutawx jekk xi ħadd huwiex intersess/għandux varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess, u dan għandu jiġi vvalutat f'mistoqsija separata (Ara l-Linja Gwida Nru **4.4** ta' dan id-dokument ta' gwida)).

---

[178] Schilt, K., and Bratter, J. (2015). From multiracial to transgender? Assessing attitudes toward expanding gender options on the US census. *Transgender Studies Quarterly*, 2(1), pp. 77-100.

### 4.2.2. Gwida

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti l-oħra kollha involuti fi jew responsabbli għall-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC huma mħeġġa jieħdu l-azzjonijiet stabbiliti fil-punti li ġejjin.

- Huma għandhom ifasslu mistoqsijiet li jużaw terminoloġija preċiża, u jiżguraw il-validità tal-elementi f'dawn il-mistoqsijiet, billi jiddistingwu b'mod ċar il-miżuri ta' "ġeneru" minn miżuri ta' "sess". It-terminu "identità tal-ġeneru" għandu jiġi distint jew mifhum b'mod ċar bħala distint mit-terminu "sess assenjat mat-twelid" kif ukoll minn reġistrazzjoni legali tal-ġeneru (bidla possibbli fiha) jew kura tas-saħħa li tafferma l-ġeneru.

- It-termini li jużaw (bħal "ġeneru", "identità tal-ġeneru", "sess" u "sess assenjat mat-twelid") għandhom jiġu ddefiniti/spjegati b'mod ċar (ara l-glossarju fl-anness ta' dan id-dokument ta' gwida).

- Huma għandhom jiżviluppaw definizzjonijiet f'konsultazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili trans u intersesswali, u b'attenzjoni għat-terminoloġija kulturali lokali.

- Sa fejn ikun possibbli, huma għandhom jevitaw li jiġbru "sess assenjat mat-twelid" bħala entrata indipendenti fi kwalunkwe kuntest ta' ġbir ta' *data*. "Sess" bħala kriterju separat għandu jitkejjel biss meta jkun ta' valur analitiku.

- Huma għandhom jużaw miżuri inklużivi tal-ġeneru, li jinkludu dan li ġej.

  - Miżuri fi stadju wieħed: tentattivi biex jiġu identifikati r-rispondenti trans li jużaw mistoqsija waħda (eż. "Tidentifika bħala trans?").

  - Miżuri f'żewġ stadji: approċċ usa' li jipprova jgħodd il-persuni li ma jidentifikawx mas-sess assenjat lilhom mat-twelid (eż. trans, xi persuni intersess) u dawk li jagħmlu dan, jikkonsisti f'sekwenza ta' żewġ mistoqsijiet – li komunement jistaqsu dwar (1) il-ġeneru attwali u (2) jekk il-ġeneru tar-rispondent huwiex differenti mis-sess tiegħu assenjat mat-twelid; jew (1) ġeneru kurrenti u (2) sess assenjat mat-twelid. Meta jkunu f'forma ta' tabulazzjoni trasversali, il-miżuri f'żewġt istadji jistgħu jipprovdu għadd approssimattiv ta' nisa u rġiel ċisġeneri, ta' nisa u ta' rġiel transġeneri, u ta' persuni li jidentifikaw billi jużaw termini li ma jaqgħux fil-binarju tal-ġeneru, bħal mhux binarji jew ġeneru queer.

    — Fejn ikun possibbli, iż-żewġ mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati fl-istess paġna. Jista' jkun preferibbli li wieħed jistaqsi dwar l-identità tal-

ġeneru **qabel ma** jitlob dwar is-sess assenjat mat-twelid. Hemm xi evidenza li turi li meta r-rispondenti l-ewwel issirilhom il-mostoqsija dwar is-sess assenjat mat-twelid, huma jħossuhom skomdi[179].

— Jekk il-mistoqsija dwar is-sess assenjat mat-twelid issir l-ewwel f'approċċ f'żewġ stadji, għandu jkun hemm kjarifika li tiddikjara li se ssegwi mistoqsija oħra dwar l-identità tal-ġeneru, li tippermetti lir-rispondenti jidentifikaw lilhom infushom.

- Meta jkunu mmirati lejn iż-żgħażagħ jew it-tfal, huma għandhom jadattaw il-formulazzjoni tal-mistoqsijiet kif xieraq biex jagħmluha aktar faċli li tinftiehem għall-popolazzjoni fil-mira[180].

- Fir-rigward tal-parti speċifika dwar "sess assenjat mat-twelid", u jekk it-tielet kategorija tkun legalment permessa li tiġi rreġistrata f'ċertifikat uffiċjali tal-gvern, għandha tiżdied it-tielet kategorija ta' rispons b'test liberu (kitba) mal-opzjoni binarja (mara/raġel) biex tiġi prevista tali possibbiltà. F'pajjiżi fejn it-tielet għażla ma tkunx possibbli fid-dokumenti legali, dan jista' possibbilment jitħalla barra, għalkemm persuni mwielda barra mill-pajjiż jista' jkollhom bżonn it-tielet kategorija.

- F'sitwazzjonijiet fejn il-ġbir tal-istatus ta' transġeneru ma jkunx l-objettiv ewlieni, mistoqsija waħda li tistaqsi dwar il-ġeneru b'kategoriji ta' maskili, femminili, u t-tielet kategorija bħal "Ġeneru ieħor" tkun biżżejjed. Madankollu, mistoqsija ma għandhiex tuża "transġeneru" bħala t-tielet kategorija. Peress li ħafna persuni trans jidentifikaw bħala maskili jew femminili, tali miżura tista' tiġi invalidata u ma tkunx biżżejjed biex tidentifika r-rispondenti trans[181].

- Huma għandhom jevalwaw mill-ġdid u jespandu perjodikament l-għażliet ta' tweġibiet matul iż-żmien u f'kuntesti differenti, b'mod partikolari għal risponsi (u speċjalment għal risponsi bil-kitba) minn persuni li jidentifikaw lilhom infushom barra min-normi binarji dwar il-ġeneru.

[179] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 119.
[180] F'xi pajjiżi diġà qed tinġabar *data* relatata mas-SOGIESC dwar iż-żgħażagħ. Madankollu, jista' jkun hemm bżonn li l-mistoqsijiet jiġu fformulati mill-ġdid. Pereżempju, l-użu ta' frażi sempliċi bħal "sa liema punt tħossok tifel/tifla?" jinftiehem aktar għall-adolexxenti. Madankollu, l-użu ta' termini bħal "100 %" u "verament tifel" huwa skoraġġut mil-linji gwida attwali dwar il-lingwa fir-riċerka. National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 132.
[181] Schilt, K., and Bratter, J. (2015). From multiracial to transgender? Assessing attitudes toward expanding gender options on the US census. *Transgender Studies Quarterly*, 2(1), pp. 77-100.

- Huma għandhom jivvalutaw perjodikament il-prestazzjoni tal-oġġett f'modi differenti ta' stħarriġ, inkluż ir-rapportar ta' indikatur, f'lingwi oħra minbarra l-lingwa nazzjonali[182]: (i) għal gruppi soċjali, demografiċi u etniċi differenti; (ii) għal persuni bi sfond ta' immigrazzjoni; u (iii) fost iż-żgħażagħ.
- Kif irrakkomandat fir-rieżami tal-UNECE tal-2019 dwar l-identità tal-ġeneru, f'lingwi fejn il-kunċett tal-ġeneru ma jkunx stabbilit sew, il-kwistjonijiet lingwistiċi jistgħu jiġu rrettifikati b'definizzjonijiet u gwida, online jew permezz ta' intervistatur. Lingwi differenti jistgħu jirrikjedu traduzzjonijiet sottili b'mod differenti. L-ittestjar tal-mistoqsijiet huwa rrakkomandat biex jiġi żgurat li r-rispondenti jifhmu x'qed jiġu mistoqsija. Tali ttestjar ikun jeħtieġ li jiġi ripetut fuq bażi rikorrenti hekk kif jinbidel il-fehim pubbliku[183].

## 4.2.3. Eżempji dwar kif għandha tinġabar id-*data* dwar is-sess, il-ġeneru u l-identità tal-ġeneru

### 4.2.3.1. Eżempju adottat mill-Istħarriġ LGBTIQ tal-FRA:

**M1: Kif tiddeskrivi lilek innifsek illum il-ġurnata?**
*L-għażliet ta' rispons "Mara" u "Raġel" jinkludu n-nisa u l-irġiel trans.*

Tweġiba waħda
- Mara
- Raġel
- Mhuxbinarju jew Ġeneru queer jew Aġeneru jew Poliġeneru jew ġeneru fluwidu
- Jekk ma tidentifikax ruħek bħala mara, raġel, jew mhux binarju, jekk jogħġbok speċifika kif tidentifika …
- Nippreferi ma nweġibx
- Mhux nifhem il-mistoqsija
- Ma nafx

**M2 Inti/kont persuna trans?**
(Staqsi jekk M1="Mara", "Raġel", jew "Jekk ma tidentifikax ruħek bħala mara, raġel, jew mhux binarju, jekk jogħġbok speċifika kif tidentifika ruħek")
*It-terminu "trans" jintuża f'dan l-istħarriġ bħala terminu ġeneriku wiesa' li jinkludi lil dawk kollha li huma transġeneri, mhux binarji, varjant tal-ġeneru, poliġeneri, aġeneri, ta' ġeneru fluwidu, cross dressers, transsesswali, jew irġiel u nisa b'passat transsesswali, u termini oħra*

---

[182] Sfida komunement imsemmija għall-istabbiliment ta' standards internazzjonali għall-ġbir tad-*data* f'żewġ stadji hija n-nuqqas ta' kliem li jiddistingwi bejn "sess" u "ġeneru" f'xi lingwi (UNECE (2019), In-Depth Review of Measuring Gender Identity. Konferenza tal-Istatistika Ewropea, Pariġi).
[183] UNECE (2019), In-Depth Review of Measuring Gender Identity. Conference of European Statisticians, Paris.

- Iva
- Le
- Nippreferi ma nweġibx
- Mhux nifhem il-mistoqsija
- Ma nafx

**M3 X'sess ġejt assenjat mat-twelid?**
*BUTTUNA TAL-INFORMAZZJONI: L-assenjazzjoni tas-sess mat-twelid hija l-klassifikazzjoni ta' persuni bħala maskili, femminili, intersesswali, jew sess ieħor assenjat mat-twelid, spiss abbażi tal-anatomija fiżika. Is-sess assenjat mat-twelid huwa rreġistrat fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħek meta tkun twelidt.]*

Tweġiba waħda

- Femminil
- Maskil
- Oħrajn *(semmi ....)*
- Nippreferi ma nweġibx

**Kif tgħodd id-*data* miġbura:**

- Mara trans: M1 = mara u M2 = Iva
- Raġel trans: M1 = raġel u M2 = Iva
- Ġeneru divers: M1 = Mhux binarju jew Ġeneru queer jew Aġeneru jew Poliġeneru jew Ġeneru fluwidu

## Noti għall-kunsiderazzjoni

Dan l-approċċ huwa bbażat fuq l-awtoidentifikazzjoni, li tippermetti lir-rispondenti jiddikjaraw għalihom infushom jekk humiex trans. Peress li s-sess assenjat mat-twelid ma jintużax bħala l-bażi għall-klassifikazzjoni tar-rispondent, l-approċċ ma jġorrx ir-riskju diskuss hawn fuq ta' klassifikazzjoni mhux korretta tar-rispondenti intersess. Is-sess assenjat mat-twelid minflok jinġabar bħala informazzjoni addizzjonali li tista' tinforma l-analiżi u l-mistoqsija dwaru għandha -ssir wara l-mistoqsija dwar il-ġeneru attwali. Dan huwa importanti, peress li r-riċerka kwalitattiva turi li meta xi rispondenti trans issirilhom il-mistoqsija dwar is-sess assenjat mat-twelid qabel ma ssirilhom il-mistoqsija dwar il-ġeneru attwali, huma jistgħu jħossuhom skomdi[184]. Dan jikkonforma mal-esperjenza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkonsultati fil-proċess tal-abbozzar ta' dan id-dokument ta' gwida. Limitazzjoni waħda ta' din il-mistoqsija hija l-kategorija "Mhux binarju jew Ġeneru queer jew Aġeneru jew Poliġeneru jew ġeneru fluwidu", li ma tkoprix il-ġeneri kollha barra mill-binarju. L-approċċ għall-għadd jassumi wkoll li dawn ir-rispondenti kollha jidentifikaw bħala trans, li jista' ma jkunx il-każ għal xi wħud. Il-mistoqsija ma tkoprix informazzjoni dwar

[184] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 119.

ir-rispondenti intersess, li l-biċċa l-kbira tagħhom se jkunu assenjati maskil jew femminil mat-twelid. Sabiex din l-informazzjoni tinġabar b'mod adegwat, huwa importanti li ssir mistoqsija separata dwar jekk ir-rispondenti humiex intersess/għandhomx varjazzjoni ta' karatteristiċi tas-sess (ara l-Linja Gwida Nru **4.4** ta' dan id-dokument ta' gwida).

### 4.2.3.2. Eżempju li jistaqsi dwar is-sess assenjat mat-twelid li jaqbel mal-ġeneru – L-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Awstralja

Meta mistoqsija dwar is-sess assenjat mat-twelid ma tkunx neċessarjament meħtieġa, huwa rrakkomandat approċċ f'żewġ stadji li jistaqsi dwar jekk l-identità tal-ġeneru ta' persuna taqbilx mas-sess tagħha assenjat mat-twelid. Dan jagħmilha possibbli li tiġi diżaggregata d-*data* dwar il-persuni trans, filwaqt li dan ma jkunx possibbli jekk ikun hemm mistoqsija waħda biss dwar l-identità tal-ġeneru. Madankollu, u kif imsemmi hawn fuq, dan ir-raggruppament ta' mistoqsijiet f'żewġ stadji jġib ir-riskju li r-rispondenti intersesswali jiġu kklassifikati b'mod żbaljat. L-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Awstralja jieħu dan l-approċċ f'żewġ stadji, u barra minn hekk jinkludi mistoqsija dwar ir-reġistrazzjoni legali tal-ġeneru.

**M1 Kif [tiddeskrivi/jiddeskrivi/jiddeskrivu] [l-Isem tal-persuna] [il-ġeneru tiegħek/tagħhom]**[185]?

BUTTUNA TAL-INFORMAZZJONI: Il-ġeneru jirreferi għall-ġeneru attwali, li jista' jkun differenti mis-sess irreġistrat mat-twelid u jista' jkun differenti minn dak indikat fuq id-dokumenti legali.] TWEĠIBA WAĦDA

- Raġel jew maskili
- Mara jew femminili
- Mhux binarji
- [Jien/huma] nuża(w) terminu differenti (jekk jogħġbok speċifika)
- Nippreferi ma nweġibx

**M2 Il-ġeneru tiegħek huwa l-istess bħas-sess li kont irreġistrat mat-twelid?**

- Iva
- Le (ikteb fil-ġeneru) ….

[185] Australian Bureau of Statistics (2020), Standard for Sex, Gender, Variations of Sex Characteristics and Sexual Orientation Variables, ABS.

**M3 Kellek ir-reġistrazzjoni tal-ġeneru tiegħek aġġustata fuq id-dokumenti uffiċjali?**

- Iva
- Le

**Kif tgħodd id-*data* miġbura**

Fil-gwida ppubblikata online, jingħataw dettalji biss dwar kif sar l-għadd tal-ewwel mistoqsija[186]. Il-kaxxa ta' hawn taħt tistabbilixxi kif sar l-għadd tal-mistoqsija.

| Kodiċi preferut | Kodiċi alternattiv | Tikketta | Definizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 1 | M | Raġel jew maskili | Persuni li ddeskrivew il-ġeneru tagħhom bħala raġel jew maskili |
| 2 | F | Mara jew femminili | Persuni li ddeskrivew il-ġeneru tagħhom bħala mara jew femminili |
| 3 | X | Mhux binarji | Persuni li ddeskrivew il-ġeneru tagħhom bħala mhux binarji |
| 4 | T | Terminu differenti | Persuni li ddeskrivew il-ġeneru tagħhom bħala terminu għajr dak ta' raġel/maskili, mara/femminili jew mhux binarji* |
| 5 | Z | Nippreferi ma nweġibx | Persuni li kienu jippreferu ma jirrispondux dwar kif jiddeskrivu l-ġeneru tagħhom |

* Ħlief fejn ir-rispons bil-miktub għal "Terminu differenti" jindika varjazzjoni ta' rispons wieħed minn "Raġel jew maskili", "Mara jew femminili" jew "Mhux binarju", fejn dak ir-rispons jiġi kkodifikat għall-frażi deskrittiva assoċjata.

**L-għadd għal rispondenti trans u mhux binarji jista' jinkiseb kif ġej:**

- Raġel trans: M1= "Raġel jew maskili" U M2=Le
- Mara trans: M1= "Mara jew femminili" U M2=Le
- Mhux binarji: M1= "Mhuxbinarji"

## Noti għall-kunsiderazzjoni

L-approċċ bi tliet stadji ta' stil Awstraljan jipprovdi għażla għal persuni li kienu rreġistrati għajr maskili jew femminili mat-twelid, u t-tweġibiet tiegħu huma reċiprokament esklużivi u reċiprokament eżawrjenti. Il-mistoqsija dwar ir-

[186] Australian Bureau of Statistics (2020), Standard for Sex, Gender, Variations of Sex Characteristics and Sexual Orientation Variables, ABS.

reġistrazzjoni tal-ġeneru hija wkoll vantaġġ, peress li perċentwali baxxi dwar din il-mistoqsija jistgħu jindikaw kwistjonijiet bil-proċess legali (għalkemm mhux il-persuni trans kollha jixtiequ jirrikonoxxu l-ġeneru tagħhom legalment). Madankollu, il-fatt li r-rispondenti jingħataw biss l-għażliet ta' "iva" u "le" għall-mistoqsija huwa simplistiku żżejjed. Ir-rekwiżiti u l-kost jistgħu jvarjaw b'dokumenti differenti, u għalhekk huwa possibbli li rispondent, pereżempju, jaġġorna l-passaport tiegħu mingħajr ma jaġġorna ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, li l-mistoqsija fil-forma attwali tagħha mhux se tkopri. Il-mistoqsija ma ssemmix b'mod espliċitu l-identitajiet tal-ġeneru lil hinn minn raġel, mara u mhux binarji, għalkemm dawn jinġabru fl-għażla ta' "[Jien/huma] nużaw/jużaw terminu differenti". L-approċċ iġorr ir-riskju li jiġu inklużi b'mod żbaljat persuni intersesswali li jistgħu ma jidentifikawx mas-sess assenjat lilhom mat-twelid iżda li ma jidentifikawx bħala trans. Min-naħa l-oħra, dan jirriskja wkoll li jeskludi dawk il-persuni intersesswali li jidentifikaw ruħhom bħala trans iżda li l-identità tal-ġeneru tagħhom tallinja mas-sess li ġew assenjati mat-twelid. Fl-aħħar nett, l-għażla ta' kitba fil-M2 ma hijiex ċara dwar jekk ir-rispondenti għandhomx jiktbu l-ġeneru attwali tagħhom, jew is-sess tagħhom assenjat mat-twelid.

### 4.2.3.3. Eżempju ta' listi magħluqa ta' kategoriji tal-ġeneru – l-istudju "Being Transgender in Belgium"

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, meta l-kejl tal-identità tal-ġeneru fl-intier tagħha ma jkunx l-għan tal-ġbir tad-*data*, huwa biżżejjed li tiġi offruta **lista magħluqa ta' kategoriji tal-ġeneru** li minnhom ir-rispondent issirlu l-mistoqsija biex jagħżel għażla waħda li taqbel l-aħjar f'dan il-mument. Dan l-approċċ huwa adattat għal każijiet fejn la s-sess tar-rispondent assenjat mat-twelid u lanqas l-istatus trans tiegħu ma jkun ta' rilevanza għall-ġbir tad-*data*.

Eżempju wieħed ta' dan l-approċċ huwa l-mistoqsija ta' hawn taħt.

**M1: Kif tiddeskrivi l-identità tal-ġeneru tiegħek? Fis-sentimenti u l-ħsibijiet tiegħek, inti (għażliet multipli possibbli):**

- Raġel
- Mara
- Raġel b'passat transġeneru
- Mara b'passat transġeneru
- Raġel cross dresser
- Mara cross dresser
- Raġel trans: persuna li twieldet femminili iżda għandha identità tal-ġeneru maskili
- Mara trans: persuna li twieldet maskili iżda għandha identità tal-ġeneru femminili
- Ġeneru queer
- Mhux binarji

- Poliġeneru
- Ġeneru fluwidu
- Oħrajn: (kompluti) …
- Ma rridx ngħid

**M2: Sabiex inkunu nistgħu nanalizzaw id-*data* minn dan l-istudju, nistgħu nużaw biss kategorija limitata tal-kategoriji ta' hawn fuq. Nixtieqi nistaqsuk liema grupp jaqbel l-aktar mill-qrib mal-identità attwali tal-ġeneru tiegħek? Immarka t-tweġiba li taqbel l-aħjar f'dan il-mument. Nippreferi li nkun ikklassifikat fil-grupp ta':**

- Raġel (trans)
- Mara (trans)
- Cross-dresser
- Ġeneru queer/aġeneru/poliġeneru/ġeneru fluwidu/mhux binarju
- Ma nafx, m'għandix preferenza

**Noti għall-kunsiderazzjoni**

Dan l-approċċ jagħti lir-rispondenti l-poter li jiddeterminaw huma stess f'liema grupp huma kklassifikati għall-fini tal-istudju. Madankollu, il-kategoriji ta' raġel/mara b'passat transġeneru jistgħu jkunu ta' konfużjoni għar-rispondenti. Barra minn hekk, mhux il-persuni kollha li jagħmlu cross-dressing jaraw lilhom infushom bħala trans, u għalhekk l-inklużjoni ta' din il-kategorija tista' toħloq ukoll konfużjoni. Barra minn hekk, il-mistoqsija tista' tonqos milli tkopri r-rispondenti trans kollha, peress li xi wħud jistgħu jagħżlu biss il-kategoriji "raġel" u "mara" fil-M1.

## 4.3. Kif għandha tinġabar id-*data* dwar l-espressjoni tal-ġeneru

### 4.3.1. Motivazzjoni

**L-espressjoni tal-ġeneru** tirreferi għall-"manifestazzjoni ta' kull persuna tal-ġeneru tal-persuna permezz tad-dehra fiżika – inklużi l-ilbies, l-istili tax-xagħar, l-aċċessorji, il-kożmetiċi – u l-ġesti, id-diskors, ix-xejriet ta' mġiba, l-ismijiet, u r-referenzi personali. L-

espressjoni tal-ġeneru tista' tikkonforma jew tista' ma tikkonformax mal-identità tal-ġeneru ta' persuna[187]."

**Ġeneru mhux konformi:** "Terminu wiesa' li jirreferi għal persuni li ma jġibux ruħhom b'mod li jikkonforma mal-aspettattivi tradizzjonali tal-ġeneru tagħhom, jew li l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom ma taqax kompletament f'kategorija. Filwaqt li ħafna jidentifikaw ukoll bħala transġeneru, mhux in-nies kollha li ma jikkonformawx mal-ġeneru jagħmlu dan[188]."

L-espressjoni tal-ġeneru hija varjabbli utli biex jiġi ddeterminat jekk il-persuni mhux konformi mal-ġeneru (indipendenti mill-orjentazzjoni sesswali tal-persuna, mill-identità tal-ġeneru jew mill-karatteristiċi tas-sess) tiġix ittrattata b'mod differenti, abbażi tal-grad li l-espressjoni tal-ġeneru tagħha tikkonforma mal-ġeneru attribwit lilha minn ħaddieħor.

Il-mistoqsija dwar l-espressjoni tal-ġeneru tista' tinvolvi: (i) miżuri kontinwi ta' femminilità u maskulinità; jew (ii) mistoqsijiet dwar il-konformità perċepita tal-ġeneru minn ħaddieħor. Kull approċċ jista' jkun utli skont l-għan tar-riċerka.

L-approċċ kontinwu jibbaża fuq linja stabbilita ta' riċerka fil-psikoloġija, li turi li l-femminilità u l-maskulinità ma għandhomx jitqiesu bħala "opposti" polari, peress li l-persuni jistgħu jkunu fuq livell baxx fuq iż-żewġ skali, fuq livell għoli fuq iż-żewġ skali, xi mkien fin-nofs, jew barra mill-iskali kompletament[189,190]. L-intervisti konjittivi man-nisa queer jindikaw ukoll li miżura bipolari li titlob lir-rispondenti jikklassifikaw lilhom infushom fuq skala minn maskili ħafna għal femminili ħafna hija problematika mill-aspett kunċettwali u empiriku[191]. Intwera wkoll li l-miżuri unipolari li jistaqsu dwar il-femminilità u l-maskulinità separatament huma aktar affidabbli biex jiġbru tweġibiet sottili b'mod partikolari għar-rispondenti trans, meta mqabbla ma' miżuri bipolari[192].

Tista' ssir mistoqsija dwar l-espressjoni tal-ġeneru permezz ta' awtoevalwazzjoni (kif ir-rispondent jara l-espressjoni tal-ġeneru tiegħu stess) kif ukoll permezz ta' evalwazzjoni riflessa (ir-rispondenti ssirilhom il-mistoqsija kif jarahom ħaddieħor). Filwaqt li r-risponsi

---

[187] International Commission of Jurists (2017, The Yogyakarta Principles Plus 10 - Additional Principles and State Obligation on the Application of International Human Rights Law in Relation to Sexual Orientation, Gender Expression and Sex Characteristics to Complement the Yogyakarta Principles, p. 6).
[188] Human Rights Campaign (2022), Glossary of Terms.
[189] Garbarski, D. (2023), The measurement of gender expression in survey research, *Social Science Research* 110, p. 2.
[190] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 104.
[191] Garbarski, D., LaVergne, D. (2020). The Measurement of Sexual Attraction and Gender Expression: Cognitive Interviews with Queer Women. Fi: Brenner, P.S. (eds) Understanding Survey Methodology. Frontiers in Sociology and Social Research, vol 4. *Springer, Cham*.
[192] Garbarski, D. (2023), The measurement of gender expression in survey research, *Social Science Research* 110, p. 9.

għall-awtoevalwazzjoni u għal dik riflessa għandhom it-tendenza li jikkoinċidu, huwa utli li titkejjel id-diskrepanza bejniethom, peress li din id-diskrepanza ġiet assoċjata ma' eżiti tas-saħħa agħar[193]. Ir-riċerka kwalitattiva tindika li l-mistoqsija dwar l-awtovalutazzjoni għandha ssir qabel dik tal-evalwazzjoni riflessa[194].

It-tieni approċċ li ssir mistoqsija dwar il-konformità perċepita huwa aktar faċli biex jintuża fl-istħarriġ u jista' jintuża flimkien ma' mistoqsijiet dwar id-diskriminazzjoni, il-fastidju u l-vjolenza, peress li persuni li huma inqas konformi huma aktar probabbli li jesperjenzaw dawn il-problemi. Dan huwa aktar xieraq fi stħarriġ speċifiku għal-LGBTIQ aktar milli fi stħarriġ ġenerali dwar il-popolazzjoni.

### 4.3.2. Gwida

L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti l-oħra kollha involuti fi jew responsabbli għall-ġbir tad-*data* relatata mas-SOGIESC huma mħeġġa jieħdu l-azzjonijiet stabbiliti fil-punti li ġejjin.

- Huma għandhom jużaw skali kontinwi (żewġt iskali Likert biex ikejlu espressjoni tal-ġeneru maskili u espressjoni tal-ġeneru femminili) kif awtorapportat mir-rispondent.
- Jekk ikun possibbli, huma għandhom jistaqsu kemm dwar l-evalwazzjoni soġġettiva tar-rispondenti tal-espressjoni tal-ġeneru tagħhom kif ukoll dwar kif ir-rispondent jaħseb li ħaddieħor jevalwa l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom. Jekk ikun hemm spazju limitat, dawn għandhom jistaqsu dwar dan tal-aħħar (evalwazzjoni riflessa)[195].
- Huma għandhom iqisu li l-espressjoni tal-ġeneru tista' tvarja f'kuntesti differenti abbażi tal-kumdità u s-sikurezza tar-rispondenti. Ir-rispondenti jistgħu ma jkunux jistgħu jesprimu ruħhom b'mod li jinħass konsistenti max-xewqat tagħhom.
- Fi stħarriġ speċifiku għal-LGBTIQ, jekk l-għan tal-mistoqsija huwa li jiġi evalwat kif ħaddieħor jipperċepixxi lir-rispondent sabiex jiġi identifikat kif dan ikollu impatt fuq l-esperjenzi tar-rispondent, l-aktar ħaġa xierqa tkun li ssir mistoqsija dwar il-konformità perċepita.

---

[193] Hart, CG, Saperstein, A, Magliozzi, D and Westbrook, L. (2019), Gender and health: beyond binary categorical measurement, *Journal of Health and Social Behavior*, 60 (1), p. 109.
[194] Garbarski, D. (2023), The measurement of gender expression in survey research, *Social Science Research* 110, p. 2.
[195] Garbarski, D. (2023), The measurement of gender expression in survey research, *Social Science Research* 110, pp. 13-14.

## 4.3.3. Eżempji ta' kejl tal-espressjoni tal-ġeneru

### 4.3.3.1. Eżempju ta' approċċ kontinwu[196]

**M1. B'mod ġenerali, kif tiddeskrivi d-dehra, l-istil u l-ilbies tiegħek?**

| Xejn femminili | Ftit femminili | Kemxejn femminili | Femminili ħafna | Estremament femminili |
|---|---|---|---|---|
| ◯ | ◯ | ◯ | ◯ | ◯ |
| Xejn maskili | Ftit maskili | Kemxejn maskili | Maskili ħafna | Estremament maskili |
| ◯ | ◯ | ◯ | ◯ | ◯ |

**M2. B'mod ġenerali, kif taħseb li n-nies jiddeskrivu d-dehra, l-istil u l-ilbies tiegħek?**

| Xejn femminili | Ftit femminili | Kemxejn femminili | Femminili ħafna | Estremament femminili |
|---|---|---|---|---|
| ◯ | ◯ | ◯ | ◯ | ◯ |
| Xejn maskili | Ftit maskili | Kemxejn maskili | Maskili ħafna | Estremament maskili |
| ◯ | ◯ | ◯ | ◯ | ◯ |

**M3. B'mod ġenerali, kif tiddeskrivi l-mod kif timxi, titkellem, tpoġġi, toqgħod bilwieqfa, u tagħmel il-ġesti?**

| Xejn femminili | Ftit femminili | Kemxejn femminili | Femminili ħafna | Estremament femminili |
|---|---|---|---|---|
| ◯ | ◯ | ◯ | ◯ | ◯ |
| Xejn maskili | Ftit maskili | Kemxejn maskili | Maskili ħafna | Estremament maskili |
| ◯ | ◯ | ◯ | ◯ | ◯ |

[196] Garbarski, D. (2023), The measurement of gender expression in survey research, *Social Science Research* 110.

**M4. B'mod ġenerali, kif taħseb li n-nies jiddeskrivu l-mod kif timxi, titkellem, tpoġġi, toqgħod bilwieqfa, u tagħmel il-ġesti?**

| Xejn femminili | Ftit femminili | Kemxejn femminili | Femminili ħafna | Estremament femminili |
|---|---|---|---|---|
| ◯ | ◯ | ◯ | ◯ | ◯ |
| Xejn maskili | Ftit maskili | Kemxejn maskili | Maskili ħafna | Estremament maskili |
| ◯ | ◯ | ◯ | ◯ | ◯ |

## Noti għall-kunsiderazzjoni

Dan l-eżempju juża miżuri unipolari ta' maskulinità u femminilità, u għalhekk jevita l-pożizzjonament ta' dawn il-miżuri bħala opposti polari. L-eżempju jkopri kemm id-dimensjonijiet tad-dehra kif ukoll tal-imġiba. Hemm bżonn ta' aktar riċerka dwar jekk l-ordni tal-mistoqsija tad-dehra u tal-imġiba għandhiex impatt sinifikanti, u dwar jekk dawn il-mistoqsijiet ta' stħarriġ jistgħux jiġu kkombinati[197]. Żvantaġġ ta' dan l-approċċ huwa li jassumi li r-rispondenti jifhmu l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom f'termini ta' maskulinità u femminilità, li jista' ma jkunx il-każ, b'mod partikolari għar-rispondenti li jkunu aġeneru. Għalhekk, ikun utli li tiżdied għażla "fl-ebda punt fuq din l-iskala". Limitazzjoni oħra tal-eżempju hija li ma tipprovdix lir-rispondenti għażliet ta' "ma nafx" jew "nippreferi li ma nweġibx", li huma importanti minn perspettiva etika (ara t-Taqsima Nru **2.3** ta' dan id-dokument ta' gwida).

### 4.3.3.2. Eżempju ta' mistoqsija dwar il-konformità perċepita[198]

In-nies jistgħu jindunaw li jien transġeneru/ma nikkonformax mal-ġeneru anke jekk ma ngħidilhomx.

- Dejjem
- Kważi l-ħin kollu
- Xi drabi

[197] Garbarski, D. (2023), The measurement of gender expression in survey research, *Social Science Research* 110, p. 14.
[198] Jaime, G., Mottet, L., Tanis, J., Harrison, J., Herman, J. and Keisling, M. (2011), Injustice at Every Turn: A Report of the National Transgender Discrimination Survey, National Center for Transgender Equality and National Gay and Lesbian Task Force, Washington DC, p. 184.

- Xi kultant
- Qatt

**Noti għall-kunsiderazzjoni**

Dan huwa eżempju minn stħarriġ transspeċifiku. Il-mistoqsija tkopri l-firxa ta' konformità viżwali perċepita tar-rispondent b'espressjonijiet tradizzjonali ta' identità tal-ġeneru, li jistgħu jiġu analizzati flimkien mar-rati ta' diskriminazzjoni, vjolenza, u fastidju. Għalkemm din il-mistoqsija hija diretta biss lejn rispondenti trans u mhux konformi mal-ġeneru, mistoqsija simili hija possibbli għal rispondenti LGBTIQ oħrajn. L-Istħarriġ tal-Ġenerazzjonijiet, pereżempju, li ffoka fuq ir-rispondenti LGB, staqsa: "Kemm-il darba, jekk qatt, in-nies jistgħu jindunaw li inti LGB anke jekk ma tgħidilhomx?". L-istħarriġ kellu l-istess għażliet ta' rispons ta' "dejjem", "ħafna drabi", "xi kultant", "okkażjonalment" u "qatt"[199]. Kif imsemmi hawn fuq, il-mistoqsija hija nieqsa wkoll minn għażliet ta' "ma nafx" u "nippreferi li ma nweġibx", li jkun importanti li jiġu inklużi minn perspettiva etika (ara t-Taqsima Nru **2.3** ta' dan id-dokument ta' gwida).

# 4.4. Kif għandha tinġabar id-*data* dwar il-karatteristiċi tas-sess

## 4.4.1. Motivazzjoni

**Karatteristiċi tas-sess** "tirreferi għall-karatteristiċi fiżiċi ta' kull persuna relatati mas-sess, inklużi l-ġenitali u anatomija sesswali u riproduttiva oħra, il-kromożomi, l-ormoni, u l-karatteristiċi fiżiċi sekondarji li jirriżultaw mill-pubertà[200]".

**Individwi intersess**, jew **persuni b'varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess,** jitwieldu b'karatteristiċi tas-sess (anatomija sesswali, organi riproduttivi, struttura ormonali u/jew livelli u/jew xejriet tal-kromożomi) li ma jaqblux mad-definizzjoni tipika tas-soċjetà tal-irġiel jew tan-nisa. Ħafna drabi, il-varjazzjoni tal-karatteristiċi tas-sess ma tiġix identifikata sa aktar tard fil-ħajja[201].

[199] Krueger, E. A., Lin, A., Kittle, K. R., & Meyer, I. H. (2020), Generations – A Study of the Life and Health of LGB People in a Changing Society (Methodology and Technical Notes, Gallup Quantitative Survey), The Williams Institute, Los Angeles.
[200] International Commission of Jurists (2017, The Yogyakarta Principles Plus 10 - Additional Principles and State Obligation on the Application of International Human Rights Law in Relation to Sexual Orientation, Gender Expression and Sex Characteristics to Complement the Yogyakarta Principles, p. 6).
[201] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 139.

**Li wieħed ikun intersess/li jkollu varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess** huwa komponent importanti tal-istatus demografiku u tal-informazzjoni medika privata. Jista' jkun ukoll aspett ta' identità, għalkemm mhux il-persuni kollha b'varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess se jidentifikaw bħala intersesswali jew jaraw lilhom infushom bħala parti mill-komunità LGBTIQ[202].

**Endosess:** "Terminu li jiddeskrivi persuna li tkun twieldet b'karatteristiċi tas-sess li jaqblu ma' kunċetti binarji tipiċi ta' ġisem maskili jew femminili. Persuna endosess tista' tidentifika ma' kwalunkwe identità tal-ġeneru jew orjentazzjoni sesswali[203]."

Filwaqt li r-riċerka dwar persuni intersesswali barra mill-ambjent kliniku għadha skarsa, żdiedu d-diskussjonijiet riċenti dwar il-metodoloġiji tar-riċerka tal-aħjar prattika[204]. Fil-letteratura akkademika, jintużaw termini differenti biex jiddeskrivu persuni b'varjazzjonijiet fil-karatteristiċi tas-sess. It-terminoloġija li tintuża biex tiddeskrivi din il-popolazzjoni hija mfassla minn fehmiet soċjali dwar is-sess u l-ġeneru bħala kunċetti binarji, li ġiet adottata wkoll fil-biċċa l-kbira mill-professjonisti mediċi u minn dawk li jfasslu l-politika.

Billi tiġi inkluża mistoqsija dwar il-karatteristiċi tas-sess, persuni intersess/persuni b'varjazzjonijiet fil-karatteristiċi tas-sess isiru viżibbli fid-*data* miġbura. Huwa importanti li ma jkunx hemm konfużjoni meta persuna jkollha varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess b'ċerta identità (ġeneru), u li wieħed jifhem l-intersesswalità bħala esperjenza. Il-biċċa l-kbira tal-persuni b'varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess jidentifikaw bħala raġel jew mara, għalkemm il-possibbiltà li jagħżlu/jidentifikaw ruħhom bħala intersesswali u/jew b'ġeneru divers (bħal mhux binarju/ġeneru queer) għandha dejjem tkun permessa meta tinġabar id-*data*[205].

Ir-riċerkaturi għandhom ikunu konxji li l-kunċett ta' intersesswalità ma huwiex magħruf sew fil-popolazzjoni intersesswali nnifisha, peress li ħafna persuni b'varjazzjonijiet fil-karatteristiċi tas-sess spiss jingħataw ismijiet/dijanjożi[206] differenti, bħas-sindromu ta' insensittività għall-androġeni, l-iperplażja adrenali konġenitali, is-sindromu Klinefelter jew is-sindromu Turner[207]. Minħabba d-diversità tat-termini użati, kif ukoll id-diversità

[202] L-Akkademji Nazzjonali tax-Xjenzi, tal-Inġinerija, u tal-Mediċina (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 141.
[203] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 7.
[204] Park, A. (2016), Reachable: Data collection methods for sexual orientation and gender identity, The Williams Institute, Los Angeles.
[205] Jones, T., Hart, B., Carpenter, M., Ansara, G., Leonard, W., & Lucke, J. (2016), Intersex. Stories and Statistics from Australia, Open Book Publishers, Cambridge.
[206] van Ditzhuijzen, J., & Motmans, J. (2020), Kennis En Opvattingen over Intersekse: Een Nulmeting in Nederland En Vlaanderen, Rutgers and UZ Gent, Utrecht and Ghent.
[207] Randjelovic, R. et. al. (2018), Intersex Research Study, UNDP, pp. 46-48.

fl-għarfien dwar it-terminoloġija, huwa importanti ħafna li r-rispondenti jiġu ppreżentati b'definizzjoni ċara u komprensiva.

### 4.4.2. Gwida

L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin.

- Huma għandhom jinkludu mill-inqas mistoqsija waħda biex ikun possibbli li n-nies b'varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess jidentifikaw lilhom infushom.
- Huma għandhom jużaw miżura awtonoma biex jistaqsu lir-rispondenti dwar jekk humiex intersess/għandhomx varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess jew le (endosess). Il-mistoqsija ma għandhiex tiżdied bħala t-tielet għażla ta' rispons għal "sess" jew "sess assenjat mat-twelid", peress li l-persuni intersess, bħala regola ġenerali, jiġu assenjati femminili jew maskili. Madankollu, għandha tiġi pprovduta kaxxa miftuħa li tippermetti lir-rispondenti jinkludu speċifiċitajiet nazzjonali, bħall-"markatur vojt" fil-Ġermanja[208].
- Li wieħed ikun intersesswali ma għandux jiġi konfuż mal-fatt li wieħed ikun trans jew mal-orjentazzjoni sesswali.
- Huma għandhom iqisu li l-persuni intersesswali jista' jkollhom identità tal-ġeneru differenti minn dik li ġew assenjati mat-twelid. Filwaqt li xi persuni intersesswali jistgħu jidentifikaw bħala trans, oħrajn jistgħu jħossu li t-terminu ma jinkludix is-sitwazzjoni speċifika tagħhom bħala persuna intersesswali f'soċjetà li fil-biċċa l-kbira tagħha tkun endosess.
- Huma għandhom iżidu definizzjoni ċara tal-kunċett ta' intersess jew ta' x'jikkostitwixxi varjazzjoni tal-karatteristiċi tas-sess, b'biżżejjed eżempji li jiffurmaw parti mit-terminu ġeneriku ta' intersess.
- Huma għandhom jiżviluppaw definizzjonijiet f'konsultazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili intersess, u b'attenzjoni għat-terminoloġija kulturali lokali.
- Minbarra spjegazzjoni/definizzjoni tal-kunċett, huma għandhom iżidu mistoqsija ta' segwitu miftuħa għal dawk li jindikaw li huma intersess/li għandhom varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess li tagħmilha possibbli għar-rispondenti li jiddeskrivu, fil-qafas

[208] Statistische Ämter des Bundes und der Länder (2022), Zensus 2022.

tal-istħarriġ, l-esperjenzi u l-ħtiġijiet marbuta mal-varjazzjoni tagħhom sal-punt li jkunu lesti jagħmlu dan.

## 4.4.3. Eżempji ta’ miżuri intersess

### 4.4.3.1. Għarfien u perċezzjonijiet dwar in-nies intersess: kejl tal-linja bażi fin-Netherlands u fi Flanders

L-għoti ta’ definizzjoni ta’ intersesswali huwa importanti u jista’ jkollu impatt sinifikanti fuq ir-rata ta’ rispons għall-istħarriġ. Eżempju reċenti ġej minn **studju tal-bord rappreżentattiv** mill-**Belġju** u min-**Netherlands**[209]. Il-parteċipanti magħżula “b’mod aleatorju” ġew mistoqsija jekk kinux intersesswali b’żewġ modi differenti, li influwenzaw l-okkorrenza/il-viżibbiltà tal-persuni intersesswali fir-riżultati tal-istudju. L-ewwel darba li l-intersess ġie vvalutat fl-istudju tal-bord kienet qabel ma ngħatat definizzjoni, u r-rispondenti setgħu jimmarkaw l-għażla ta’ “persuna intersess” kif applikabbli għalihom (fost għażliet oħra). B’kollox, 9 persuni għażlu din l-għażla (0,4 %). Wara li ngħatat id-definizzjoni lir-rispondenti, grupp differenti ta’ parteċipanti saritilhom il-mistoqsija jekk kinux persuna intersess, jew jekk kellhomx xi kundizzjoni intersess. Issa 28 persuna indikaw li identifikaw lilhom infushom bħala persuna intersesswali jew li kellhom kundizzjoni intersesswali (1,6 %). Għalhekk jidher importanti li tiġi inkluża definizzjoni ta’ intersesswali qabel ma jiġi vvalutat jekk ir-rispondenti humiex intersesswali jew għandhomx varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess.

Huwa importanti wkoll li ssir distinzjoni bejn il-mistoqsijiet li jistaqsu dwar jekk ir-rispondent għandux varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess, u mistoqsijiet li jistaqsu dwar jekk ingħatawx dijanjożi relatata ma’ tali varjazzjoni, kif juru ż-żewġ eżempji li ġejjin. Sakemm ir-riċerka ma tkunx speċifikament dwar il-kura tas-saħħa, l-approċċ preċedenti jkun preferibbli.

### 4.4.3.2. Eżempju li jistaqsi jekk ir-rispondenti għandhomx varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess: l- istħarriġ LGBTI II tal-FRA (online)

L-istħarriġ dwar l-LGBTI II UE tal-2019 tal-FRA inkluda għall-ewwel darba l-esperjenzi ta’ persuni intersesswali.

Il-mistoqsija li ntużat mill-FRA kienet din li ġejja.

[209] van Ditzhuijzen, J., & Motmans, J. (2020), Kennis En Opvattingen over Intersekse: Een Nulmeting in Nederland En Vlaanderen, Rutgers and UZ Gent, Utrecht and Ghent.

**M: Xi persuni jitwieldu b'karatteristiċi tas-sess (bħall-anatomija sesswali, l-organi riproduttivi, u/jew ix-xejriet tal-kromożomi) li ma jappartjenux b'mod strett għall-kategoriji maskili jew femminili jew jappartjenu għat-tnejn li huma fl-istess ħin. Dan huwa magħruf bħala "intersess". Tiddeskrivi lilek innifsek bħala intersess?**

- Iva
- Le

[BUTTUNA TAL-INFORMAZZJONI: *Varjazzjonijiet fil-karatteristiċi tas-sess* jistgħu jippreżentaw lilhom infushom qabel it-twelid u mat-twelid iżda wkoll matul it-tfulija, fil-pubertà jew fl-età adulta. Jaf innutajt varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess tiegħek f'età bikrija ħafna jew aktar tard fil-ħajja, u jaf wettaqt trattament kirurġiku jew mediku biex timmodifikahom.]

## Noti għall-kunsiderazzjoni

Il-mistoqsija tipprovdi definizzjoni għaċ-ċarezza u tippermetti lir-rispondenti jidentifikaw lilhom infushom. Madankollu, din ma tippermettix lir-rispondenti jiddeskrivu l-varjazzjonijiet tagħhom fi kliemhom stess u ma tinkludix l-għażliet ta' "ma nafx" jew "nippreferi ma nweġibx" (ara t-Taqsima Nru 2.3 ta' dan id-dokument ta' gwida).

### 4.4.3.3. Eżempju li jistaqsi jekk ir-rispondenti ġewx iddijanjostikati b'varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess – Riċerka dwar l-esperjenzi bi vjolenza fuq il-persuni LGBTI fi Flanders, fil-Belġju

Stħarriġ li għadu għaddej tal-LGBTI dwar il-vjolenza fil-**Belġju** jieħu l-approċċ li ġej, li jistaqsi speċifikament dwar dijanjożi[210].

**M: Xi persuni twieldu b'ġisem li ma jaqax fid-definizzjonijiet normattivi ta' raġel u mara. L-esperjenza ta' persuni li twieldu b'tali ġsem hija magħrufa bħala "intersess". Qatt ġejt iddijanjostikat b'forma ta' intersess mat-twelid jew f'data aktar tard?**

- Iva
- Le
- Ma nafx
- Ma rridx ngħid

[NOTA POP-UP: Intersess tirreferi għall-esperjenzi ta' persuni li jitwieldu b'ġisem li ma jaqax fid-definizzjonijiet normattivi ta' maskili u femminili. L-intersess hija diversa ħafna u mhux dejjem tikkonċerna karatteristiċi sesswali/ġenitali esterni. Il-karatteristiċi sesswali ma humiex biss il-ġenitali (il-pene/il-vaġina), iżda wkoll il-kromożomi, l-ormoni, jew l-organi sesswali interni (l-utru, il-glandoli tal-ormoni). Eżempji huma meta persuna titwieled b'ġisem femminili iżda bi kromożomi XY, jew xi ħadd b'pene u utru. Tista' tirrikonoxxi lilek innifisek f'din id-deskrizzjoni iżda qatt ma tkun smajt il-kelma intersess. It-tobba u l-fornituri tal-kura jistgħu jużaw termini mediċi bħal "psewdoermafrodite", (C)AIS, Klinefelter, AGS/CAH, 17-, Alfa/5-, Beta/5-, Alpha Reductase u hypospadias, MRKH, Turner, jew "diżorsni/differenza fl-iżvilupp tas-sess (DSD)".]

#### Noti għall-kunsiderazzjoni

Il-mistoqsija tipprovdi definizzjoni estensiva fin-nota pop-up, inklużi eżempji. Madankollu, ma tistaqsix dwar l-awtoidentifikazzjoni tar-rispondent, iżda pjuttost dwar dijanjożi. Dan l-approċċ mediku jista' jkun diffiċli għal persuni intersesswali li kienu trawmatizzati f'ambjenti mediċi. Dan jista' jeskludi wkoll lir-rispondenti li jkunu saru konxji mill-varjazzjoni tagħhom tal-karatteristiċi tas-sess huma stess u ma rċevewx dijanjożi formali. It-terminu "ġisem femminili" fit-test ta' spjegazzjoni jsaħħaħ ukoll is-suppożizzjonijiet normattivi ta' x'inhu "maskili" u "femminili". Dan jista' jiġi fformulat mill-ġdid, pereżempju, bħala "l-ġenitali esterni li huma meqjusa bħala 'femminili' (eż. labia, vulva, clitoris)". It-test jirreferi wkoll għad-dijanjożi ta' "psewdoermafrodite". Filwaqt li dan it-terminu għadu jintuża fil-mediċina, "ermafrodite" jitqies bħala terminu derogatorju u għalhekk għandu jiġi evitat jew

[210] Burgwal, A., & Motmans, J. (to be published). Enough: research into the experiences with violence of LGBTI people in Flanders, Belgium.

rikonoxxut bħala terminu li spiss jintuża b'mod derogatorju[211]. Fl-aħħar nett, "karatteristiċi tas-sess" huwa terminu aktar xieraq minn "karatteristiċi sesswali".

[211] Aktar informazzjoni dwar it-termini li għandhom jintużaw u jiġu evitati tista' tinstab fil-Parlament Ewropew (2020), Glossarju ta' Lingwaġġ Sensittiv għall-Komunikazzjonijiet Interni u Esterni.

# Anness: Glossarju

**Aġeneru:** "Terminu li jiddeskrivi persuni li ma jidentifikaw mal-ebda ġeneru. Dan it-terminu jista' jinkludi wkoll persuni li jesperjenzaw nuqqas ta' ġeneru u persuni li l-ġeneru tagħhom huwa newtrali. Il-persuni aġeneru għandhom firxa ta' orjentazzjonijiet sesswali, espressjonijiet tal-ġeneru u karatteristiċi tas-sess[212]."

**Allosesswali/romantiċi:** "Il-persuni Allo jesperjenzaw attrazzjoni sesswali u romantika, u ma jidentifikawx li huma fuq l-ispettru ta' ace jew ta' aro. Ir-relazzjoni ta' Allo fir-rigward tal-identitajiet tal-ispettru ace [asesswali] u aro [aromantiċi], hija bħal dik ta' straight mal-identitajiet tal-ispettru LGB+. Huwa importanti li jintuża kliem li jagħmel l-esperjenza ugwali, inkella l-oppost għal ace u għal aro isir "normali" li huwa stigmatizzanti[213]."

**Asesswali**: "Persuna li tista' tesperjenza attrazzjoni romantika jew emozzjonali, iżda ġeneralment ma tesperjenzax attrazzjoni sesswali. Demisesswali u l-greysexual/grey-asexual jiddeskrivu persuni bi gradi differenti ta' attrazzjoni sesswali. Asesswali jista' jintuża bħala terminu ġeneriku li jinkludi termini demisesswali, greysexual u termini oħra[214]." Il-persuni asesswali jistgħu jidentifikaw bħala aromantiċi, gay, leżbjani, bi, pan, eċċ.

**Aromantika:** "Persuna li ma tesperjenzax attrazzjoni romantika. Xi persuni aromantiċi jesperjenzaw attrazzjoni sesswali, filwaqt li oħrajn le. Il-persuni aromantiċi li jesperjenzaw attrazzjoni sesswali jew attrazzjoni romantika okkażjonali jistgħu jużaw ukoll termini bħal gay, bi, leżbajni, straight u queer flimkien ma' asesswali biex jiddeskrivu d-direzzjoni tal-attrazzjoni tagħhom[215]."

**Bisesswali (Bi+)**: "Bi huwa terminu ġeneriku li jintuża biex jiddeskrivi orjentazzjoni romantika u/jew sesswali lejn aktar minn ġeneru wieħed. Il-persuni Bi jistgħu jiddeskrivu lilhom infushom permezz ta' terminu wieħed jew aktar minn varjetà ta' termini, inklużi, iżda mhux limitati għal, bisesswali, pan, queer, u xi identitajiet oħra mhux monosesswali u mhux monoromantiċi[216]."

[212] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 5.
[213] Stonewall (2022), List of LGBTQ+ terms.
[214] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 2.
[215] Stonewall (2022), List of LGBTQ+ terms.
[216] Stonewall (2022), List of LGBTQ+ terms.

**Ċisġeneru**: “Persuna li l-identità tal-ġeneru attwali tagħha tikkorrispondi għas-sess li ġiet assenjata mat-twelid[217].”

**Endosess**: “Terminu li jiddeskrivi persuna li tkun twieldet b’karatteristiċi tas-sess li jaqblu ma’ kunċetti binarji tipiċi ta’ ġisem maskili jew femminili. Persuna endosess tista’ tidentifika ma’ kwalunkwe identità tal-ġeneru jew orjentazzjoni sesswali[218].” Ara wkoll **intersess**.

**Gay** “ tirreferi għal persuna li hija sesswalment u/jew emozzjonalment attirata lejn persuni tal-istess ġeneru. Tradizzjonalment tirreferi għall-irġiel, iżda persuni oħra li huma attirati lejn l-istess ġeneru jew ġeneri multipli jistgħu wkoll jiddefinixxu lilhom infushom bħala gay[219].”

**Ġeneru** huwa “element multidimensjonali li jorbot l-identità tal-ġeneru (element ewlieni tas-sens individwali ta’ persuna), l-espressjoni tal-ġeneru, u l-aspettattivi soċjali u kulturali dwar l-istatus, il-karatteristiċi, u l-imġiba li huma assoċjati mal-karatteristiċi tas-sess[220].” “Ġeneru tradizzjonalment jirreferi għal element soċjali u kulturali li wieħed ikun raġel jew mara. Madankollu, xi persuni ma jidentifikawx fi ħdan il-ġeneru binarju ta’ raġel/mara. Il-ġeneru jeżisti indipendentement mis-sess, u l-ġeneru ta’ individwu mhux dejjem jikkorrispondi mas-sess assenjat mat-twelid[221].”

**Ġeneru divers** tirreferi għad-diversità inerenti tal-esperjenza possibbli tal-ġeneru, li huma għalhekk usa’ minn ċisġeneru jew transġeneru. Id-diversità bejn il-ġeneri hija terminu ġeneriku għal ħafna identifikazzjonijiet possibbli tal-ġeneru, pereżempju ġeneru fluwidu, mingħajr ġeneru, aġeneru, biġeneru, eċċ.[222]

**Espressjoni tal-ġeneru** Tirreferi għall-manifestazzjoni ta’ kull persuna tal-ġeneru tal-persuna permezz tad-dehra fiżika” – inklużi l-ilbies, l-istili tax-xagħar, l-aċċessorji, il-kożmetiċi – u l-komportament, id-diskors, ix-xejriet ta’ mġiba, l-ismijiet, u r-referenzi personali, u tinnota wkoll li l-espressjoni tal-ġeneru tista’ jew ma tistax tikkonforma mal-identità tal-ġeneru ta’ persuna[223]”. “L-espressjoni tal-ġeneru hija separata mill-identità tal-ġeneru peress li kemm l-irġiel ċisġeneru kif ukoll dawk transġeneru jistgħu

[217] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 4.
[218] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 7.
[219] ILGA Europe (2022), Our Glossary.
[220] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 4.
[221] TGEU (2016), Glossary.
[222] Ara pereżempju d-distribuzzjoni tal-identitajiet tal-ġeneru fl-istħarriġ dwar l-LGBT II tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, FRA (2020), A long way to go for LGBTI equality, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu.
[223] International Commission of Jurists (2017, The Yogyakarta Principles Plus 10 - Additional Principles and State Obligation on the Application of International Human Rights Law in Relation to Sexual Orientation, Gender Expression and Sex Characteristics to Complement the Yogyakarta Principles, p. 6.

pereżempju jużaw imġiba u espressjoni stereotipiċi tal-ġeneru maskili, jew le. Għalkemm hemm varjazzjonijiet fil-mod ta' kif l-espressjoni tal-ġeneru (spiss definita bħala firxiet ta' femminilità u ta' maskulinità) hija definita u espressa kemm bejn il-gruppi kulturali kif ukoll maż-żmien, fil-qalba tas-sistema dominanti ta' twemmin b'espressjoni ta' ġeneru hija l-aspettattiva li n-nies li huma assenjati femminili mat-twelid għandu jkollhom espressjoni tal-ġeneru "femminili", u dawk assenjati maskili mat-twelid għandu jkollhom espressjoni tal-ġeneru "maskili"[224]."

**Ġeneru fluwidu**: "Persuna li ma tidentifikax ruħha ma' ġeneru fiss wieħed jew li għandha identità tal-ġeneru fluwida jew mhux fissa[225]."

**Identità tal-ġeneru** tirreferi "għall-esperjenza interna u individwali tal-ġeneru li kull persuna tħoss b'mod qawwi, li tista' tikorrispondi jew ma tikkorrispondix mas-sess assenjat mat-twelid, inkluż is-sens personali tal-ġisem (li jista' jinvolvi, b'għażla libera, modifika tad-dehra jew ta' funzjoni tal-ġisem permezz ta' mezzi mediċi, kirurġiċi jew oħrajn) u espressjonijiet oħra tal-ġeneru, inklużi l-ilbies, id-diskors u l-manjieri[226]".

**Ġeneru queer:** "Persuna li la tidentifika ruħha bħala raġel u lanqas mara, jew li tidentifika ruħha bħala t-tnejn li huma, jew taħlita ta' ġeneri[227]."

**Ġeneru mhux konformi:** "Terminu wiesa' li jirreferi għal persuni li ma jġibux ruħhom b'mod li jikkonforma mal-aspettattivi tradizzjonali tal-ġeneru tagħhom, jew li l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom ma taqax b'mod ċar f'kategorija. Filwaqt li ħafna jidentifikaw ukoll bħala transġeneru, mhux in-nies kollha li ma jikkonformawx mal-ġeneru jagħmlu dan[228]."

**Eterosesswali, straight**: "Persuna li l-attrazzjoni romantika, emozzjonali u/jew fiżika tagħha hija għal persuni ta' ġeneru differenti[229]."

**Omosesswali:** "Persuni li jkunu attirati sesswalment u/jew emozzjonalment lejn persuni tal-istess ġeneru, normalment binarji. Huwa rrakkomandat li jintużaw it-termini leżbjani u gay minflok persuni omosesswali. It-termini leżbjani u gay qed jitqiesu newtrali u pożittivi, u l-enfasi hija fuq l-identità minflok fuq li din tiġi tkun sesswalizzata jew patologizzata[230]."

---

[224] West C, Zimmerman DH. (1987), Doing Gender. *Gender and Society* 1(2), pp. 125-151.
[225] Human Rights Campaign (2022), Glossary of Terms.
[226] Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi (2007), Yogyakarta principles: principles on the application of international human rights law in relation to sexual orientation and gender identity, p. 8.
[227] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 5.
[228] Human Rights Campaign (2022), Glossary of Terms.
[229] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 2.
[230] ILGA Europe (2022), Our Glossary.

**Intersess:** "Individwi intersesswali jitwieldu b'karatteristiċi tas-sess (anatomija sesswali, organi riproduttivi, struttura ormonali u/jew livelli u/jew xejriet tal-kromożomi) li ma jissodisfawx id-definizzjoni tipika ta' maskili jew femminili. It-terminu "intersess" huwa terminu ġeneriku għall-ispettru ta' varjazzjonijiet tal-karatteristiċi tas-sess li jseħħu b'mod naturali fl-ispeċi tal-bniedem. It-terminu intersess jirrikonoxxi l-fatt li, fiżikament, is-sess huwa spettru u li jeżistu persuni b'varjazzjonijiet fil-karatteristiċi tas-sess għajr maskili jew femminili[231]."

**Rikonoxximent legali tal-ġeneru:** "Proċess li bih il-ġeneru ta' persuna trans u/jew intersesswali jiġi rikonoxxut fil-liġi, jew il-kisba tal-proċess[232]."

**Leżbjana:** Tirreferi għal mara li għandha orjentazzjoni romantika u/jew sesswali lejn in-nisa. Xi persuni mhux binarji jistgħu jidentifikaw ruħhom ukoll ma' dan it-terminu[233].

**LGBTIQ**: Akronimu għal leżbjani/gay/bisesswali/trans/intersesswali u queer/dubjużi. Varjanti popolari oħrajn iżidu l-ittra A, fejn A tfisser asesswali, aromantiċi jew aġeneru u "+". Iż-żieda ta' "+" ġeneralment titqies aktar inklużiva, li tinkludi realtajiet/identitajiet oħra bħal (iżda mhux limitati għal) asesswali, pansesswali, mhux konformi mal-ġeneru[234].

**Mhux binarji:** "Aġġettiv li jiddeskrivi persuni li l-identità tal-ġeneru tagħhom taqa' barra mill-binarju maskili-femminili. Mhux binarji hija terminu ġeneriku li jinkludi varjetà wiesgħa ta' esperjenzi tal-ġeneru, inklużi persuni b'identità speċifika tal-ġeneru minbarra raġel jew mara, persuni li jidentifikaw ruħhom bħala żewġ ġeneri jew aktar (biġeneru jew pan/poliġeneru) u persuni li ma jidentifikaw mal-ebda ġeneru (aġeneru)[235]." Xi persuni mhux binarji jippreferu isem jew pronomi newtrali għall-ġeneru, bħal huma/dawn aktar milli hu/dan jew hi/din (ara l-pronomi personali).

**Pansesswali:** "Meta persuna tkun emozzjonalment u/jew sesswalment attirata lejn persuni irrispettivament mill-ġeneru tagħhom[236]."

**Pronomi personali:** "Il-pronomi huma kliem li nużaw biex nitkellmu dwarna nfusna ("jien"), inkellmu lil xi ħadd ("int") jew biex nitkellmu dwar persuni oħra ("hija", "huwa", "huma", eċċ.) Bl-Ingliż, "he" u "she", imsejħa pronomi ta' persuni terzi, huma bbażati

[231] ILGA Europe (2022), Our Glossary. Din hija verżjoni mqassra tad-definizzjoni żviluppata mill-komunità intersesswali u minn Europe OII, ara Dan Christian Ghattas (2015), Standing up for the Human Rights of Intersex People – How Can You Help? , *OII Europe u ILGA Europe*, Brussell, p. 9.
[232] ILGA Europe (2022), Our Glossary.
[233] Stonewall (2022), List of LGBTQ+ terms.
[234] Adottat mill-pubblikazzjoni tal-Parlament Ewropew (2020), Glossary of Sensitive Language for Internal and External Communications, p. 11. Din in-nota ta' gwida tuża l-akronimu "LGBTIQ" biex tallinja mat-terminoloġija li ntużat fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025.
[235] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 5.
[236] ILGA Europe (2022), Our Glossary.

fuq il-ġeneru, filwaqt li l-"they" fis-singular huwa newtrali għall-ġeneru. F'lingwi oħra, bħall-Għarbi u l-Korean, il-pronomi tat-tieni persuna ("inti") u l-pronomi tal-ewwel persuna ("jien") jistgħu jkunu wkoll ibbażati fuq il-ġeneru. Xi lingwi ma jirrikjedux li l-pronomi jindikaw il-ġeneru jew ikollhom għażla newtrali għall-ġeneru, inklużi l-Ġappuniż, is-Swahili, l-Iżvediż u t-Tork. L-Iżvezja żiedet il-pronoun newtrali għall-ġeneru "hen" mal-lingwa tagħha biex tikkomplementa "han" (huwa) u "hon" (hija). Lingwi oħra ma jimmarkaw l-ebda ġeneru, inklużi l-Armen, il-Finlandiż, l-Ungeriż, il-Persjan u l-Yoruba[237]."

**Queer**: "Tradizzjonalment, terminu negattiv, il-queer jintuża minn xi nies u huwa meqjus li jinkludi firxa wiesgħa ta' orjentazzjonijiet sesswali , identitajiet tal-ġeneru u espressjonijiet differenti. Dan jista' jintuża bħala terminu ġeneriku għal persuni b'SOGIESC differenti, jew bħala alternattiva għall-frażi "persuni b'SOGIBC differenti" jew l-akronimu LGBT. Queer jintuża minn ħafna nies li jħossuhom li ma jikkonformawx man-normi ekonomiċi, soċjali u politiċi ta' soċjetà partikolari abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom[238]." "Madankollu, skont il-kuntest, xi persuni xorta jistgħu jqisu t-terminu bħala wieħed offensiv[239]."

**Sess** hija "element multidimensjonali bbażat fuq raggruppament ta' karatterstiċi anatomiċi u psikoloġiċi (**karatteristiċi tas-sess**), li jinkludu l-ġenitali esterni, il-karatteristiċi sekondarji tas-sess, il-gonadi, il-kromożomi, u l-ormoni. Normalment dan jiġi assenjat bħala femminili jew maskili, ħafna drabi definit mat-twelid abbażi ta' spezzjoni viżwali tal-ġenitali esterni[240]."

**Sess assenjat mat-twelid:** "Is-sess li jiġi assenjat lil persuna mat-twelid, tipikament abbażi tal-anatomija esterna tat-tarbija [...]. Il-frażijiet "nisa assenjati mat-twelid" (AFAB) u "irġiel assenjati mat-twelid" (AMAB) jirreferu għal persuni b'karatteristiċi tipiċi tas-sess maskili jew femminili, irrispettivament mill-identità tal-ġeneru jew mill-espressjoni tal-ġeneru tagħhom. Il-frażi "persuna femminili [maskili] assenjata b'mod koerċittiv mat-twelid" (CAFAB u CAMAB) tirreferi għal persuni intersesswali assenjati sess binarju, spiss permezz ta' kirurġiji mhux konsenswali[241]."

**Karatteristiċi tas-sess** "tirreferi għall-karatteristiċi fiżiċi ta' kull persuna relatati mas-sess, inklużi l-ġenitali u anatomija sesswali u riproduttiva oħra, il-kromożomi, l-ormoni,

[237] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 5.
[238] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 2.
[239] ILGA Europe (2022), Our Glossary.
[240] National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 3.
[241] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 7.

u l-karatteristiċi fiżiċi sekondarji li jirriżultaw mill-pubertà[242]". Persuni li għandhom varjazzjoni fil-karatteristiċi tas-sess (VSC) li taqa' barra mill-fehim normattiv ta' iġsma bbażati fuq il-ġeneru spiss jissejħu intersess.

**Orjentazzjoni sesswali** tirreferi għal "kif wieħed iħossu miġbud (jew mhux miġbud) lejn persuna oħra b'mod sesswali u/jew romantiku[243]". "Dan jinkludi attrazzjoni emozzjonali, affettiva, u sesswali għal, u relazzjonijiet intimi u sesswali ma', individwi ta' ġeneru differenti jew l-istess ġeneru jew aktar minn ġeneru wieħed[244]." It-tliet aspetti l-aktar imkejla b'mod komuni meta tiġi identifikata l-orjentazzjoni sesswali huma l-attrazzjoni sesswali, l-imġiba sesswali, u l-identità sesswali[245].

**SOIGESC**: "Akronimu għall-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess[246]."

**Trans/transġeneru**: "Terminu ġeneriku li jiddeskrivi persuni li l-ġeneru tagħhom ma huwiex l-istess bħas-sess li ġew assenjati mat-twelid, jew li l-persuni ma jħossuhomx komdi bih. Il-persuni trans jistgħu jiddeskrivu lilhom infushom billi jużaw varjetà wiesgħa ta' termini, inklużi (iżda mhux limitati għal) transġeneru, transsesswali, ġeneru queer (GQ), ġeneru fluwidu, mhux binarji, varjant tal-ġeneru, cross-dresser, mingħajr ġeneru, aġeneru, nonġeneru, it-tielet ġeneru, biġeneru, raġel trans, mara trans, trans maskili, trans feminili u neutrois[247]."

**Varjazzjonijiet fil-karatteristiċi tas-sess (VSC)** jirreferu għall-"karatteristiċi tas-sess (anatomija sesswali, organi riproduttivi, struttura ormonali u/jew livelli u/jew xejriet tal-kromożomi) li ma jissodisfawx id-definizzjoni tipika ta' maskili jew femminili. It-terminu "intersess" huwa terminu ġeneriku għall-ispettru ta' varjazzjonijiet tal-karatteristiċi tas-sess li jseħħu b'mod naturali fl-ispeċi tal-bniedem[248]." "Xi wħud minn dawn il-varjazzjonijiet jistgħu jkunu evidenti qabel jew mat-twelid, filwaqt li oħrajn ma jkunux evidenti sa wara l-pubertà jew aktar tard jew jistgħu ma jkunux fiżikament evidenti.

---

[242] International Commission of Jurists (2017, The Yogyakarta Principles Plus 10 - Additional Principles and State Obligation on the Application of International Human Rights Law in Relation to Sexual Orientation, Gender Expression and Sex Characteristics to Complement the Yogyakarta Principles, p. 6.
[243] Il-Parlament Ewropew (2020), Glossary of Sensitive Language for Internal and External Communications, p. 12.
[244] International Commission of Jurists (2007), Yogyakarta principles: principles on the application of international human rights law in relation to sexual orientation and gender identity, p. 8.
[245] Adottat mill-pubblikazzjoni tan-National Academies of Sciences, Engineering, and Medicine (2022), Measuring Sex, Gender Identity, and Sexual Orientation, The National Academies Press, Washington DC, p. 5.
[246] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 1.
[247] Stonewall (2022), List of LGBTQ+ terms.
[248] ILGA Europe (2022), Our Glossary.

Hemm aktar minn 40 varjazzjoni intersess; l-esperti jistmaw li bejn 0,5 % u 1,7 % tal-popolazzjoni titwieled b'karatteristiċi intersess[249]."

[249] IOM UN Migration (2021), SOGIESC Glossary of Terms, UNHCR, p. 7.